FTEHIM TA' SĦUBIJA VOLONTARJA

bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ tal-Injam u tal-Prodotti Derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

minn naħa waħda,

U R-REPUBBLIKA TAL-KAMERUN, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kamerun"

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "il-Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 ([1]), irrevedut fil-Lussemburgu fit-23 ta' Ġunju 2005, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-ftehim ta' Cotonou";

WARA LI KKUNSIDRAW il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali tal-Ispeċi ta' Fawna u Flora Selvaġġi f'Periklu ta' Estinzjoni (CITES) u b'mod partikolari l-ħtieġa li l-permessi ta' esportazzjoni maħruġa mill-Partijiet fis-CITES għal kampjuni ta' speċi elenkati fl-Annessi I, II jew III jinħarġu biss taħt ċerti kundizzjonijiet, inkluż li tali speċi ma jkunux miksuba bi ksur tal-Liġijiet ta' dan l-Istat għall-ħarsien tal-fawna u l-flora;

WARA LI KKUNSIDRAW il-leġislazzjoni tal-foresti fis-seħħ fil-Kamerun, u b'mod partikolari l-kodiċi tal-foresta u l-liġijiet l-oħra rilevanti li japplikaw għas-settur tal-foresti;

WARA LI KKUNSIDRAW ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea ([2]);

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ (FLEGT) ([3]) bħala l-ewwel pass biex wieħed jiġġieled b'mod urġenti l-użu illegali tal-foresti u l-kummerċ assoċjat ma' dan;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Yaoundé tas-16 ta' Ottubru 2003 dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti u l-Governanza fl-Afrika;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-Dikjarazzjoni Konġunta tat-28 ta' Settembru 2007 ffirmata f'Yaoundé bejn il-Kamerun u l-Kummissjoni Ewropea dwar in-negozjar ta' ftehim ta' sħubija volontarja taħt l-inizjattiva FLEGT;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji li mhumiex legalment vinkolanti, iżda awtorevoli, għal Kunsens Dinji dwar il-ġestjoni, iż-żamma u l-użu ekoloġikament sostenibbli tat-tipi kollha ta' foresti adottata fl-14 ta' Awwissu 1994, u l-adozzjoni fil-31 ta' Jannar 2008 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ta' għodda li mhijiex legalment vinkolanti fuq it-tipi kollha ta' foresti ([4]);

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-prinċipji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna għall-Iżvilupp adottata mill-Forum ta' Livell Għoli tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) f'Pariġi fit-2 ta' Marzu 2005, imsaħħa mill-Aġenda ta' azzjoni ta' Accra ta' Settembru 2008 u rriaffermati mill-partijiet;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-importanza mogħtija mill-partijiet lill-objettivi ta' żvilupp miftiehma fuq livell internazzjonali u lill-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju tan-Nazzjonijiet Uniti;

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.
([3]) COM(2003) 251 finali, 21.5.2003.
([4]) A/RES 62/98 tal-31 ta' Jannar 2008.

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji msemmija fid-Dikjarazzjoni ta' Rio de Janeiro tal-1992 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp fil-kuntest tas-salvagwardjar u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u b'mod partikolari l-prinċipju 10 dwar l-importanza li tinħoloq kuxjenza fost il-pubbliku u l-parteċipazzjoni fil-kwistjonijiet ambjentali, u l-prinċipju 22 dwar ir-rwol essenzjali tal-popolazzjonijiet indiġeni u komunitajiet lokali oħra fil-ġestjoni tal-ambjent u l-iżvilupp;

IDDETERMINATI li jaħdmu biex inaqqsu l-effetti negattivi fuq il-komunitajiet lokali u indiġeni u l-popolazzjonijiet fqar li jistgħu jirriżultaw direttament mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-importanza mogħtija mill-partijiet lill-prinċipji u lir-regoli li jirregolaw is-sistemi ta' kummerċ multilaterali, b'mod partikolari d-drittijiet u l-obbligi previsti fil-Ftehim Ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ (GATT) tal-1994 u l-ftehimiet multilaterali l-oħra fl-Anness IA tal-Ftehim ta' Marrakexx tal-15 ta' April 1994 li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu applikati,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-isforzi kostanti magħmula mill-Kamerun sabiex jippromwovi b'mod ġenerali ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tal-fawna fit-territorju nazzjonali kollu u b'mod partikolari sabiex jiżgura l-legalità tal-movimenti kollha tal-injam,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-importanza mogħtija mill-partijiet lill-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, tas-settur privat u tal-popolazzjonijiet lokali u residenti, inklużi l-popli inidiġeni, fis-suċċess tal-politika ta' governanza tal-foresti b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet u l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku,

B'DAN FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-ftehim, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Injam u prodotti derviati", il-prodotti elenkati fl-Anness I-A;

(b) "Injam u prodotti derivati fi tranżitu", l-injam u l-prodotti derivati li joriġinaw minn pajjiż terz, li dħlin taħt il-kontroll doganali fit-territorju tal-Kamerun u li joħorġu taħt l-istess forma, filwaqt li jżommu l-oriġini tagħhom;

(c) "Importazzjoni fl-Unjoni Ewropea", it-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera tal-injam u l-prodotti derivati fl-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1] u li ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala "merkanzija ta' natura mhux kummerċjali" skont id-definizzjoni li tidher fil-punt 6 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [2];

(d) *"Tpoġġija f'ċirkulazzjoni ħielsa"*, skema doganali tal-Unjoni li tagħti l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni lil merkanzija li mhijiex tal-Unjoni (b'referenza għar-Regolament (KE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità), li jimplika l-ġbir ta' kwalunkwe dazju dovut għall-importazzjoni; il-ġbir, kif xieraq, ta' taxxi oħra; l-applikazzjoni tal-miżuri ta' politika kummerċjali, kif ukoll ta' miżuri ta' projbizzjoni jew ta' restrizzjoni; u t-twettiq ta' formalitajiet oħra previsti għall-importazzjoni tal-merkanzija;

(e) *"Esportazzjoni"*, il-ħruġ jew l-irtirar fiżiku mit-territorju tal-Kamerun tal-injam u l-prodotti derivati jew prodotti jew akkwsitati fil-Kamerun għajr l-injam u l-prodotti derivati fi tranżitu fit-territorju tal-Kamerun taħt il-kontroll tal-awtoritajiet doganali tal-Kamerun;

(f) *"Kodiċi SA"*, kodiċi b'erba' ċifri li jidher fin-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata ta' Deżinjazzjoni u ta' Kodifikazzjoni tal-Merkanzija stabbilita mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata ta' Deżinjazzjoni u ta' Kodifikazzjoni tal-Merkanzija tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana, f'konformità man-nomenklaturi magħquda tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ekonomika u Monetarja tal-Afrika Ċentrali (CEMAC);

(g) *"Liċenzja FLEGT"*, ċertifikat li jirreferi għal spedizzjoni bħala waħda li ġejja minn sors legali u vverifikata b'mod konformi mal-kriterji stabbiliti f'dan il-Ftehim;

(h) *"Awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji"*, l-awtorità magħżula mill-Kamerun biex toħroġ u tivvalida l-liċenzji FLEGT;

(i) *"Awtoritajiet kompetenti"*, l-awtoritajiet magħżula mill-Istati Membri tal-Unjoni biex jivverifikaw l-liċenzji FLEGT;

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
[2] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

(j) *"Spedizzjoni"*, kwantità ta' injam u prodotti derivati koperta minn liċenzja FLEGT mibgħuta mill-Kamerun minn speditur jew trasportatur, li hija ppreżentata f'uffiċċju tad-dwana biex titpoġġa f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni;

(k) *"Injam prodott jew akkwistat b'mod legali"*, injam li ġej jew li jirriżulta minn wieħed jew bosta proċessi ta' produzzjoni jew ta' xiri inkluż l-injam impurtat, totalment konformi mal-kriterji kollha stabbiliti fil-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ fil-Kamerun u li japplikaw għas-settur tal-foresti, u vverifikat/ikkontrollat skont l-arranġamenti speċifikati fl-Anness II.

Artikolu 2

Għan

1. L-għan ta' dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem ukoll imsejjaħ "FSV") huwa li jipprovdi qafas legali bl-għan li jiżgura li l-importazzjonijiet kollha fi ħdan l-Unjoni Ewropea mill-Kamerun ta' injam u prodotti derivati koperti minn dan il-Ftehim ikunu ġew prodotti jew akkwistati b'mod legali.

2. F'dan il-kuntest, il-partijiet jaqblu, inter alia:

(a) li jippromwovu l-kummerċ tal-injam u l-prodotti derivati;

(b) li jistabbilixxu bażi għad-djalogu u l-kooperazzjoni;

ċ) li jippromwovu l-iżvilupp tal-industriji tal-foresti fil-Kamerun u b'hekk itejbu l-kompetittività tas-settur;

(d) li joħolqu u jinkoraġġixxu opportunitajiet ekonomiċi għall-komunitajiet ta' residenti u l-impriżi lokali;

(e) li jinfurzaw il-kapaċitajiet tal-atturi tal-Kamerun billi jiffavorixxu l-ħolqien ta' klima li hija favorevoli għall-investiment fil-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim japplika għall-injam u l-prodotti derivati kollha li jaqgħu taħt l-iskema ta' liċenzji FLEGT u li huma elenkati fl-Anness I-A.

Artikolu 4

Skema ta' liċenzji FLEGT

1. Skema ta' liċenzji dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-Governanza u l-Kummerċ tal-Foresti (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"iskema ta' liċenzji FLEGT") hija b'dan stabbilita bejn il-partijiet f'dan il-Ftehim. Hija tistabbilixxi grupp ta' rekwiżiti u ta' proċeduri li jkollu l-għan li jivverifika u jiċċertifika, permezz ta' liċenzji FLEGT, li l-injam u l-prodotti derivati mibgħuta lejn l-Unjoni jkunu prodotti jew akkwistati b'mod legali. L-Unjoni għandha taċċetta tali spedizzjonijiet mill-Kamerun għall-importazzjoni fl-Unjoni biss jekk ikunu koperti minn dawn il-liċenzji FLEGT.

2. L-Iskema ta' Liċenzji FLEGT għandha tapplika għall-injam u l-prodotti derivati elenkati fl-Anness I-A. L-injam u l-prodotti derivati elenkati fl-Anness I-B ma jistgħux jiġu esportati mill-Kamerun.

3. Il-partijiet jaqblu li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex japplikaw din l-iskema ta' liċenzji FLEGT.

Artikolu 5

Awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji

1. Il-Kamerun għandu jinnomina l-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT tiegħu u għandu jinnotifika d-dettalji ta' kuntatt tagħha lill-Kummissjoni Ewropea. Iż-żewġ partijiet għandhom jagħmlu din l-informazzjoni pubblika.

2. L-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għandha tivverifika li l-injam u l-prodotti derivati jkunu prodotti jew akkwistati b'mod legali b'mod konformi mal-leġislazzjoni identifikata fl-Anness II. Skont it-termini stabbiliti fl-Anness III-A, hija għandha toħroġ il-liċenzji FLEGT li jkopru l-ispedizzjonijiet ta' injam u prodotti derivati li huma prodotti jew akkwsitati b'mod legali fil-Kamerun u li huma maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

3. Ma jistgħux jinħarġu liċenzji FLEGT mill-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għall-injam u l-prodotti derivati li huma magħmula minn, jew jinkludu, injam u prodotti derivati impurtati fil-Kamerun minn pajjiż terz f'forma li fiha hija pprojbita l-esportazzjoni skont il-liġijiet tal-pajjiż ikkonċernat, jew li għaliha hemm provi li dan l-injam u l-prodotti derivati ġew prodotti jew akkwsitati bi ksur tal-liġijiet tal-pajjiż minn fejn is-siġar ġew maqtugħin.

4. L-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għandha tiddokumenta u tagħmel disponibbli pubblikament il-proċeduri tagħha għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT.

Artikolu 6

Awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tgħarraf lill-Kamerun bid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti magħżula mill-Istati Membri tal-Unjoni u l-ambiti territorjali ta' kompetenzi rispettivi tagħhom.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li kull spedizzjoni jkollha liċenzja FLEGT valida qabel ma titpoġġa f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni. Il-proċeduri li jirregolaw it-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni ta' spedizzjonijiet koperti minn liċenzja FLEGT huma deskritti fl-Anness IV.

3. Kull awtorità kompetenti għandha żżomm aġġornata u tippubblika kull sena dikjarazzjoni tal-liċenzji FLEGT irċevuti.

4. B'mod konformi mal-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu lill-persuni u lill-korpi nnominati mill-Kamerun bħala awditur indipendenti l-aċċess għad-dokumenti u d-*data* rilevanti.

5. Madankollu, l-injam u l-prodotti derivati mill-ispeċi elenkati fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali tal-Ispeċi ta' Fawna u Flora Selvaġġi f'Periklu ta' Estinzjoni (CITES) u koperti minn liċenzja FLEGT, fid-dħul tal-Unjoni, għandhom jiġu sottomessi biss għall-verifika preskritta mir-Regolament (KE) Nru 338/97 tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom [1], billi l-liċenzja FLEGT tiċċertifika wkoll li dan l-injam ġie prodott jew akkwistat b'mod legali.

Artikolu 7

Liċenzji FLEGT

1. Il-liċenzji FLEGT għandhom jinħarġu mill-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji sabiex jiċċertifikaw li l-injam u l-prodotti derivati huma prodotti jew akkwistati b'mod legali.

2. Il-liċenzji FLEGT għandhom jiġu stabbiliti fuq formola bilingwi (Ingliż u Franċiż) u għandhom jimtlew bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

3. Il-partijiet jistgħu, bi ftehim komuni, jistabbilixxu sistema elettronika għall-ħruġ, it-trażmissjoni u r-riċezzjoni tal-liċenzji FLEGT.

4. Il-liċenzji FLEGT għandhom jinħarġu b'mod konformi mal-proċeduri deskritti fl-Anness V.

Artikolu 8

Injam prodott jew akkwsitat b'mod legali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, definizzjoni tal-injam prodott jew akkwsitat b'mod legali tidher fl-Artikolu 1(k) u fl-Anness II.

2. L-Anness II jippreżenta wkoll il-leġislazzjoni tal-Kamerun li għandha tiġi rispettata sabiex tkun tista' toħroġ liċenzja FLEGT. Hija tinkludi 'skali ta' legalità', bi kriterji, indikaturi u verifikaturi li jippermettu li tiġi stabbilita l-konformità mal-leġislazzjoni fis-seħħ.

Artikolu 9

Verifika tal-legalità tal-injam prodott jew akkwistat

1. Il-Kamerun għandu jistabbilixxi sistema li tivverifika li l-injam u l-prodotti derivati huma prodotti jew akkwsitati b'mod legali u li l-ispedizzjonijiet ivverifikati bħala tali biss jiġu esportati lejn l-Unjoni. Din is-sistema ta' verifika tal-legalità tinkludi kontrolli ta' konformità sabiex jiġi żgurat li l-injam u l-prodotti derivati li għandhom jiġu esportati lejn l-Unjoni jkunu ġew prodotti jew akkwsitati b'mod legali u li l-liċenzji FLEGT ma nħarġux għal spedizzjonijiet ta' injam li ma jkunx ġie prodott jew akkwsitat b'mod legali, jew li l-oriġini tiegħu ma tkunx magħrufa. Din is-sistema tinkludi wkoll proċeduri bl-għan li jiġi żgurat li l-injam ta' oriġini illegali jew mhux magħrufa ma jidħolx fil-katina tal-provvista.

2. Din is-sistema ta' verifika tal-legalità tal-injam u l-prodotti derivati hija deskritta fl-Anness III-A.

3. Il-Kamerun għandu jivverifika l-legalità tal-injam u l-prodotti derivati esportati lejn swieq 'il barra mill-Unjoni, mibjugħa fuq is-swieq domestiċi kif ukoll tal-injam u l-prodotti derivati impurtati.

Artikolu 10

Konsultazzjonijiet dwar il-validità tal-liċenzji FLEGT

1. F'każ li tiġi preżunta l-invalidità ta' liċenzja FLEGT, l-awtorità kompetenti kkonċernata tista' titlob lill-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għal informazzjoni kumplimentari.

2. Jekk l-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji ma tweġibx fi żmien 21 jum kalendarju mid-data meta tirċievi t-talba, jew jekk l-informazzjoni kumplimentari rċevuta tikkonferma l-invalidità, jew jekk id-dettalji li jidhru fuq il-liċenzja FLEGT ma jikkorrispondux mal-ispedizzjoni, l-awtorità kompetenti kkonċernata m'għandhiex taċċetta l-liċenzja FLEGT u għandha tiddeċiedi kif tipproċedi b'applikazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ. L-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għandha tiġi infurmata b'dan.

3. Jekk min-naħa l-oħra, l-informazzjoni kumplimentari pprovduta mill-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji turi li l-liċenzja FLEGT hija valida, il-liċenzja FLEGT għandha tiġi aċċettata u l-proċeduri deskritti fl-Anness IV għandhom jiġu segwiti.

Artikolu 11

Awditur indipendenti

1. Il-partijiet għandhom jaqblu fuq il-ħtieġa li jimpjegaw is-servizzi ta' awditur indipendenti f'perijodi deċiżi minn qabel biex jiżguraw il-prestazzjoni u l-effikaċja tal-iskema ta' liċenzji FLEGT kif stabbilit fl-Anness VI.

2. Il-Kamerun, b'konsultazzjoni mal-Unjoni, għandu jimpjega s-servizzi ta' dan l-awditur indipendenti.

3. L-awdituri indipendenti għandu jikkomunika l-osservazzjonijiet tiegħu lill-partijiet permezz ta' rapporti kompleti skont il-proċedura deskritta fl-Anness VI.

[1] ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

4. Il-partijiet għandhom jiffaċilitaw ix-xogħol tal-awditur indipendenti, inkluż billi jiżguraw li dan ikollu aċċess fit-territorju rispettiv ta' kull Parti għall-informazzjoni meħtieġa biex iwettaq il-ħidma tiegħu. Madankollu, Parti tista', b'mod konformi mal-leġislazzjoni rispettiva tagħha dwar il-protezzjoni tad-data, tastjeni milli tagħti kwalunkwe informazzjoni li mhijiex awtorizzata li tikkomunika.

5. Il-Kamerun għandu jippubblika r-rapport tal-awditur indipendenti skont il-proċeduri u l-mekkaniżmi previsti fl-Annessi VI u VII.

Artikolu 12

Skambji ta' informazzjoni dwar il-funzjonament tal-iskema FLEGT

1. B'għan konġunt li tiġi protetta l-integrità u r-reputazzjoni tal-iskema ta' liċenzji FLEGT stabbilita fil-qafas ta' dan il-Ftehim, il-partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jinfurmaw lil xulxin u mingħajr dewmien dwar kwalunkwe ħassib li jikkonċerna l-każijiet possibbli ta' frodi fl-użu jew il-ħruġ tal-liċenzji FLEGT, kif ukoll għall-injam jew il-prodotti derivati li jinkludu injam ta' oriġini suspettuża li ġej minn pajjiżi terzi, ta' evitar abużiv jew mhux onest tal-iskema ta' liċenzji FLEGT.

2. L-esportazzjonijiet tal-injam u l-prodotti derivati vverifikati bħala legali lejn il-pajjiżi importaturi ta' injam għajr dawk tal-Unjoni, li magħhom il-Kamerun għandu relazzjonijiet kummerċjali, ma jikkostitwux każijiet ta' evitar skont dan l-Artikolu.

Artikolu 13

Data tal-introduzzjoni tal-iskema ta' liċenzji FLEGT

1. Il-partijiet għandhom jaqblu fuq id-data li minnha l-iskema ta' liċenzji FLEGT għandha ssir operattiva.

2. Qabel it-tnedija tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT għandha ssir evalwazzjoni teknika konġunta li l-objettivi u l-kriterji tagħha huma stabbiliti fl-Anness VIII.

Artikolu 14

Skeda ta' implimentazzjoni tal-Ftehim

1. Il-partijiet b'dan jaqblu fuq l-iskeda qabel l-implimentazzjoni kif deskritta fl-Anness IX.

2. Il-Kunsill Konġunt ta' Implimentazzjoni, previst fl-Artikolu 19, li jaħdem permezz tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ, għandu jevalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni skont l-iskeda prevista fl-Anness IX.

Artikolu 15

Miżuri ta' akkumpanjament

1. Il-partijiet identifikaw l-oqsma deskritti fl-Anness X bħala dawk li fihom ir-riżorsi tekniċi u finanzjarji kumplimentari li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Il-provvista ta' dawn ir-riżorsi kumplimentari għandha tkun sottomessa għall-proċeduri normali ta' programmazzjoni tal-għajnuna għall-Kamerun tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, kif ukoll għall-proċeduri baġitarji tal-Kamerun innifsu.

3. Il-partijiet għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li jkun hemm ftehim komuni, li bih il-finanzjament u l-kontribuzzjonijiet tekniċi tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri tal-Unjoni jkunu koordinati biex jappoġġjaw dawn il-miżuri fil-qafas tal-Programm Settorjali għall-Foresta u l-Ambjent.

4. Il-Kamerun għandu jiżgura li l-infurzar tal-kapaċitajiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ikun integrat fl-għodod nazzjonali għall-ippjanar, bħalma huma l-Programm Settorjali għall-Foresta u l-Ambjent u l-istrateġiji għat-tnaqqis tal-faqar.

5. Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-attivitajiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ikunu koordinati mal-inizjattivi ta' żvilupp relattivi bħalma huma:

(a) l-appoġġ għall-iżvilupp lokali;

(b) il-promozzjoni tal-industrijalizzazzjoni tas-settur tal-foresti;

(c) l-infurzar tal-kapaċitajiet.

6. Il-kontribuzzjoni ta' riżorsi kumplimentari għandha tkun sottomessa għall-proċeduri li jirregolaw l-għajnuna tal-Unjoni, kif previst fil-Ftehim ta' Cotonou u għal dawk li jirregolaw l-għajnuna bilaterali ta' kull wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni lill-Kamerun, bla ħsara għall-proċeduri tad-donaturi interessati filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji preskritti fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-effikaċja tal-għajnuna għall-iżvilupp. F'dan ir-rigward, ir-riżorsi kumplimentari għandhom jiffinanzjaw l-attivitajiet imsemmijin fil-paragrafu 5 hawn fuq fil-qafas u l-loġika tal-Programm Settorjali għall-Foresta u l-Ambjent.

Artikolu 16

Parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fl-implimentazzjoni tal-Ftehim

1. Il-Kamerun għandu jikkonsulta b'mod regolari mal-partijiet interessati tal-Kamerun dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, fil-qafas ta' Kumitat Nazzjonali ta' Monitoraġġ jew permezz ta' pjattaformi oħra ta' konsultazzjoni, filwaqt li jikkunsidra l-leġislazzjoni tiegħu dwar l-iskema tal-foresti u tal-fawna u l-liġijiet u r-regolament kollha fis-seħħ li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku u l-aċċess għall-ġustizzja għall-kwistjonijiet marbuta mal-ambjent.

2. L-arranġamenti għall-istabbiliment ta' Kumitat Nazzjonali ta' Monitoraġġ u r-rwoli rispettivi tal-partijiet interessati differenti tal-Kamerun fl-implimentazzjoni tal-Ftehim huma deskritti *inter alia* fl-Annessi III-A, III-B u X.

3. L-Unjoni għandha tikkonsulta b'mod regolari lill-partijiet interessati Ewropej dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-1998 dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali u l-aċċess għall-ġustizzja fir-rigward tal-ambjent, kif ukoll dwar it-transpożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

Artikolu 17

Klawżoli ta' salvagwardja soċjali, ekonomika u ambjentali tal-komunitajiet lokali u indiġeni

1. Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti negattivi possibbli tal-iskema ta' liċenzji FLEGT fuq il-komunitajiet indiġeni u lokali kkonċernati, il-partijiet għandhom jiftiehmu li jevalwaw l-impatt ta' dan il-Ftehim fuq id-drawwiet tal-ħajja tagħhom.

2. Il-partijiet għandhom jissorveljaw l-impatti b'mod partikolari ekonomiċi u ambjentali ta' dan il-Ftehim fuq dawn il-komunitajiet, u għandhom jieħdu miżuri raġonevoli xierqa sabiex inaqqsu kwalunkwe impatt mhux favorevoli.

Artikolu 18

Miżuri ta' inċentiv relatati mas-suq

L-aċċess għas-suq tal-Unjoni tal-injam u l-prodotti derivati impurtati mill-Kamerun skont it-termini ta' dan il-Ftehim għandu jiġi akkumpanjat b'azzjonijiet ta' promozzjoni ta' dan l-injam u l-prodotti derivati. Dawn l-azzjonijiet jinkludu:

(a) it-tħeġġiġ ta' linji politiċi ta' xiri pubbliku u privat li jirrikonoxxu l-isforzi biex tiġi żgurata provvista ta' prodotti talforesta ta' oriġini legali, b'mod partikolari l-injam u l-prodotti derivati;

(b) il-promozzjoni tal-injam u l-prodotti derivati li jkollhom liċenzji FLEGT fis-suq tal-Unjoni;

(c) il-promozzjoni fuq livell internazzjonali tas-sistema ta' verifika tal-legalità stabbilita fil-qafas ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 19

Pjan istituzzjonali ta' implimentazzjoni

1. Wara r-ratifika ta' dan il-Ftehim, il-partijiet għandhom jistabbilixxu struttura ta' deċiżjoni msejħa "Kunsill Konġunt ta' Implimentazzjoni", aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kunsill", u struttura konsultattiva msejħa "Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ" (KKM).

2. Il-Kunsill għandu jkun magħmul minn żewġ rappreżentanti nnominati minn kull waħda mill-partijiet b'rappreżentant għal kull parti. Huwa għandu jirċievi delegazzjoni mill-partijiet sabiex jissorvelja l-implimentazzjoni u għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' kunsens. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu formalizzati taħt il-forma ta' reżoluzzjonijiet iffirmati mir-rappreżentanti tal-partijiet. Il-Kunsill huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Barra minn hekk, il-Kunsill għandu wkoll:

(a) jiltaqa' f'dati stabbiliti bi ftehim komuni tal-Partijiet;

(b) jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess;

(c) jippubblika rapport annwali, li d-dettalji tal-kontenut tiegħu huma stipulati fl-Anness VII;

(d) jiżgura li l-ħidma tal-KKM tkun trasparenti u li l-informazzjoni u r-riżultati li jirrigwardjawha jkunu aċċessibbli għallpubbliku;

(e) jistabbilixxi l-arranġamenti għas-soluzzjoni tat-tilwim u għandu jieħu sehem fir-riċerka ta' soluzzjonijiet reċiprokament sodisfaċenti għaż-żamma tal-funzjonament tajjeb ta' dan il-Ftehim, b'mod konformi mal-Artikolu 24;

(f) jeżamina l-emendi tal-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u jadotta dawk relatati mal-Annessi, b'mod konformi mal-Artikolu 29.

3. Il-KKM, li huwa mpoġġi taħt l-awtorità tal-Kunsill u li l-membri tiegħu huma nnominati mill-partijiet, għandu jiżgura l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Huwa għandu jiffaċilita wkoll id-djalogu u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet. Barra minn hekk, il-KKM għandu wkoll:

(a) jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena fid-dati u l-postijiet deċiżi mill-Kunsill u għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet kunsenswali lill-Kunsill;

(b) jelabora l-aġenda tal-ħidmiet tiegħu u t-termini ta' referenza għall-azzjonijiet komuni;

(c) jistabbilixxi, wara l-validazzjoni mill-Kunsill, ir-regoli ta' proċeduri tiegħu stess;

(d) ikun ippresedut waqt il-laqgħat tiegħu skont sistema ta' kopresidenza;

(e) jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma jew korpi awżiljari oħra għall-oqsma li jeżiġu kompetenzi speċifiċi.

4. Il-missjonijiet tal-KKM huma stabbiliti fl-Anness XI.

Artikolu 20

Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim

1. Ir-rappreżentanti tal-partijiet responsabbli għall-komunikazzjonijiet uffiċjali dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu:

(a) għall-Kamerun: il-Ministru responsabbli mill-foresti;

(b) għall-Unjoni: il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kamerun.

2. Il-partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin fi żmien xieraq l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 21

Informazzjoni ppubblikata

1. L-informazzjoni ppubblikata hija kkunsidrata bħala wieħed mill-elementi bażiċi maħsuba biex jinfurzaw il-governanza fil-qafas tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv li għandu l-għan li jiggarantixxi t-trasparenza tal-funzjonament tal-iskema ta' liċenzji FLEGT fil-Kamerun u fl-Unjoni Ewropea, il-Partijiet b'dan jaqblu li jużaw il-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni l-aktar xierqa, jiġifieri: il-midja miktuba u awdjoviżiva, l-Internet, gruppi ta' ħidma u pubblikazzjonijiet diversi. Dettalji dwar l-informazzjoni ppubblikata jinsabu fl-Anness VII.

2. Il-Partijiet jaqblu wkoll li s-setgħat, il-proċeduri u l-arranġamenti ta' funzjonament tal-Kunsill u tas-KKM għandhom ikunu ppubblikati.

Artikolu 22

Informazzjoni kunfidenzjali

1. Kull Parti timpenja ruħha, fil-limiti preskritti mil-liġijiet tagħha stess, li ma tisvelax informazzjoni kunfidenzjali skambjata fil-qafas ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom jastjenu milli jisvelaw lill-pubbliku, u ma jippermettux lill-awtoritajiet tagħhom involuti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim li jisvelaw l-informazzjoni skambjata fil-qafas ta' dan il-Ftehim li tikkostitwixxi sigrieti tal-kummerċ jew informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.

2. Suġġett għall-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala kunfidenzjali:

(a) in-numru ta' liċenzji FLEGT maħruġa mill-Kamerun u rċevuti mill-Unjoni kif ukoll il-volum ta' injam u prodotti derivati esportati mill-Kamerun u rċevuti mill-Unjoni;

(b) l-ismijiet u l-indirizzi tad-detenturi tal-liċenzji FLEGT u tal-importaturi.

Artikolu 23

Applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim japplika fit-territorju li fih it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa applikat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Trattat, minn naħa, u fit-territorju tal-Kamerun, min-naħa l-oħra.

Artikolu 24

Soluzzjoni ta' tilwim

1. Il-partijiet għandhom jipprovaw isibu soluzzjoni għal kwalunkwe tilwima rigward l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim permezz ta' konsultazzjonijiet rapidi.

2. Jekk ma tinsabx soluzzjoni għal kunflitt permezz ta' konsultazzjonijiet rapidi, l-ewwel Parti rikjedenti tista' tippreżenta ddettalji tal-kunflitt lill-Kunsill, li jagħmel sforz biex jipproponi arranġamenti għal soluzzjoni lill-Partijiet. L-informazzjoni kollha xierqa għandha tingħata lill-Kunsill sabiex tiġi eżaminata fiddettall is-sitwazzjoni bl-iskop li tinstab soluzzjoni aċċettabbli. Għal dan il-għan, il-Kunsill jista' jirreferi l-każ lill-KKM. Il-KKM għandu perijodu ta' żmien stabbilit mill-Kunsill biex jittrażmetti l-proposta ta' soluzzjoni tiegħu lill-Kunsill, li għandu jagħmel hiltu biex jeżamina l-possibbiltajiet kollha biex iżomm il-funzjonament tajjeb ta' dan il-Ftehim.

3. Fil-każ li l-Kunsill ma jkunx kapaċi jsib soluzzjoni għattilwima, il-Partijiet jistgħu:

(a) jitolbu b'mod konġunt il-bon offiċji ta' terz jew jitolbu l-medjazzjoni minn parti terza;

(b) fil-każ li ma tkunx tista' tinsab soluzzjoni għall-kunflitt b'mod konformi mal- paragrafu 3(a), jirrikorru għall-arbitraġġ.

4. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-arranġamenti ta' konsultazzjoni, ta' medjazzjoni u ta' arbitraġġ, b'mod koerenti ma' dawk miftiehma fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika jew matul il-perijodu intermedjarju, fil-qafas tal-Ftehim Interim lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Afrika Ċentrali (il-Kamerun), min-naħa l-oħra.

Artikolu 25

Sospensjoni

1. Kull parti tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Id-deċiżjoni ta' sospensjoni u r-raġunijiet għal din iddeċiżjoni għandhom jiġu notifikati bil-miktub lill-Parti l-oħra.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim f'dan il-każ jieqfu japplikaw 90 jum kalendarji minn meta ssir din in-notifika.

3. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim terġa' tibda tletin jum kalendarji wara li l-Parti li ssospendiet l-applikazzjoni tiegħu tinforma lill-Parti l-oħra li r-raġunijiet għas-sospensjoni m'għadhomx japplikawx.

Artikolu 26

Annessi

L-Annessi għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 27

Tul ta' żmien u tiġdid

Mid-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal perijodu ta' seba' snin, u jiġġedded b'mod awtomatiku mingħajr azzjoni mill-Partijiet għal perijodi tal-istess tul ta' żmien, ħlief jekk Parti minnhom tittermina dan il-Ftehim billi tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-deċiżjoni tagħha mill-inqas tnax-il xahar qabel ma jiskadi l-perijodu attwali.

Artikolu 28

Tmiem tal-Ftehim

Minkejja l-Artikolu 27, parti waħda jew l-oħra tista' ttemm dan il-Ftehim billi tinnotifika dan lill-oħra. Dan il-Ftehim għalhekk jieqaf japplika tnax-il xahar mid-data ta' din in-notifika.

Artikolu 29

Emendi

1. Waqt li taġixxi permezz tar-rappreżentant tagħha fi ħdan il-Kunsill, kwalunkwe Parti li tixtieq temenda dan il-Ftehim għandha tinnotifika l-proposta tagħha lill-Parti l-oħra mill-inqas tliet xhur (3) qabel il-laqgħa li jmiss tal-KKM. Il-Kunsill għandu jagħti instruzzjonijiet lill-KKM biex jeżamina l-proposta. F'każ li jkun hemm kunsens, dan tal-aħħar għandu jabbozza rakkomandazzjoni, li għandha tiġi nnotifikata lill-Kunsill għall-evalwazzjoni tiegħu. Kull rappreżentant għandu jeżamina r-rakkomandazzjoni u, jekk japprovaha, jinforma lill-ieħor sabiex jiftiehmu fuq data għall-firma u kull parti tadottaha skont il-proċeduri interni tagħha stess.

2. Kwalunkwe emenda approvata b'dan il-mod miż-żewġ partijiet għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan.

3. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u bla ħsara għall-eżami mill-KKM, l-emendi fl-Annessi għandhom jiġu adottati mill-Kunsill.

4. In-notifika ta' kwalunkwe emenda għandha tintbagħat lid-depożitarji ta' dan il-Ftehim u għandha tidħol fis-seħħ fiż-żmien u fil-forma stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 30

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Ungeriża, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża u Taljana, b'kull test ikun ugwalment awtentiku. F'każ ta' diverġenza ta' interpretazzjoni, it-test bil-Franċiż għandu jipprevali.

Artikolu 31

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub bit-tlestija tal-proċeduri rispettivi u meħtieġa għal dan il-għan.

2. In-notifika għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Kamerun, li għandhom ikunu id-depożitarji komuni ta' dan il-Ftehim.

Съставено в Брюксел на шести октомври две хиляди и десета година.

Hecho en Bruselas, el seis de octubre de dos mil diez.

V Bruselu dne šestého října dva tisíce deset.

Udfærdiget i Bruxelles den sjette oktober to tusind og ti.

Geschehen zu Brüssel am sechsten Oktober zweitausendzehn.

Kahe tuhande kümnenda aasta oktoobrikuu kuuendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις έξι Οκτωβρίου δύο χιλιάδες δέκα.

Done at Brussels on the sixth day of October in the year two thousand and ten.

Fait à Bruxelles, le six octobre deux mille dix.

Fatto a Bruxelles, addì sei ottobre duemiladieci.

Briselē, divi tūkstoši desmitā gada sestajā oktobrī.

Priimta du tūkstančiai dešimtų metų spalio šeštą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizedik év október hatodik napján.

Magħmul fi Brussell, fis-sitt jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u għaxra.

Gedaan te Brussel, de zesde oktober tweeduizend tien.

Sporządzono w Brukseli dnia szóstego października roku dwa tysiące dziesiątego.

Feito em Bruxelas, em seis de Outubro de dois mil e dez.

Întocmit la Bruxelles la șase octombrie două mii zece.


V Bruseli dňa šiesteho októbra dvetisícdesať.

V Bruslju, dne šestega oktobra leta dva tisoč deset.

Tehty Brysselissä kuudentena päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakymmenen.

Som skedde i Bryssel den sjätte oktober tjugohundratio.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Република Камерун
Por la República de Camerún
Za Kamerunskou republiku
For Republikken Cameroun
Für die Republik Kamerun
Kameruni Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία του Καμερούν
For the Republic of Cameroon
Pour la République du Cameroun
Per la Repubblica del Camerun
Kamerūnas Republikas vārdā –
Kamerūno Respublikos vardu
A Kameruni Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tal-Kamerun
Voor de Republiek Kameroen
W imieniu Republiki Kamerunu
Pela República dos Camarões
Pentru Republica Camerun
Za Kamerunskú republiku
Za Republiko Kamerun
Kamerunin tasavallan puolesta
För republiken Kamerun

SOMMARJU TAL-ANNESSI

Anness I-A+-B	A - Lista tal-prodotti sottomessi għal-liċenzji FLEGT B - Lista tal-prodotti pprojbiti mill-esportazzjoni
Anness II	Skali ta' legalità
Anness III-A+-B	A - Sistema ta' verifika tal-legalità B - Qafas istituzzjonali tas-Sistema ta' Verifika tal-Legalità
Anness IV	Kundizzjonijiet li jirregolaw it-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea tal-injam u l-prodotti derivati esportati mill-Kamerun u akkumpanjati minn liċenzja FLEGT
Anness V	Rekwiżiti għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT
Anness VI	Termini ta' referenza għall-verifika indipendenti tas-Sistema ta' Verifika tal-Legalità
Anness VII	Informazzjoni ppubblikata
Anness VIII	Kriterji ta' evalwazzjoni tas-Sistema ta' Verifika tal-Legalità
Anness IX	Skeda ta' implimentazzjoni tal-Ftehim
Anness X	Miżuri ta' akkumpanjament u mekkaniżmi ta' finanzjament
Anness XI	Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ

ANNESS I-A

LISTA TAL-PRODOTTI SOTTOMESSI GĦAL-LIĊENZJI FLEGT

Il-prodotti li ġejjin għandhom jiġu sottomessi għal-liċenzja FLEGT

PRODOTTI	Kodiċijiet SA
Injam aħrax, sew jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew magħmul kwadru	4403
Travi tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew injam simili	4406
Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew imminċottat fit-truf, ta' ħxuna iktar minn 6 mm	4407
Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), folji għat-triplaj jew għal injam laminat simili u injam ieħor isserrat mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew imminċottat fit-truf, mhux eħxen minn 6 mm	4408
Triplaj, pannelli miksijin bil-fuljetta u injam laminat simili	4412
Għodod, partijiet u manek ta' għodod, il-parti prinċipali ta' xkupilji, manek ta' xkupi jew ta' xkupilji, tal-injam; forom, għodod għat-tkabbir taż-żraben, tal-injam	4417
Għamara tal-injam tat-tip li tintuża fl-uffiċċji	9403 30
Għamara tal-injam tat-tip li tintuża fil-kċejjen	9403 40
Għamara tal-injam tat-tip li tintuża fil-kmamar tas-sodda	9403 50
Għamara oħra tal-injam	9403 60

Għall-finijiet ta' eżempju, il-prodotti u l-ispeċi kkonċernati huma deskritti fid-dettall hawn taħt, b'kundizzjoni li l-parti tal-Kamerun tadatta t-tariffa doganali CEMAC għan-nomenklatura tas-sistema armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (ODD) li tikklassifika l-injam maqtugħ bis-serrieq ta' sapelli u iroko rispettivament taħt il-kodiċijiet 4407 27 u 4407 28. Il-prodotti u speċi jistgħu jiġu mmodifikati skont l-iżviluppi fis-suq mingħajr ma tkun meħtieġa emenda tal-Ftehim.

PRODOTTI	KODIĊIJIET CEMAC
PRODOTTI SPEĊJALI	
Ebanu	44 07 29 15
ZKUK PRINċipali tas-siġar	44 03 49 00
Speċi ta' promozzjoni tal-ewwel kategorija	
Bilinga	44 03 49 09
Idigbo	44 03 49 17
Kossipo	44 03 49 21
DANTA	44 03 49 22
Limba	44 03 49 24
Ayous/obeche	44 03 49 46
EKKI	44 03 49 47
Koto	44 03 49 75
Okoumé	44 03 49 88
Tali	44 03 49 94

PRODOTTI	KODIĊIJIET CEMAC
Tiama	44 03 49 95
Speċi ta' promozzjoni tat-tieni kategorija	
Abura/Bahia	44 03 49 01
Ako	44 03 49 05
Andoung	44 03 49 06
Avodire	44 03 49 07
DabEma	44 03 49 12
NiovE	44 03 49 30
Olon	44 03 49 31
Ovoga/Angalé	44 03 49 32
Ozigo	44 03 49 33
Tchitola	44 03 49 36
ESSIA/abing	44 03 49 39
Okan/Adoum	44 03 49 40
Amvout/ekong	44 03 49 41
Asila/omang	44 03 49 45
Bodioa	44 03 49 48
Cordia/ebe/mukumari	44 03 49 49
Dambala	44 03 49 50
Diana/celtis/odou	44 03 49 51
Ebiara/abem	44 03 49 53
Ekaba	44 03 49 54
Ekop Evene/Evene	44 03 49 56
Gombé/Ekop Gombé	44 03 49 57
Naga/Ekop Naga	44 03 49 58
Emien/ekouk	44 03 49 59
Essak	44 03 49 60
Eseng/lo	44 03 49 61
Essessang	44 03 49 62
Esson	44 03 49 63
Etimoe	44 03 49 64
Eveus/Ngon	44 03 49 65
Evoula/Vitex	44 03 49 66
Eyeck	44 03 49 67

PRODOTTI	KODIĊIJIET CEMAC
Faro	44 03 49 68
Iatanga/Evouvous	44 03 49 69
Kanda	44 03 49 72
Kapokier/Bombax/Esodum	44 03 49 73
Kondroti/Ovonga	44 03 49 74
Kumbi/Okoa	44 03 49 76
Landa	44 03 49 77
Lati/Edjil	44 03 49 78
Limbali	44 03 49 79
Lotofa/Nkanang	44 03 49 81
Mambodé/ZEBrano	44 03 49 82
Moambé	44 03 49 84
Mukulungu	44 03 49 85
Mutundo	44 03 49 86
MAMMEa/Abodzok	44 03 49 87
Ozanbili/Angongui	44 03 49 89
Osanga/Sikon	44 03 49 90
Ouochi/Albizia/Angoyeme	44 03 49 91
Tsanya/Akela	44 03 49 97
INJAM TROpikali ieħor (Agba, Ekoune, Alumbi, Miama…)	44 03 49 99
Travi tal-injam għal-linji tal-ferrovija u injam simili	44 06
Injam maqtugħ bis-serrieq	44 07 29 00
Abura/Bahia	44 07 29 01
KAWBA	44 07 29 02
Afromosia	44 07 29 03
CANARIUM	44 07 29 04
Ako	44 07 29 05
Andoung	44 07 29 06
Avodire	44 07 29 07
Beté	44 07 29 08
Bilinga	44 07 29 09
Bossé	44 07 29 10
Bubinga	44 07 29 11
Dabéma	44 07 29 12

PRODOTTI	KODIĊIJIET CEMAC
Douka	44 07 29 13
AFZELIA	44 07 29 14
Ebanu	44 07 29 15
Okoko	44 07 29 16
Idigbo	44 07 29 17
CEIBA	44 07 29 18
Igaganga	44 07 29 19
Izombé	44 07 29 20
Kossipo	44 07 29 21
DANTA	44 07 29 22
Kodrodus	44 07 29 23
Limba	44 07 29 24
Moabi	44 07 29 25
AYAN	44 07 29 26
MutEnyE	44 07 29 27
Niangon	44 07 29 28
Niové	44 07 29 29
Olon	44 07 29 30
Ovoga	44 07 29 31
Ozigo	44 07 29 32
Padouk	44 07 29 33
Bahia rosewood	44 07 29 34
Tchitola	44 07 29 35
Tola	44 07 29 36
Zebrano	44 07 29 37
ESSIA/abing	44 07 29 38
Akan jew adoum	44 07 29 39
Amvout jew ekong	44 07 29 40
Angueuk	44 07 29 41
Aningré	44 07 29 42
Afzelia/paschiloba	44 07 29 43
Asila/omang	44 07 29 44
Ayous/obEchE	44 07 29 45
Ekki	44 07 29 46

PRODOTTI	KODIĊIJIET CEMAC
Bodioa	44 07 29 47
Cordia/ebe/mukumari	44 07 29 48
Dambala	44 07 29 49
Diana/celtis/odou	44 07 29 50
African walnut	44 07 29 12
Ebiara/berlinia	44 07 29 52
Ekaba	44 07 29 53
Ekone	44 07 29 54
Ekop evene	44 07 29 55
Ekop gombé mamelle	44 07 29 56
Ekop naga	44 07 29 57
Alstonia/stoolwood	44 07 29 58
Essak	44 07 29 59
Eseng/lo	44 07 29 60
Erimado	44 07 29 61
Esson	44 07 29 62
Etimbé	44 07 29 63
Eveuss/gon	44 07 29 64
Evoula/vitex	44 07 29 65
Eyeck	44 07 29 66
Omugo	44 07 29 67
Iatandza/evouvous	44 07 29 68
Alomba	44 07 29 69
Iroko	44 07 29 70
Kanda	44 07 29 71
Kapokier/bombax	44 07 29 72
Kondroti/ovonga	44 07 29 73
Koto	44 07 29 74
Kumbi/ekos	44 07 29 75
Landa	44 07 29 76
Lati/edjil	44 07 29 77
Limbali	44 07 29 78
Longhi	44 07 29 79
Lotofa/nkanang	44 07 29 80

PRODOTTI	KODIĊIJIET CEMAC
Mambode/zebrano	44 07 29 81
Mansonia	44 07 29 82
Enantia chlorantha	44 07 29 83
Mukulungu	44 07 29 84
Mutundo	44 07 29 85
Mammea/abodzok	44 07 29 86
Okoumé	44 07 29 87
Onzabili/angongui	44 07 29 88
Osanga/sikon	44 07 29 89
Ouochi/albizia	44 07 29 90
Ovangkol	44 07 29 91
Sapelli	44 07 29 92
Utile	44 07 29 93
Tali	44 07 29 94
Tiama	44 07 29 95
Tsanga/akela	44 07 29 96
Wenghe	44 07 29 97
Injam tropikali ieħor	44 07 29 98
Parké	44 09 20 00
Fuljetti	44 08 39 00
Triplaj	44 12 13 00
Prodotti lesti tal-injam	94 03 30 00
	94 03 40 00
	94 03 50 00
	94 03 60 00
	44 17 00 00

ANNESS I-B

LISTA TAL-PRODOTTI PROJBITI MILL-ESPORTAZZJONI

PRODOTTI	CODES CEMAC
Zkuk prinċipali tas-siġar	
Kawba	44 03 49 02
Afromosia	44 03 49 03
Bété/Mansonia	44 03 49 08
Bossé	44 03 49 10
Bubinga	44 03 49 11
Douka	44 03 49 13
Afzelia ħamra	44 03 49 14
Ceiba	44 03 49 18
Moabi	44 03 49 26
Ayan	44 03 49 27
Padouk	44 03 49 34
Bahia rosewood	44 03 49 35
Zebrano	44 03 49 38
Apa jew afzelia bajda	44 03 49 44
Aningré	44 03 49 43
African walnut	44 03 49 52
Ilomba	44 03 49 70
Iroko	44 03 49 71
Longhi/abam	44 03 49 80
Ovangkol	44 03 49 92
Sapelli	44 03 49 93
Utile	44 03 49 94
Wenghe	44 03 49 98

ANNESS II

SKALI TA' LEGALITÀ

I. **Definizzjoni tal-legalità**

Il-legalità tal-injam li jitpoġġa fis-suq hija bbażata fuq il-konformità mal-liġijiet u regolamenti nazzjonali u mal-istrumenti legali internazzjonali ratifikati kif dovut li l-applikazzjoni tagħhom hija meħtieġa biex tiġi garantita l-vijabbiltà tal-ġestjoni tal-foresti mill-impriża li tipproduċi u/jew li tesporta, il-forniturі tagħha u s-sottokuntratturi tagħha, f'isem is-sid tal-foresta (l-Istat, il-muniċipalità, sid privat jew komunità).

Id-definizzjoni tal-legalità stabbilita b'kunsens tal-partijiet interessati kollha għal dan il-għan tista' tiġi miġbura fil-qosor kif ġej:

> "Huwa meqjus injam legali kwalunkwe injam li ġej jew li jirriżulta minn proċess wieħed jew bosta proċessi ta' produzzjoni jew ta' akkwist totalment konformi mad-dispożizzjonijiet statutorji u regolatorji fis-seħħ fil-Kamerun li japplikaw għas-settur tal-foresti, u vverifikat/ikkontrollat bħala tali."

Id-definizzjoni tal-legalità tal-injam kummerċjali hija bbażata fuq l-għarfien u l-infurzar tal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ fil-Kamerun, kif ukoll fuq ir-rispett tal-istrumenti legali internazzjonali rratifikati kif dovut mill-Kamerun fil-qasam tal-foresti, kummerċjali, ambjentali, soċjali, u tad-drittijiet tal-bniedem. Il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali kkunsidrati jinkludu b'mod partikolari:

— il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Kamerun;

— il-Liġi Nru 81-13 li tistabbilixxi skema tal-foresta, tal-fawna u tas-sajd tas-27 ta' Novembru 1981, mhux kompletament abrogata u t-testi ta' applikazzjoni tagħha (inkluż id-digriet ta' applikazzjoni Nru 83-169 tat-12 ta' April 1983, mhux abrogat);

— il-liġi ġdida tal-foresta Nru 94-01 li tistabbilixxi skema tal-foresta, tal-fawna u tas-sajd tal-20 ta' Jannar 1994, u t-testi ta' applikazzjoni tagħha (inkluż id-digriet Nru 94-436 tal-PM tat-23 ta' Awwissu 1994 (li mhux id-dispożizzjonijiet kollha tiegħu huma abrogati), id-digriet Nru 95-531 tal-PM tal-1995 u deċiżjonijiet u ċirkulari oħra fis-seħħ);

— il-liġi-qafas dwar il-ġestjoni tal-ambjent Nru 96/12 tal-5 ta' Awwissu 1996, u t-testi ta' applikazzjoni tagħha;

— is-sentenza Nru 222 MINEF ([1]) tal-25 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar l-użu tal-foresti tal-SFP ([2]);

— il-Liġi Nru 2002/003 tad-19 ta' April 2002 li tistabbilixxi kodiċi ġenerali tat-taxxi;

— il-leġislazzjoni li tirregola l-investiment (Liġi Nru 2002/004 tad-19 ta' April 2002 li tistabbilixxi karta tal-investimenti, emendata u kkompletata mill-Liġi Nru 2004/020 tat-22 ta' Lulju 2004);

— id-digriet Nru 99/781/PM tat-13 ta' Ottubru 1999 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' applikazzjoni tal-Artikolu 71(1) tal-Liġi tal-foresta Nru 94/01 tal-20 ta' Jannar 1994 dwar skema tal-foresta, tal-fawna u tas-sajd;

— id-digriet Nru 2005/577 tat-23 ta' Frar 2005 dwar l-EIAs u s-sentenza Nru 0069 MINEP ([3]) tat-8 ta' Marzu 2005 dwar il-kategoriji sottomessi lill-EIA ([4]);

— il-Liġijiet diversi dwar il-finanzi annwali;

— il-kodiċi tax-xogħol, Liġi Nru 92-007 tal-14 ta' Awwissu 1992;

— il-leġislazzjoni li tirregola l-assistenza soċjali ([5]);

— ir-regolamentazzjoni fitosanitarja (MINADER ([6]));

([1]) Ministeru tal-Ambjent u tal-Foresti.
([2]) Settur tal-foresti permanenti.
([3]) Ministeru tal-Ambjent u tal-Ħarsien tan-Natura.
([4]) Environmental Impact Assessment (Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali)
([5]) Ara Caisse nationale de prevoyance sociale, *Recueil des textes de base* (1979).
([6]) Ministeru tal-Agrikoltura u tal-Iżvilupp Rurali.

— l-konvenzjoni kollettiva nazzjonali (April 2002) tal-impriżi operattivi, tal-ipproċessar tal-prodotti tal-foresti u l-attivitajiet relatati (l-eżerċizzju tad-dritt għall-organizzazzjoni, id-delega tal-persunal, il-kuntratt tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-salarji, l-iġjene-sigurtà u s-saħħa, eċċ.).

L-istrumenti legali internazzjonali msemmija hawn fuq jinkludu, *inter alia*:

— it-Trattat dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-foresti tal-Afrika ċentrali u li jistabbilixxi l-Kummissjoni tal-Foresti tal-Afrika Ċentrali (Commission des forestas d'Afrique centrale - COMIFAC) (Frar 2005);

— il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali tal-Ispeċi ta' Fawna u Flora Selvaġġi f'Periklu ta' Estinzjoni (CITES), li ġiet iffirmata fit-3 ta' Marzu 1973 u emendata fit-22 ta' Ġunju 1979;

— il-Konvenzjoni dwar id-diversità bijoloġika (convention sur la diversité biologique - CDB), li ġiet iffirmata f'Ġunju 1992.

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawn l-istrumenti legali internazzjonali segwiet it-transpożizzjoni tagħhom fit-testi legali nazzjonali.

Kwalunkwe emenda ta' dawn it-testi jew kwalunkwe leġislazzjoni ġdida fil-qasam għandha tirriżulta fl-emenda sussegwenti ta' dan l-Anness.

L-elaborazzjoni ta' din id-definizzjoni tal-legalità kkunsidrat ukoll l-elementi li ġejjin:

— l-inizjattivi diversi żviluppati fir-rigward tal-legalità (TFT-TTAP ([1]), REM ([2]), TRAFFIC ([3]), CoC ([4]), FSC ([5]), eċċ.);

— il-proposta PROFOREST ([6]) tas-6 ta' Settembru 2005 dwar it-traċċabbilità;

— in-"Noti ta' informazzjoni FLEGT ([7])" editjati mill-Unjoni Ewropea;

— il-qafas ta' referenza FORCOMS dwar il-konformità regolamentarja, l-ewwel verżjoni 2005, u l-verżjoni konsolidata ta' Frar 2007 għall-Kamerun;

— l-għodod OLB-BVQI ([8]) u TLTV-SGS ([9]) ta' Frar 2006 dwar il-legalità;

— ir-rapport "Definizzjoni ta' injam legali skont it-testi u r-Regolamenti fis-seħħ fil-Kamerun" (GTZ/PGDRN ([10]) – MINFOF ([11])) tal-15 ta' Frar 2006;

— ir-rapport "Il-legalità tal-injam VPA fil-Kamerun (approċċ bi qbil tas-sistemi differenti)", dokument ta' Mejju 2006 GTZ;

— ir-rapport COMIFAC ([12]) (WRI ([13])-UICN ([14])-IFIA ([15])) dwar il-proġett FORCOMS-faża II ta' Frar 2007;

([1]) Assoċjazzjoni tas-settur privat li jisimha Tropical Forest Trust u li tamministra proġett ta' appoġġ għas-settur privat dwar il-verifika tal-legalità (ref Timber Trade Action Programme).
([2]) Resource Extraction Monitoring.
([3]) Proġett għat-traċċabbiltà u l-legalità tad-WWF.
([4]) Chain of Custody, sistema ta' traċċabbiltà.
([5]) Forest Stewardship Council.
([6]) Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.
([7]) Nota ta' informazzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-infurzar tal-Liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ, bl-Ingliż: Forest Law Enforcement, Governance and Trade.
([8]) Oriġini legali tal-injam/Bureau Véritas.
([9]) Traċċabbiltà legalità/Kumpanija ġenerali għas-sorveljanza.
([10]) Gesellschaft fur Technishe Zusammenarbeit (Kooperazzjoni Teknika Ġermaniża)/Programm ta' ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali.
([11]) Ministeru tal-Foresti u tal-Fawna.
([12]) Kummissjoni tal-Foresti tal-Afrika Ċentrali (Commission des forêts d'Afrique centrale).
([13]) World Resources Institute.
([14]) Unjoni internazzjonali għall-preżervazzjoni tan-natura (Union internationale de la conservation de la nature).
([15]) International Forest Industry Association.

— il-proposta ta' test legali tal-COMIFAC dwar il-kontroll tal-foresti fl-Afrika Ċentrali ta' Ottubru 2007;

— il-PKI ([1]) ATO/ITTO ([2]) u l-manwal ta' verifika/serje ITTO Nru14 - 2003.

II. **L-iskali ta' legalità**

Fuq il-bażi tad-definizzjoni tal-legalità, il-Kamerun elabora grupp ta' skali ta' legalità li kellhom jintużaw biex tiġi vverifikata l-konformità tal-funzjonament (meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet legali) tal-entitajiet tal-foresti ([3]) attivi fil-Kamerun, kif ukoll dik tal-prodotti li joħorġu minnu. Dawn l-iskali huma r-riżultat ta' ħidma parteċipattiva u interattiva li tinkludi t-tħassib tal-partijiet interessati diversi.

Il-multiċiplità tal-iskali ta' legalità tirriżulta mill-fatt li l-leġislazzjoni tal-foresti tal-Kamerun tipprevedi bosta modi ta' provvista ta' injam li għalihom it-tħassib dwar il-legalità mhuwiex l-istess. Kull waħda minn dawn l-iskali għalhekk ġiet mibnija biex jidhru b'mod ċar r-rekwiżiti legali speċifiċi assoċjati ma' kull wieħed mill-modi ta' provvista previsti mil-leġislazzjoni tal-Kamerun. Wara li ġew ikkunsidrati dawn l-ispeċifitajiet, tmien skali ta' legalità diġà ġew elaborati skont is-sorsi ta' provenjenza tal-injam: is-settur tal-foresti permanenti (SFP) li huwa magħmul minn artijiet li huma assenjati b'mod definittiv lill-foresta, is-settur tal-foresti mhux permanenti (SFMP) li huwa magħmul minn artijiet tal-foresti li huma suxxettibbli li jiġu assenjati għal użi oħra milli dawk tal-foresti (żona agro-forestrija) fl-aħħar nett, l-unitajiet tal-ipproċessar tal-injam (UII).

Fis-settur tal-foresti permanenti (SFP)

— Tabella ta' legalità 1 (GL1): Konvenzjoni tat-tħaddim (KT).

— Tabella ta' legalità 2 (GL2): foresta tal-komun (FK); ġestjoni diretta.

Fis-settur tal-foresti mhux permanenti (SFMP)

— Tabella ta' legalità 3 (GL3): liċenzja għall-irkupru tal-injam (AII).

— Tabella ta' legalità 4 (GL4): liċenzja għat-tneħħija tal-injam maqtugħ (ATI).

— Tabella ta' legalità 5 (GL5): bejgħ tal-qtugħ (BQ) fis-settur nazzjonali.

— Tabella ta' legalità 6 (GL6): foresta Komunitarja (FKom); ġestjoni diretta.

— Tabella ta' legalità 7 (GL7): permess speċjali (PS); l-użu tal-ebanu fis-settur nazzjonali u l-foresti tal-komun.

Fl-unitajiet tal-ipproċessar tal-injam (UII)

— Tabella ta' legalità 8 (GL8): unitajiet tal-ipproċessar tal-injam (UII).

It-tabella hawn taħt tagħti sommarju tas-sorsi ta' provenjenza differenti tal-injam u l-iskali ta' legalità korrispondenti.

Titolu / Sors ta' provenjenza	KT	BQ	AII	ATI	Kontroll Statali	PS	PII	APQ
F. tal-Istat (FS)	SL1			SL4				
F. tal-komun (K)				SL4	SL2	SL7		
F. tas-settur nazzjonali (FSN)		SL5	SL3	SL4		SL7		
F. Komunitarji (FKom)				SL4	SL6			
F. tal-individwi (FI)								
Unità tal-Ipproċessar (UII)	SL8							

([1]) Prinċipji, kriterji, indikaturi.
([2]) Organizzazzjoni Afrikana għall-Injam (African Timber Organisation)/Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali (International Tropical Timber Organisation)
([3]) *"entità tal-foresta"*, persuna fiżika jew ġuridika, komunità, Komun detentur ta' sors legali ta' produzzjoni, ta' akkwist jew ta' ipproċessar ta' injam u prodotti derivati.

Biex jiġu koperti l-possibbiltajiet kollha ta' aċċess għar-riżorsa tal-injam offruti mil-leġislazzjoni fis-seħħ u msemmija fit-tabella hawn fuq, skali ta' legalità oħra se jiġu mfassla matul il-fażi ta' operalizzazzjoni tas-sistema malli tiġi stabbilita r-rilevanza tagħhom.

Dawn huma:

— Tabella ta' legalità għall-foresti tal-individwi (FI);

— Tabella ta' legalità tal-permess tal-injam industrijali (PII);

— Tabella ta' legalità tal-liċenzji personali għall-qtugħ (APQ);

— Skali ta' legalità tal-foresti tal-komun (FK) u tal-foresti Komunitarji (FKom), fil-każ ta' tħaddim għajr dak regolat mill-Istat (BQ, PII, APQ).

L-iskali ta' legalità huma mibnija minn kriterji, indikaturi u verifikaturi, u jipparteċipaw fis-sistema globali ta' verifika tal-legalità (SVL) li l-funzjonament tagħha huwa mogħti fid-dettall fl-Anness III-A.

Il-kriterji u l-indikaturi ġew analizzati u imbagħad ittestjati fuq il-post għall-iskali kollha, u nżammu l-kriterji u l-indikaturi rilevanti biss f'kull tabella speċifika.

III. **L-istruzzjonijiet għall-użu**

Minbarra l-itabella dwar il-UII, l-iskali ta' legalità huma mibnija minn ħames (5) kriterji komuni li jirrigwardjaw rispettivament ir-regolarità:

— tal-aspetti amministrattivi u legali (kriterju 1)

— tal-użu u l-iżvilupp tal-foresti (kriterju 2)

— tat-trasport (kriterju 3)

— tal-aspetti soċjali (kriterju 4)

— tal-aspetti ambjentali (kriterju 5).

Skont l-iskali, dawn il-kriterji jitnaqqsu f'numru varjabbli ta' indikaturi li jirriflettu l-obbligi legali diversi assoċjati ma' dawn is-sorsi ta' provvista tal-injam diversi.

L-evalwazzjoni tal-konformità tal-indikaturi ssir fuq il-bażi tal-verifikaturi. Sabiex indikatur ikun "konformi", il-verifikaturi kollha assoċjati miegħu għandhom jiġu meqjusa konformi minn qabel.

Il-konformità tal-verifikatur tiddependi fuq id-disponibbiltà tad-dokumenti tekniċi maħruġa mill-amministrazzjonijiet diversi, previsti mit-testi regolamentarji u li jistgħu jiġu kkonsultati, il-maġġoranza tagħhom, fid-database ċentrali tal-Ministeru tal-foresti (Sistema Komputerizzata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar il-Foresti tat-tieni ġenerazzjoni - Système informatique de gestion de l'information forestière de seconde génération – SIGIF II).

Il-ħruġ ta' "ċertifikat tal-legalità", li huwa wieħed mill-prerekwiżiti għall-ħruġ ta' liċenzja FLEGT (ara l-Anness III-A), jista' jseħħ biss jekk l-indikaturi kollha jkunu konformi.

TABELLA 1: KONVENZJONI TAT-THADDIM

Kriterju 1: L-entità tal-foresta ta' tħaddim/ipproċessar għandha setgħa legali

Indikatur 1.1: L-entità tal-foresta għandha eżistenza legali, hija approvata għall-professjoni tat-tħaddim tal-foresti u hija rreġistrata bħala waħda li tipproċessal-injam
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 41 tal-Liġi 94/01 tal-20 ta' Jannar 1994 — Artikoli 35(1), 36, 114 u 140(1), (2), (3), (4) u (5) tad-Digriet 95-531 — Il-Liġi 98/015 tal-14.7.1998 dwar l-istabbilimenti li huma kklassifikati bħala perikoluż, ħżiena għas-saħħa jew inkonvenjenti

— Id-Digriet 99/818/PM tad-9 ta' Novembru 1999 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' impjantazzjoni u ta' tħaddim [tal-istabbilimenti msemmija] — Is-Sentenza Nru 013/MINEE/DMG/SL tad-19 ta' April 1977 li tabbroga u tissostitwixxi s-Sentenza Nru 154 tat-28 ta' Marzu 1957 li jistabbilixxi n-nomenklatura tal-istabbilimenti perikolużi, ħżiena għas-saħħa jew inkonvenjenti
Verifikaturi
1.1.1 Ċertifikat ta' residenza (persuna fiżika) 1.1.2 Reġistru tal-kummerċ stabbilit lill-uffiċċju tar-reġistri kompetenti 1.1.3 Awtorizzazzjoni għall-professjoni tal-forestrija mogħtija mill-awtorità kompetenti 1.1.4 Estratt tad-depożitu tal-marki tal-mannara tal-impriża li tintuża biex timmarka s-siġar fl-uffiċċju tar-reġistri tal-Qorti ta' Appelli kompetenti 1.1.5 Awtorizzazzjoni ta' impjantazzjoni u ta' tħaddim ta' stabbiliment tal-ewwel klassi tal-Ministeru tal-industrija 1.1.6 Ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala wieħed li jipproċessal-injam tal-Ministeru tal-foresti
Indikatur 1.2: L-entità tal-foresta għandha liċenzja tal-foresta u għandha Konvenzjoni tat-tħaddim li ġiet iffirmata mal-amministrazzjoni responsabbli għall-foresti
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 46, 47(1), (2) u (3), u 50(1) tal-Liġi 94/01 — Artikoli 61, 75(1), 76(4), u 77 tad-Digriet 95/531 — Artikoli 68, 69 u 70 tad-Digriet 95/53
Verifikaturi
A- B'konvenzjoni provviżorja jew definittiva tat-tħaddim 1.2.1 Avviż ta' sejħa għall-offerti pubblika 1.2.2 Irċevuta tal-għotja ta' fajl komplut għall-attribuzzjoni tal-liċenzja tal-foresta 1.2.3 Notifika tar-riżultati tal-Kummissjoni Interministerjali li jistabbilixxu għażla tal-entità tal-foresta bħala l-aħjar offerent mill-Ministeru tal-foresti 1.2.4 Prova tal-għamla ta' garanzija fi ħdan it-Teżor Pubbliku fiż-żminijiet ta' skadenza preskritti 1.2.5 Konvenzjoni provviżorja tat-tħaddim iffirmata mill-Ministeru tal-foresti 1.2.6 Irċevuti/talbiet ta' trasferiment indirizzati lill-Ministeru tal-foresti mill-konċessjonarju u l-applikant 1.2.7 Notifika tat-trasferiment tal-konċessjoni mill-awtorità kompetenti 1.2.8 Irċevuti tal-ħlas tat-taxxa tat-trasferiment prevista mil-liġi B- B'konvenzjoni definittiva tat-tħaddim 1.2.9. Ċertifikat ta' konformità mal-klawżoli tal-konvenzjoni provviżorja tat-tħaddim 1.2.10 Sentenza ta' approvazzjoni tal-pjan ta' żvilupp maħruġa mill-Ministeru tal-foresti 1.2.11 Pjan ta' ġestjoni ta' ħames snin u pjan ta' operazzjonijiet għas-sena attwali

1.2.12 Speċifikazzjonijiet iffirmati mill-awtorità kompetenti u l-entità tal-foresta
1.2.13 Att ta' klassifikazzjoni
1.2.14 Awtorizzazzjoni ta' impjantazzjoni u ta' tħaddim ta' stabbiliment tal-ewwel klassi tal-Ministeru tal-industrija jew irċevuta ta' dikjarazzjoni (it-tieni klassi)
1.2.15 Ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala wieħed li jipproċessal-injam tal-Ministeru tal-foresti
Indikatur 1.3: Fil-każ ta' sottokuntrattar tal-attività tat-tħaddim/ipproċessar, l-entità tal-foresta li hija s-sottokuntrattur ikollha d-dokumenti li jiċċertifikaw ir-regolarità ta' din is-sitwazzjoni
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 41 u 42 tal-Liġi 94/01
— Artikoli 35(1), 36, 114 u 140(1), (2), (3), (4) u (5) tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
1.3.1 Kuntratt ta' sottokuntrattar/sħubija
1.3.2 Ittra ta' approvazzjoni tal-kuntratt tas-sottokuntrattar, maħruġa mill-Ministeru tal-foresti
1.3.3 Irċevuta tal-preżentazzjoni tal-kuntratt approvat għand l-awtoritajiet lokali tal-Ministeru tal-foresti
1.3.4 Reġistru tal-kummerċ stabbilit lill-uffiċċju tar-reġistri kompetenti
1.3.5 Awtorizzazzjoni għall-professjoni tal-forestrija mogħtija mill-awtorità kompetenti (tħaddim)
1.3.6 Awtorizzazzjoni ta' impjantazzjoni u ta' tħaddim ta' stabbiliment tal-ewwel klassi tal-Ministeru tal-industrija (ipproċessar)
1.3.7 Ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala wieħed li jipproċessal-injam tal-Ministeru tal-foresti (ipproċessar)
1.3.8 Estratt tal-preżentazzjoni tal-mannara tal-impriża li tintuża biex timmarka s-siġar lir-reġistru kompetenti
Indikatur 1.4: L-entità tal-foresta mhija soġġetta għall-ebda miżura ta' sospensjoni jew ta' irtirar tal-awtorizzazzjoni jew tal-permess mill-amministrazzjoni
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 146, 150 u 152 tal-Liġi 94/01
— Kapitolu 3 tal-Liġi 94/01
— Artikoli 130, 131, 132, 135(2), 136 u 137 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
1.4.1 Reġistri/fajls tal-infrazzjonijiet ippubblikati mill-amministrazzjonijiet kompetenti
1.4.2 Reġistru tal-litigazzjoni tas-servizzi lokali kompetenti
1.4.3 Deċiżjoni ta' sospensjoni tal-Ministeru tal-foresti, immotivata u nnotifikata lill-parti terza, jekk ikun il-każ.

Indikatur 1.5: L-entità tal-foresta tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha skont il-liġi eżistenti
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 66 u 69 tal-Liġi 94/01 — Artikolu 122 tad-Digriet 95-531 — Kodiċi ġenerali tat-taxxi aġġornat (Titolu 1, Kapitolu 1; Titolu 2, Kapitolu 1; Titolu 5, Kapitolu 3) — Att finanzjarju 2002/003 u ta' warajh
Verifikaturi
1.5.1 Titolu tal-liċenzja kummerċjali 1.5.2 Ċertifikat tan-nuqqas ta' debitu/ħlas tal-liċenzja taċ-ċentru tat-taxxi kompetenti

Kriterju 2: L-entità tal-foresta li tħaddem/tipproċessa tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tat-tħaddim u tal-iżvilupp tal-foresti

Indikatur 2.1: L-entità tal-foresta għandha riżorsi professjonali kompetenti u suffiċjenti, internament, jew permezz ta' persuna fiżika jew ġuridika, għat-twettiq tax-xogħlijiet ta' żvilupp
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 23, 40(3), 63 u 64 tal-Liġi 94/01 — Artikolu 35 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
2.1.1 Awtorizzazzjoni tal-impriża jew tad-diversi sottokuntratturi li ħadu sehem f'ċerti attivitajiet tal-iżvilupp (inventarji, silvikultura). 2.1.2 Kuntratti tal-għotja ta' servizz ma' struttura jew waħda mill-istrutturi awtorizzati jew korp pubbliku.
Indikatur 2.2: L-entità tal-foresta għandha liċenzja legali għall-qtugħ
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 44 u 46 tal-Liġi 94/01 — Il-format uniformi tal-konvenzjoni provviżorja u definittiva kif ukoll tal-ispeċifikazzjonijiet assoċjati fil-Fajl 2 u l-Fajl 3 (PROĊ) — Artikolu 17, liġi 96/12 tal-5 ta' Awwissu 1996 li jistabbilixxi Liġi-Qafas relatat mal-ġestjoni tal-ambjent — Artikolu 20 tad-Digriet 0577 tat-23 ta' Frar 2005
Verifikaturi
2.2.1 Ittra ta' approvazzjoni tat-termini ta' referenza għall-verifika/studju tal-impatt ambjentali 2.2.2 Ċertifikat ta' konformità ambjentali 2.2.3 Ċertifikat annwali bażiku ta' valutazzjoni tal-qtugħ (ĊABVQ) jew permess annwali tal-operazzjonijiet (PAO) 2.2.4 Notifika tal-bidu tal-attivitajiet

Indikatur 2.3: L-entità tal-foresta tirrispetta l-istandards tat-tħaddim fis-seħħ fiż-żoni attribwiti
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 51(1) u 73(1), (2) tad-Digriet 95-531 — Artikoli 4(1), (2), (3), (4) u (6), 12(1) u (2) u 13(1) u (2) tas-Sentenza Nru 222 — Fajls 6, 14 u 17 PROĊ — Standards tal-inventarju tat-tħaddim — Standards ta' intervent fl-ambjent tal-foresti (SIAF)
Verifikaturi
2.3.1 Ċertifikat ta' verifika jew ċertifikat tar-rispett tal-istandards tat-tħaddim tal-foresti
Indikatur 2.4: L-entità tal-foresta tirrispetta l-kwantitajiet ta' injam attribwiti (numru ta' zkuk/volum) b'mod konformi mal-preskrizzjonijiet taċ-ċertifikat/permess annwali
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 46(3), 72(1) u 125(2) u (3) tad-Digriet 95-531 — Artikolu 6 tas-Sentenza Nru 222 — Standards ta' intervent fl-ambjent tal-foresti (SIAF) — Fajl 6 PROĊ
Verifikaturi
2.4.1 Kotba tas-sit tax-xogħol (DF10) jew dikjarazzjoni SIGIF 2.4.2 Ċertifikat ta' verifika
Indikatur 2.5: L-entità tal-foresta tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha u tħallas it-taxxi tal-foresta marbuta mal-attività jew attivitajiet tagħha
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 66, 67 u 69 tal-Liġi 94 — Artikolu 122 tad-Digriet 95-531 — Kodiċi ġenerali tat-taxxi aġġornat (Titolu 1, Kapitolu 1; Titolu 2, Kapitolu 1; Titolu 5, Kapitolu 3) — Att finanzjarju 2002/003 u ta' warajh
Verifikaturi
2.5.1 Ċertifikat tal-għotja tal-garanzija bankarja jekk l-istatus tal-entità jeħtieġha 2.5.2 Irċevuti tal-ħlas (RFA, TA, TEU, taxxi ta' żvilupp lokali jew taxxi tal-foresta oħra jekk huma previsti mill-ispeċifikazzjonijiet) għas-sena attwali u s-sena ta' qabel dik tal-verifika

Kriterju 3: L-entità tal-foresta li tħaddem/tipproċessa tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tat-trasport tal-injam

Indikatur 3.1: L-entità tal-foresta tiżgura li z-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra prodotti jew mixtrija missuq lokali biex jiġu pproċessati fl-impjanti tagħha jkollhom id-dokumenti meħtieġa kollha u l-marki regolamentarji biex jiċċertifikaw l-oriġini legali tagħhom
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 115(1), (2) u (3), 127(1) u 128 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
3.1.1 Noti tal-kunsinna sikuri, iffirmati bl-inizjali tal-awtorità kompetenti
3.1.2 Ċertifikat tal-legalità tal-fornitur jew fornituri
Indikatur 3.2: L-entità tal-foresta tiżgura li z-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra impurtati biex jiġu pproċessati fl-impjanti tagħha jkollhom id-dokumenti meħtieġa biex jiċċertifikaw l-oriġini legali tagħhom
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 127(1) u 128 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
3.2.1 Liċenzji ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-amministrazzjonijiet responsabbli għall-foresti u għall-finanzi
3.2.2 Noti internazzjonali tal-kunsinna ffirmati matul il-vjaġġ
3.2.3 Ċertifikati tal-oriġini u fitosanitarji tal-pajjiż esportatur
3.2.4 Liċenzji FLEGT tal-pajjiż tal-oriġini jew, kwalunkwe ċertifikat privat ieħor ta' legalità/ġestjoni sostenibbli rikonoxxut mill-Kamerun (qafas ta' referenza tas-sistema ta' ċertifikazzjoni privata li tintegra l-elementi ewlenin tal-iskali ta' legalità tal-Kamerun)
Indikatur 3.3: L-entità tal-foresta tiżgura li l-prodotti tal-injam li ġejjin mill-impjanti tagħha huma trasportati legalment u għandhom id-dokumenti meħtieġa kollha biex jiċċertifikaw l-oriġini legali tagħhom
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 127(2) u (3) u 128 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
3.3.1 Nota tal-kunsinna sikura u ffirmata bl-inizjali tal-awtorità kompetenti tal-Ministeru tal-foresti għat-trasport taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra u maqtugħa fit-triq
3.3.2 Dikjarazzjoni speċjali fuq formola ffirmata mill-uffiċjal kompetenti fil-każ ta' trasport bil-ferrovija
3.3.3 Ċertifikat tal-ippakkjar tas-servizz tad-dwana kompetenti (trasport bil-kontejners) li jiġi flimkien mar-rapport tal-ippakkjar tas-servizz tal-foresta tal-post tat-tagħbija

Kriterju 4: L-entità tal-foresta li tħaddem/tipproċessa tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-affarijiet soċjali

Indikatur 4.1: L-entità tal-foresta tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-liġi tax-xogħol, tal-liġi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-ftehimiet kollettivi tas-settur tal-injam
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 61(2) u 62(2) tal-Liġi Nru92/007 tal-14 ta' Awwissu 1992 li tistabbilixxi kodiċi tax-xogħol — Id-Digriet Nru 2008/2115/PM tal-24 ta' Jannar 2008 li jivvalorizza mill-ġdid is-salarju minimu interprofessjonali garantit (salaire minimum interprofessionnel garanti - SMIG) — Ordni Nru 73-17 tat-22 ta' Mejju 1973 li jistabbilixxi organizzazzjoni tal-assistenza soċjali — Id-Digriet 74-26 tal-11 ta' Jannar 1974 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-ordni Nru 73-17 tat-22 ta' Mejju 1973 li jistabbilixxi organizzazzjoni tal-fond nazzjonali tal-assistenza soċjali — Id-Digriet Nru 74-723 tat-12 ta' Awwissu 1974 li jistabbilixxi ir-rati tal-kontribuzzjonijiet dovuti lis-CNPS għall-fergħat tal-benefiċċji tal-familja u l-assigurazzjoni pensjonijiet tax-xjuħija, tad-diżabbiltà u tal-mewt — Liġi Nru 69-LF-18 tal-10 ta' Novembru 1969 li tistabbilixxi skema ta' assigurazzjoni pensjonijiet tax-xjuħija, tad-diżabbiltà u tal-mewt, emendata mil-Liġi Nru 84/007 tal-4 ta' Lulju 1984 — Is-Sentenza Nru 039/MTPS/IMT li tistabbilixxi l-miżuri ġenerali ta' iġjene u ta' sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol — Is-Sentenza Nru 019/MTPS/SG/CJ tas-26 ta' Mejju 1993 li tistabbilixxi l-arranġamenti tal-elezzjoni u tal-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tad-delegati tal-persunal — Il-Konvenzjoni Kollettiva Nazzjonali (April 2002) tal-impriżi tat-tħaddim, tal-ipproċessar tal-prodotti tal-foresta u l-attivitajiet relatati — Is-Sentenza Nru 11/DEC/DT tal-25 ta' Mejju 1978 li tistabbilixxi l-arranġamenti tal-konvokazzjoni u biex jidhru l-partijiet quddiem l-ispettur tax-xogħol fir-rigward ta' soluzzjoni tat-tilwim tax-xogħol — Direttivi prattiċi tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol (International Labour Office - ILO) — Liġi 64/LF/23 tat-13 ta' Novembru 1964 dwar il-protezzjoni tas-saħħa pubblika — Liġi 98/015 tal-14 ta' Awwissu 1998 dwar l-istabbilimenti li huma kklassifikati bħala perikoluż, ħżiena għas-saħħa jew inkonvenjenti — Id-Digriet 99/818/PM tad-9 ta' Novembru 1999 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' impjantazzjoni u ta' tħaddim *[tal-istabbilimenti msemmija]* — Tabella tas-salarji tal-impriżi tat-tħaddim, tal-ipproċessar tal-prodotti tal-foresta u l-attivitajiet relatati fis-seħħ
Verifikaturi
4.1.1 Ċertifikat ta' sottomissjoni maħruġ mis-CNPS 4.1.2 Reġistri tal-Impjegaturi fi 3 faxxikli, innumerati u ffirmati mit-tribunal kompetenti jew mill-ispettur tax-xogħol tal-ġurisdizzjoni 4.1.3 Regolament intern awtorizzat mill-ispettur tax-xogħol tal-ġurisdizzjoni 4.1.4 Minuti tal-elezzjoni tad-delegati tal-persunal

4.1.5 Konvenzjoni ta' żjarat u ta' kuri minn tabib
4.1.6 Att ta' twaqqif ta' kumitat tal-iġjene u tas-sigurtà tax-xogħol, iffirmat mid-direttur tal-impriża
4.1.7 Rapporti ta' spezzjoni tal-Ministru tas-saħħa
4.1.8 Dikjarazzjoni tal-istabbiliment indirizzat lill-ispettur tax-xogħol tal-ġurisdizzjoni
Indikatur 4.2: L-entità tal-foresta tirrispetta l-obbligi soċjali preskritti mill-kodiċi tal-foresta
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 36 u 61(1) u (3) tal-Liġi 94/01
— Artikolu 85 tad-Digriet Nru 95/531
— Artikoli 5 u 6 tas-Sentenza Nru 222 li tistabbilixxi l-proċeduri ta' elaborazzjoni, approvazzjoni tal-PA
— Artikolu 14 tal-mudell tal-ispeċifikazzjonijiet tal-konvenzjoni definittiva
— Deċiżjoni 135/B/MINEF/CAB tas-26 ta' Novembru 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri ta' klassifikazzjoni tal-foresti tal-SFP
— Deċiżjoni Nru 0108/D/MINEF/CAB tad-9 ta' Frar 1998 dwar l-applikazzjoni tas-SIAF
— Kapitolu II tas-SIAF
Verifikaturi
4.2.1 Speċifikazzjonijiet
4.2.2 Minuti tat-twettiq tax-xogħlijiet soċjali previsti fl-ispeċifikazzjonijiet
4.2.3 Minuti tal-laqgħa ta' informazzjoni dwar l-użu tal-permess tal-foresta ffirmat mill-partijiet interessati kollha
4.2.4 Mappa tal-allokazzjoni tal-artijiet
4.2.5 Rapport tal-istudji soċjo-ekonomiċi
4.2.6 Minuti tal-aġġornament dwar l-iżvilupp tal-istudju soċjo-ekonomiku
4.2.7 Reġistru/fajl tal-infrazzjonijiet/minuti

Kriterju 5: L-entità tal-foresta li tħaddem/tipproċessa tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-ħarsien tal-bijodiversità u tal-ambjent

Indikatur 5.1: L-entità tal-foresta ħadet il-miżuri meħtieġa biex tipprojbixxi l-parteċipazzjoni tal-impjegati tagħha fil-kaċċa illegali, il-kaċċa kummerċjali kif ukoll fit-trasport jew il-kummerċ tal-prodotti u tal-mezzi tal-kaċċa. Hija tinkoraġġixxi, tappoġġa u/jew tibda kwalunkwe azzjoni li jkollha l-għan li taċċerta l-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni fir-rigward tal-kaċċa u tal-ħarsien tal-fawna f'dawn is-siti tax-xogħol
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 95 u 101(1) tal-Liġi 94/01
— Artikolu 11(1) u (3) tas-Sentenza Nru 222
— Deċiżjoni Nru 0108/D/MINEF/CAB tad-9 ta' Frar 1998 dwar l-applikazzjoni tas-SIAF

— Speċifikazzjonijiet tal-konvenzjoni definittiva — Kapitolu VI tas-SIAF (Artikoli 28, 29 u 30)
Verifikaturi
5.1.1 Regolament intern 5.1.2 Memoranda li jispeċifikaw il-projbizzjoni tal-kaċċa illegali u tat-trasport tal-laħam tal-annimali selvaġġi 5.1.3 Memoranda li jippubblikaw is-sanzjonijiet possibbli 5.1.4 Pjan tal-provvista tal-ikel 5.1.5 Reġistru tal-infrazzjonijiet
Indikatur 5.2: L-entità tal-foresta kkonformat mal-leġislazzjoni ambjentali u timplimenta l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni identifikati
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 18(1), (2) u (3) tal-Liġi 94/01 — Artikoli 3 u 4 tas-Sentenza 0069/MINEP tat-8 ta' Marzu 2005 — Id-Digriet 0577 tat-23 ta' Frar 2005 — Artikolu 11, par. 1, 2, tas-Sentenza Nru 222 tal-25 ta' Mejju 2001 — Artikolu 16 tal-ispeċifikazzjonijiet tas-CDE li jiddefinixxu l-osservazzjonijiet partikolari dwar l-użu fil-periferija taż-żoni protetti (żona ta' lqugħ) (UFA) — Deċiżjoni Nru 0108/D/MINEF/CAB tad-9 ta' Frar 1998 dwar l-applikazzjoni tas-SIAF — Artikoli 17, 79, 82 tal-Liġi 96/12 tal-5 ta' Awwissu 1996 li tistabbilixxi Liġi-Qafas dwar il-ġestjoni tal-ambjent — Gwida tal-miżuri ambjentali fir-rigward tal-użu tal-foresta
Verifikaturi
5.2.1 Rapport ta' spezzjoni ambjentali 5.2.2 Ċertifikat tar-rispett tal-klawżoli ambjentali 5.2.3 Reġistru tal-infrazzjonijiet ambjentali

TABELLA 2: ĠESTJONI DIRETTA TA' FORESTA TAL-KOMUN

Kriterju 1: L-entità tal-foresta ta' tħaddim għandha setgħa legali

Indikatur 1.1: L-entità tal-foresta għandha eżistenza legali, hija d-detentur ta' foresta kklassifikata f'isimha jew miżrugħa minnha nnifisha
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 30 u 35 tal-Liġi 94/01 — Artikolu 17 tad-Digriet 95-531

Verifikaturi
1.1.1 Att tal-ħolqien tal-komun 1.1.2 Ittra ta' approvazzjoni tal-pjan ta' żvilupp mill-amministrazzjoni responsabbli għall-foresti 1.1.3 Att ta' klassifikazzjoni tal-foresta tal-komun 1.1.4 Ċertifikat ta' proprjetà fil-każ ta' ħawwil
Indikatur 1.2: Fil-każ ta' sottokuntrattar tal-attività tat-tħaddim, l-entità tal-foresta sottokuntrattur għandha d-dokumenti li jiċċertifikaw ir-regolarità ta' din is-sitwazzjoni
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 41 u 42 tal-Liġi 94/01 — Artikoli 35(1), 36 u 140(1), (2), (3), (4) u (5) tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
1.2.1 Kuntratt ta' sottokuntrattar/sħubija 1.2.2 Ittra ta' approvazzjoni tal-kuntratt tas-sottokuntrattar, maħruġa mill-Ministeru tal-foresti 1.2.3 Reġistru tal-kummerċ stabbilit lill-uffiċċju tar-reġistri kompetenti 1.2.4 Awtorizzazzjoni għall-professjoni tal-forestrija mogħtija mill-awtorità kompetenti (tħaddim) 1.2.5 Estratt tal-preżentazzjoni tal-mannara tal-impriża li tintuża biex timmarka s-siġar lir-reġistru kompetenti
Indikatur 1.3: L-entità tal-foresta mhijiex soġġetta għal sospensjoni mill-amministrazzjoni tal-foresta minħabba atti kontrarji għall-indikazzjonijiet tal-pjan ta' żvilupp approvat
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 32(1) u (2) tal-Liġi 94/01 — Artikolu 80 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
1.3.1 Reġistru tal-infrazzjonijiet ippubblikat mill-Ministeru tal-foresti 1.3.2 Twissija uffiċjali nnotifikata kif dovut wara l-osservazzjoni ta' kwalunkwe attività kontrarja għall-preskrizzjonijiet tal-pjan ta' żvilupp 1.3.3 Deċiżjoni ta' sospensjoni tal-Ministeru tal-foresti, jekk ikun il-każ
Indikatur 1.4: L-entità tal-foresta tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha skont il-liġi eżistenti
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 66 u 69 tal-Liġi 94/01 — Artikolu 122 tad-Digriet 95-531 — Kodiċi ġenerali tat-taxxi aġġornat (Titolu 1, Kapitolu 1; Titolu 2, Kapitolu 1; Titolu 5, Kapitolu 3) — Att finanzjarju 2002/003 u ta' warajh

Verifikaturi
1.4.1 Ċertifikat tan-nuqqas ta' debitu/ħlas tal-liċenzja taċ-ċentru tat-taxxi kompetenti
1.4.2 Provi tal-ħlas (VAT, IT)

Kriterju 2: L-entità tal-foresta li tħaddem/tipproċessa tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tat-tħaddim u tal-iżvilupp tal-foresti

Indikatur 2.1: L-entità tal-foresta għandha riżorsi professjonali kompetenti u biżżejjed, internament, jew permezz ta' persuna fiżika jew ġuridika, għat-twettiq tax-xogħlijiet ta' żvilupp
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 23, 40(3), 63 u 64 tal-Liġi 94/01 — Artikolu 35 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
2.1.1 Awtorizzazzjoni tal-impriża jew tad-diversi sottokuntratturi li ħadu sehem f'ċerti attivitajiet tal-iżvilupp (inventarji, silvikultura) 2.1.2 Kuntratti tal-għotja ta' servizz ma' struttura jew waħda mill-istrutturi awtorizzati jew il-korp pubbliku
Indikatur 2.2: L-entità tal-foresta għandha liċenzja legali għall-qtugħ
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 44 u 46 tal-Liġi 94/01 — Artikolu 17 tal-Liġi 96/12 tal-5 ta' Awwissu 1996 li tistabbilixxi Liġi-Qafas dwar il-ġestjoni tal-ambjent — Artikolu 20 tad-Digriet 0577 tat-23 ta' Frar 2005
Verifikaturi
2.2.1 Ittra ta' approvazzjoni tat-termini ta' referenza għall-verifika/studju tal-impatt ambjentali 2.2.2 Ċertifikat ta' konformità tal-istudju tal-impatt/verifika ambjentali 2.2.3 Permess annwali tal-operazzjonijiet 2.2.4 Notifika tal-bidu tal-attivitajiet
Indikatur 2.3: L-entità tal-foresta tirrispetta l-istandards tat-tħaddim fiż-żoni attribwiti
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 51(1), 73(1) u (2) tad-Digriet 95-531 — Artikoli 4(1), (2), (3) u (4), 6, 12(1) u (2), u 13(1) u (2) tas-Sentenza Nru 222 — Fajls 6, 14 u 17 tal-PROĊ

— Standards ta' intervent fl-ambjent tal-foresti (SIAF) — Standard tal-inventarju tat-tħaddim
Verifikaturi
2.3.1 Ċertifikat ta' verifika jew ċertifikat tar-rispett tas-SIAF
Indikatur 2.4: L-entità tal-foresta tirrispetta l-kwantitajiet awtorizzati (numru ta' zkuk/volum) b'mod konformi mal-preskrizzjonijiet tal-permess annwali
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 46(3), 72(1) u 125(2) u (3) tad-Digriet 95-531 — Artikolu 6 tas-Sentenza Nru 222 — Fajl 6 PROĊ — Standards ta' intervent fl-ambjent tal-foresti (SIAF)
Verifikaturi
2.4.1 Kotba tas-sit tax-xogħol (DF10) jew dikjarazzjoni SIGIF 2.4.2 Ċertifikat ta' verifika
Indikatur 2.5: L-entità tal-foresta tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha u tħallas it-taxxi tal-foresta marbuta mal-attività jew attivitajiet tagħha
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 66, 67 u 69 tal-Liġi 94 — Artikolu 122 tad-Digriet 95-531 — Kodiċi ġenerali tat-taxxi aġġornat (Titolu 1, Kapitolu 1; Titolu 2, Kapitolu 1; Titolu 5, Kapitolu 3) — Att finanzjarju 2002/003 u ta' warajh
Verifikaturi
2.5.1 Provi tal-ħlas tat-taxxi tal-foresti jekk ikunu previsti mill-ispeċifikazzjonijiet, għas-sena attwali u s-sena ta' qabel dik tal-verifika

Kriterju 3: L-entità tal-foresta li tħaddem/tipproċessa tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tat-trasport tal-injam

Indikatur 3.1: L-entità tal-foresta tiżgura li l-prodotti tal-injam għandhom id-dokumenti meħtieġa kollha biex jiċċertifikaw l-oriġini legali tagħhom
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 127(1) u 128 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
3.1.1 Nota tal-kunsinna sikura u ffirmata bl-inizjali tal-awtorità kompetenti tal-Ministeru tal-foresti għat-trasport taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra u maqtugħa fit-triq

3.1.2 Dikjarazzjoni speċjali fuq formola ffirmata mill-uffiċjal kompetenti fil-każ ta' trasport bil-ferrovija
3.1.3 Ċertifikat tal-ippakkjar tas-servizz tad-dwana kompetenti (trasport bil-kontejners) flimkien mar-rapport tal-ippakkjar tas-servizz tal-foresta

Kriterju 4: L-entità tal-foresta li tħaddem/tipproċessa tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-affarijiet soċjali

Indikatur 4.1: L-entità tal-foresta tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-liġi tax-xogħol, tal-liġi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-ftehimiet kollettivi tas-settur tal-injam
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 61(2) u 62(2) tal-Liġi Nru 92/007 tal-14 ta' Awwissu 1992 li tistabbilixxi kodiċi tax-xogħol. — Id-Digriet Nru 2008/2115/PM tal-24 ta' Jannar 2008 li jivvalorizza mill-ġdid is-salarju minimu interprofessjonali garantit (salaire minimum interprofessionnel garanti - SMIG) — Ordni Nru 73-17 tat-22 ta' Mejju 1973 li jistabbilixxi organizzazzjoni tal-assistenza soċjali — Id-Digriet 74-26 tal-11 ta' Jannar 1974 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-ordni Nru 73-17 tat-22 ta' Mejju 1973 li jistabbilixxi organizzazzjoni tal-fond nazzjonali tal-assistenza soċjali — Id-Digriet Nru 74-723 tat-12 ta' Awwissu 1974 li jistabbilixxi ir-rati tal-kontribuzzjonijiet dovuti lis-CNPS għall-fergħat tal-benefiċċji tal-familja u l-assigurazzjoni pensjonijiet tax-xjuħija, tad-diżabbiltà u tal-mewt — Liġi Nru 69-LF-18 tal-10 ta' Novembru 1969 li tistabbilixxi skema ta' assigurazzjoni pensjonijiet tax-xjuħija, tad-diżabbiltà u tal-mewt, emendata mil-Liġi Nru 84/007 tal-4 ta' Lulju 1984 — Is-Sentenza Nru 039/MTPS/IMT li tistabbilixxi l-miżuri ġenerali ta' iġjene u ta' sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol — Is-Sentenza Nru 019/MTPS/SG/CJ tas-26 ta' Mejju 1993 li tistabbilixxi l-arranġamenti tal-elezzjoni u tal-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tad-delegati tal-persunal — Konvenzjoni Kollettiva Nazzjonali (April 2002) tal-impriżi tat-tħaddim, tal-ipproċessar tal-prodotti tal-foresta u l-attivitajiet relatati — Is-Sentenza Nru 11/DEC/DT tal-25 ta' Mejju 1978 li tistabbilixxi l-arranġamenti tal-konvokazzjoni u biex jidhru l-partijiet quddiem l-ispettur tax-xogħol fir-rigward ta' soluzzjoni tat-tilwim tax-xogħol — Direttivi prattiċi tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol (International Labour Office - ILO) — Liġi 64/LF/23 tat-13 ta' Novembru 1964 dwar il-protezzjoni tas-saħħa pubblika — Liġi 98/015 tal-14 ta' Lulju 1998 dwar l-istabbilimenti li huma kklassifikati bħala perikoluż, ħżiena għas-saħħa jew inkonvenjenti — Id-Digriet 99/818/PM tad-9 ta' Novembru 1999 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' impjantazzjoni u ta' tħaddim *[tal-istabbilimenti msemmija]* — Tabella tas-salarji tal-impriżi tat-tħaddim, tal-ipproċessar tal-prodotti tal-foresta u l-attivitajiet relatati fis-seħħ
Verifikaturi
4.1.1 Ċertifikat ta' sottomissjoni maħruġ mis-CNPS 4.1.2 Reġistri tal-Impjegaturi fi 3 faxxikli, innumerati u ffirmati mit-tribunal kompetenti jew mill-ispettur tax-xogħol tal-ġurisdizzjoni 4.1.3 Regolament intern awtorizzat mill-ispettur tax-xogħol tal-ġurisdizzjoni 4.1.4 Minuti tal-elezzjoni tad-delegati tal-persunal

4.1.5 Konvenzjoni ta' żjarat u ta' kuri minn tabib 4.1.6 Att ta' twaqqif ta' kumitat tal-iġjene u tas-sigurtà tax-xogħol, iffirmat mid-direttur tal-impriża 4.1.7 Rapporti ta' spezzjoni tal-Ministru tas-saħħa 4.1.8 Dikjarazzjoni ta' stabbiliment indirizzat lill-ispettur tax-xogħol tal-ġurisdizzjoni
Indikatur 4.2: L-entità tal-foresta tirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tagħha rigward il-komunitajiet lokali taż-żona/i ta' intervent tagħha
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 36 tal-Liġi 94 — Kapitolu II tas-SIAF, Artikoli 4 u 5
Verifikaturi
4.2.1 Speċifikazzjonijiet 4.2.2 Minuti tat-twettiq tax-xogħlijiet soċjali previsti fl-ispeċifikazzjonijiet 4.2.3 Minuti tal-laqgħa ta' informazzjoni dwar il-permess tal-foresta ffirmat mill-amministrazzjoni jew il-prefett

Kriterju 5: L-entità tal-foresta tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-ħarsien tal-bijodiversità u tal-ambjent

Indikatur 5.1: L-entità tal-foresta ħadet il-miżuri meħtieġa biex tipprojbixxi l-parteċipazzjoni tal-impjegati tagħha fil-kaċċa illegali, il-kaċċa kummerċjali kif ukoll fit-trasport jew il-kummerċ tal-prodotti u tal-mezzi tal-kaċċa. Hija tinkoraġġixxi, tappoġġa u/jew tibda kwalunkwe azzjoni li jkollha l-għan li taċċerta l-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni fir-rigward tal-kaċċa u tal-ħarsien tal-fawna f'dawn is-siti tax-xogħol
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 11(1) u (3) tas-Sentenza Nru 222 — Kapitolu VI tas-SIAF, Artikoli 28, 29 et 30
Verifikaturi
5.1.1 Regolament intern 5.1.2 Memoranda li jispeċifikaw il-projbizzjoni tal-kaċċa illegali u tat-trasport tal-laħam tal-annimali selvaġġi 5.1.3 Memoranda li jippubblikaw is-sanzjonijiet possibbli 5.1.4 Reġistru tal-infrazzjonijiet 5.1.5 Pjan tal-provvista tal-ikel
Indikatur 5.2: L-entità tal-foresta ikkonformat mal-leġislazzjoni dwar l-istudji tal-impatt ambjentali u timplimenta jew tiżgura li jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni identifikati
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Id-Digriet 0577 tat-23 ta' Frar 2005 — Artikolu 11(1) u (2) tas-Sentenza Nru 222 tal-25 ta' Mejju 2001 — Artikoli 3 u 4 tas-Sentenza 0069/MINEP tat-8 ta' Marzu 2005 — Artikolu 16 tal-ispeċifikazzjonijiet tas-CDE

— SIAF (ġeneralment) — Artikoli 17, 79, 82 tal-Liġi 96/12 tal-5.8.1996 li tistabbilixxi Liġi-Qafas dwar il-ġestjoni tal-ambjent — Gwida tal-miżuri ambjentali fir-rigward tal-użu tal-foresta
Verifikaturi
5.2.1 Rapport ta' spezzjoni ambjentali 5.2.2 Ċertifikat tar-rispett tal-klawżoli ambjentali 5.2.3 Reġistru tal-infrazzjonijiet ambjentali

TABELLA 3: AWTORIZZAZZJONI TA' IRKUPRU TAS-SIĠAR LI MHUMIEX MAQTUGĦIN (ARB)

Kriterju 1: L-entità tal-foresta ta' tħaddim għandha setgħa legali

Indikatur 1.1: L-entità tal-foresta għandha eżistenza legali u hija approvata għall-professjoni ta' operatur tal-foresti
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 41u 42 tal-Liġi 94/01 — Artikolu 35(1) u 36 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
1.1.1 Ċertifikat ta' residenza (persuna fiżika) 1.1.2 Reġistru tal-kummerċ stabbilit lill-uffiċċju tar-reġistri kompetenti (persuna ġuridika) 1.1.3 Awtorizzazzjoni għall-professjoni tal-forestrija mogħtija mill-awtorità kompetenti 1.1.4 Estratt tad-depożitu tal-marki tal-mannara tal-impriża li tintuża biex timmarka s-siġar fl-uffiċċju tar-reġistri tal-Qorti ta' Appelli kompetenti
Indikatur 1.2: L-entità tal-foresta tibbenefika minn liċenzja ta' irkupru tal-injam maħruġa mill-amministrazzjoni responsabbli għall-foresti, skont il-liġi
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 73 tal-Liġi 94/01 — Artikolu 110(1) u (2) tad-Digriet 95/531 — Ċirkulari Nru 0354/LC/MINFOF/SG/DF/SDAFF/SN
Verifikaturi
1.2.1 Dokument ta' proġett 1.2.2 Ċertifikat ta' konformità ambjentali maħruġ għas-sostenitur tal-proġett mill-Ministeru tal-ambjent. 1.2.3 Ittra tal-Ministru kompetenti li tispeċifika l-ħtieġa li jiġi rkuprat l-injam qabel l-implimentazzjoni tal-proġett 1.2.4 Riżultati tal-inventarju tal-injam ikkonċernat 1.2.5 Avviż ta' sejħa għall-offerti pubblika

1.2.6 Att tal-kummissjoni interministerjali li jistabbilixxi għażla tal-entità tal-foresta bħala l-aħjar offerent 1.2.7 Irċevuti tal-ħlas tal-prezz tal-bejgħ 1.2.8 Liċenzja għall-irkupru tal-injam maħruġa mil-persuna responsabbli kompetenti tal-amministrazzjoni tal-foresta 1.2.9 Notifika tal-bidu tax-xogħlijiet
Indikatur 1.3: Fil-każ ta' sottokuntrattar tal-attività tal-irkupru, l-entità tal-foresta li hija s-sottokuntrattur ikollha d-dokumenti li jiċċertifikaw ir-regolarità ta' din is-sitwazzjoni
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 41u 42 tal-Liġi 94/01 — Artikoli 35(1), 36 u 140(1), (2), (3), (4) u (5) tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
1.3.1 Kuntratt ta' sottokuntrattar/sħubija 1.3.2 Irċevuta tal-preżentazzjoni tal-kuntratt approvat għand l-awtoritajiet lokali tal-Ministeru tal-foresti 1.3.3 Ittra ta' approvazzjoni tal-kuntratt tas-sottokuntrattar, maħruġa mill-Ministeru tal-foresti 1.3.4 Reġistru tal-kummerċ stabbilit lill-uffiċċju tar-reġistri kompetenti 1.3.5 Awtorizzazzjoni għall-professjoni tal-forestrija mogħtija mill-awtorità kompetenti (tħaddim) 1.3.6 Estratt tal-preżentazzjoni tal-mannara tal-impriża li tintuża biex timmarka s-siġar lir-reġistru kompetenti
Indikatur 1.4: L-entità tal-foresta mhija soġġetta għall-ebda miżura ta' sospensjoni jew ta' irtirar tal-awtorizzazzjoni jew tal-permess mill-amministrazzjoni
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 130; 131; 132; u 146 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
1.4.1 Reġistri/fajls tal-infrazzjonijiet ippubblikati mill-amministrazzjonijiet kompetenti 1.4.2 Reġistru tal-litigazzjoni tas-servizzi lokali kompetenti 1.4.3 Deċiżjoni ta' sospensjoni tal-Ministeru tal-foresti, immotivata u nnotifikata lill-parti terza, jekk ikun il-każ.
Indikatur 1.5: L-entità tal-foresta tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha skont il-liġi eżistenti
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 122 tad-Digriet 95-531 — Kodiċi ġenerali tat-taxxi aġġornat (Titolu 1, Kapitolu 1; Titolu 2, Kapitolu 1; Titolu 5, Kapitolu 3) — Att finanzjarju 2002/003 u ta' warajh
Verifikaturi
1.5.1 Titolu tal-liċenzja kummerċjali 1.5.2 Ċertifikat tan-nuqqas ta' debitu/ħlas tal-liċenzja taċ-ċentru tat-taxxi kompetenti

Kriterju 2: L-entità tal-foresta ta' tħaddim tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tat-tħaddim tal-foresta

Indikatur 2.1: L-entità tal-foresta tirrispetta l-lokalizzazzjoni tal-proġett
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 4(1), (2), (3), (4), 6, 12(1) u (2), u 13(1) u (2) tas-Sentenza Nru 222 — Dokumenti 6, 14 u 17 tal-PROĊ — Standards ta' intervent fl-ambjent tal-foresti (SIAF)
Verifikaturi
2.1.1 Dokumenti tal-proġett li jispeċifikaw il-lokalizzazzjoni preċiża tal-proġett approvati mill-persuni responsabbli kompetenti tal-Ministeru tat-tutela (agrikoltura, xogħlijiet pubbliċi) 2.1.2 Ċertifikat ta' verifika jew rapport ta' missjoni ta' kontroll
Indikatur 2.2: L-entità tal-foresta tirrispetta l-kwantitajiet awtorizzati (numru ta' zkuk/volum smat), b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-liċenzja
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 6 tas-Sentenza Nru 222
Verifikaturi
2.2.1 Ċertifikat ta' verifika jew rapporti ta' kontroll tal-amministrazzjoni tal-foresta
Indikatur 2.3: L-entità tal-foresta tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha u tħallas it-taxxi tal-foresta marbuta mal-attività jew attivitajiet tagħha
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 73(2) tal-Liġi 94/01 — Artikoli 122 u 110, par. 1, tad-Digriet 95-531 — Att finanzjarju 2002/003 u ta' warajh
Verifikaturi
2.3.1 Provi tal-ħlas tal-prezz tal-bejgħ (prezz tal-irkant + 13 % aktar) 2.3.2 Provi tal-ħlas tat-taxxi l-oħra kollha previsti mill-ispeċifikazzjonijiet

Kriterju 3: L-entità tal-foresta ta' tħaddim tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tat-trasport tal-injam

Indikatur 3.1: L-entità tal-foresta tiżgura li l-injam, oġġetti tal-irkupri, huma trasportati legalment u għandhom id-dokumenti meħtieġa biex jiċċertifikaw l-oriġini legali tagħhom
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 127(1) u 128 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi

3.1.1 Nota tal-kunsinna sikura u ffirmata bl-inizjali tal-awtorità kompetenti tal-Ministeru tal-foresti għat-trasport taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra u maqtugħa fit-triq
3.1.2 Dikjarazzjoni speċjali fuq formola ffirmata mill-uffiċjal kompetenti fil-każ ta' trasport bil-ferrovija
3.1.3 Ċertifikat tal-ippakkjar tas-servizz tad-dwana kompetenti (trasport bil-kontejners) flimkien mar-rapport tal-ippakkjar tas-servizzi tal-foresta tal-post tat-tagħbija

Kriterju 4: L-entità tal-foresta ta' tħaddim tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-affarijiet soċjali

Indikatur 4.1: L-entità tal-foresta tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-liġi tax-xogħol, tal-liġi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-ftehimiet kollettivi tas-settur tal-injam
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 61(2) u 62(2) tal-Liġi Nru 92/007 tal-14 ta' Awwissu 1992 li tistabbilixxi kodiċi tax-xogħol.
— Id-Digriet Nru 2008/2115/PM tal-24 ta' Jannar 2008 li jivvalorizza mill-ġdid is-salarju minimu interprofessjonali garantit (salaire minimum interprofessionnel garanti - SMIG)
— Ordni Nru 73-17 tat-22 ta' Mejju 1973 li jistabbilixxi organizzazzjoni tal-assistenza soċjali
— Id-Digriet 74-26 tal-11 ta' Jannar 1974 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-ordni Nru 73-17 tat-22 ta' Mejju 1973 li jistabbilixxi organizzazzjoni tal-fond nazzjonali tal-assistenza soċjali
— Id-Digriet Nru 74-723 tat-12 ta' Awwissu 1974 li jistabbilixxi ir-rati tal-kontribuzzjonijiet dovuti lis-CNPS għall-fergħat tal-benefiċċji tal-familja u l-assigurazzjoni pensjonijiet tax-xjuħija, tad-diżabbiltà u tal-mewt
— Liġi Nru 69-LF-18 tal-10 ta' Novembru 1969 li tistabbilixxi skema ta' assigurazzjoni pensjonijiet tax-xjuħija, tad-diżabbiltà u tal-mewt, emendata mil-Liġi Nru 84/007 tal-4 ta' Lulju 1984
— Is-Sentenza Nru 039/MTPS/IMT li tistabbilixxi l-miżuri ġenerali ta' iġjene u ta' sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol
— Is-Sentenza Nru 019/MTPS/SG/CJ tas-26 ta' Mejju 1993 li tistabbilixxi l-arranġamenti tal-elezzjoni u tal-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tad-delegati tal-persunal
— Konvenzjoni Kollettiva Nazzjonali (April 2002) tal-impriżi tat-tħaddim, tal-ipproċessar tal-prodotti tal-foresta u l-attivitajiet relatati
— Is-Sentenza Nru 11/DEC/DT tal-25 ta' Mejju 1978 li tistabbilixxi l-arranġamenti tal-konvokazzjoni u biex jidhru l-partijiet quddiem l-ispettur tax-xogħol fir-rigward ta' soluzzjoni tat-tilwim tax-xogħol
— Direttivi prattiċi tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol (International Labour Office - ILO)
— Liġi 64/LF/23 tat-13 ta' Novembru 1964 dwar il-protezzjoni tas-saħħa pubblika
— Liġi 98/015 tal-14 ta' Lulju 1998 dwar l-istabbilimenti li huma kklassifikati bħala perikoluż, ħżiena għas-saħħa jew inkonvenjenti
— Id-Digriet 99/818/PM tad-9 ta' Novembru 1999 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' impjantazzjoni u ta' tħaddim *[tal-istabbilimenti msemmija]*
— Tabella tas-salarji tal-impriżi tat-tħaddim, tal-ipproċessar tal-prodotti tal-foresta u l-attivitajiet relatati fis-seħħ
Verifikaturi
4.1.1 Ċertifikat ta' sottomissjoni maħruġ mis-CNPS
4.1.2 Reġistri tal-Impjegaturi fi 3 faxxikli, innumerati u ffirmati mit-tribunal kompetenti jew mill-ispettur tax-xogħol tal-ġurisdizzjoni

4.1.3 Regolament intern awtorizzat mill-ispettur tax-xogħol tal-ġurisdizzjoni
4.1.4 Minuti tal-elezzjoni tad-delegati tal-persunal
4.1.5 Konvenzjoni ta' żjarat u ta' kuri minn tabib
4.1.6 Att ta' twaqqif ta' kumitat tal-iġjene u tas-sigurtà tax-xogħol, iffirmat mid-direttur tal-impriża
4.1.7 Rapporti ta' spezzjoni tal-Ministru tas-saħħa
4.1.8 Dikjarazzjoni ta' stabbiliment indirizzat lill-ispettur tax-xogħol tal-ġurisdizzjoni
Indikatur 4.2: L-entità tal-foresta tirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tagħha rigward il-komunitajiet lokali taż-żona/i ta' intervent tagħha
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 36 tal-Liġi 94/01
— Kapitolu II tas-SIAF, Artikoli 4 u 5
Verifikaturi
4.2.1 Speċifikazzjonijiet
4.2.2 Minuti tat-twettiq tax-xogħlijiet soċjali previsti fl-ispeċifikazzjonijiet
4.2.3 Minuti tal-laqgħa ta' informazzjoni dwar il-permess tal-foresta ffirmat mill-amministrazzjoni jew il-prefett

Kriterju 5: L-entità tal-foresta ta' tħaddim tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tal-harsien tal-bijodiversità

Indikatur 5.1: L-entità tal-foresta ta' tħaddim ħadet il-miżuri meħtieġa biex tipprojbixxi l-parteċipazzjoni tal-impjegati tagħha fil-kaċċa illegali, il-kaċċa kummerċjali kif ukoll fit-trasport jew il-kummerċ tal-prodotti u tal-mezzi tal-kaċċa. Hija tinkoraġġixxi, tappoġġa u/jew tibda kwalunkwe azzjoni li jkollha l-għan li taċċerta l-applikazzjoni tar-regolamentazzjoni fir-rigward tal-kaċċa u tal-ħarsien tal-fawna f'dawn is-siti tax-xogħol
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 11(1) u (3) tas-Sentenza Nru 222
— Speċifikazzjonijiet
— Kapitolu VI tas-SIAF, Artikoli 28, 29 u 30
Verifikaturi
5.1.1 Regolament intern
5.1.2 Memoranda li jispeċifikaw il-projbizzjoni tal-kaċċa illegali u tat-trasport tal-laħam tal-annimali selvaġġi
5.1.3 Memoranda li jippubblikaw is-sanzjonijiet possibbli
5.1.4 Reġistru tal-infrazzjonijiet

TABELLA 4: LIĊENZJA GĦAT-TNEĦĦIJA TAL-INJAM (ATI)

(MAQTUGĦIN, LI BAQGĦU L-ART, ABBANDUNATI JEW SEKWESTRATI)

Kriterju 1: L-entità tal-foresta ta' tħaddim għandha setgħa legali

Indikatur 1.1: L-entità tal-foresta għandha eżistenza legali u hija approvata għall-professjoni ta' operatur tal-foresti
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 41 tal-Liġi 94/01 — Artikoli 35(1) u 36 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
1.1.1 Ċertifikat ta' residenza (persuna fiżika) 1.1.2 Reġistru tal-kummerċ stabbilit lill-uffiċċju tar-reġistri kompetenti (persuna ġuridika) 1.1.3 Awtorizzazzjoni għall-professjoni tal-forestrija mogħtija mill-awtorità kompetenti 1.1.4 Estratt tad-depożitu tal-marki tal-mannara tal-impriża li tintuża biex timmarka s-siġar fl-uffiċċju tar-reġistri tal-Qorti ta' Appelli kompetenti
Indikatur 1.2: L-entità tal-foresta tibbenefika minn liċenzja għat-tneħħija tal-injam maħruġa mill-amministrazzjoni responsabbli għall-foresti, skont il-liġi
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 56, 111 u 112 tad-Digriet 95-531
Verifikaturi
1.2.1 Affidavit tal-infrazzjoni u tas-sekwestru tal-injam użat bi frodi (injam sekwestrat) 1.2.2 Affidavit tal-biċċiet abbandunati mfassal mill-persuna responsabbli lokali tal-amministrazzjoni li tieħu ħsieb il-foresti u ittra ta' taħrika nnotifikata lill-proprjetarji (biċċiet abbandunati fil-foresta jew li baqgħu l-art) 1.2.3 Avviż ta' sejħa għall-offerti pubblika (injam sekwestrat, abbandunat jew li baqa' l-art) 1.2.4 Att tal-kummissjoni tal-bejgħ li dwar l-għażla tal-entità tal-foresta bħala l-aħjar offerent 1.2.5 Minuti tal-irkant u rċevuti rilevanti (ammont tal-bejgħ u 13 % aktar) 1.2.6 Rapport tal-verifika tal-biċċiet li jibqgħu fl-art wara li jinqatgħu s-siġar (injam maqtugħ b'mod regolari u mhux evakwat fid-data ta' skadenza tal-permess) 1.2.7 Liċenzja għat-tneħħija tal-injam maħruġa mil-persuna responsabbli kompetenti tal-amministrazzjoni tal-foresta 1.2.8 Notifika tal-bidu tax-xogħlijiet
Indikatur 1.3: L-entità tal-foresta mhija soġġetta għall-ebda miżura ta' sospensjoni jew ta' irtirar tal-awtorizzazzjoni jew tal-permess mill-amministrazzjoni u mhijiex implikata fil-kummissjoni tal-infrazzjoni li għaliha ġie sekwestrat l-injam
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Kapitolu 3 tal-Liġi 94/01 — Artikoli 146, 150 u 152 tal-Liġi 94/01 — Artikoli 130, 131, 132, 135 u 146 tad-Digriet 95-531

Verifikaturi
1.3.1 Reġistri/fajls tal-infrazzjonijiet ippubblikati mill-amministrazzjonijiet kompetenti 1.3.2 Deċiżjoni ta' sospensjoni tal-Ministeru tal-foresti, immotivata u nnotifikata lill-parti terza, jekk ikun il-każ. 1.3.3 Affidavit ta' infrazzjoni magħluq u rreġistrat fir-reġistru tal-litigazzjoni tas-servizzi lokali kompetenti
Indikatur 1.4: L-entità tal-foresta tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha tal-liġi eżistenti
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikolu 122 tal-Liġi 94/01 — Kodiċi ġenerali tat-taxxi aġġornat (Titolu 1, Kapitolu 1; Titolu 2; Kapitolu 1; Titolu 5, Kapitolu 3) — Att finanzjarju 2002/003 u ta' warajh
Verifikaturi
1.4.1 Titolu tal-liċenzja kummerċjali 1.4.2 Ċertifikat tan-nuqqas ta' debitu/ħlas tal-liċenzja taċ-ċentru tat-taxxi kompetenti

Kriterju 2: L-entità tal-foresta ta' tħaddim tirrispetta l-obbligi tagħha fir-rigward tat-tħaddim tal-foresta

Indikatur 2.1: L-entità tal-foresta tirrispetta l-kwantitajiet attribwiti (volum), b'mod konformi mal-preskrizzjonijiet tal-liċenzja
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
— Artikoli 144 u 148 tal-Liġi 94/01 tal-20 ta' Jannar 1994
Verifikaturi
2.1.1 Rekords tal-bejgħ fl-irkanti pubbliċi 2.1.2 L-oriġinali ta' noti ta' kunsinna jew dikjarazzjoni SIGIF 2.1.3 Ċertifikat ta' verifika
Indikatur 2.2: L-entità tal-foresta tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha u tħallas it-taxxi tal-foresta marbuta mal-attività jew attivitajiet tagħha.
Referenzi leġislattivi, regolamentarji u normattivi
L-injam impurtat ([2]) mill-entitajiet tal-foresta li qegħdin fil-Kamerun jibqa' jiġi impurtat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġislazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-Kamerun. Dan jista' jinħariġlu liċenzja FLEGT mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-Kamerun biss jekk jissodisfa r-regoli tal-oriġini (li huma stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika) u jissodisfa mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

— jkollu liċenzja FLEGT mill-pajjiż tal-oriġini;

— jkollu ċertifikat privat rikonoxxut mill-gvern tal-Kamerun bħala wieħed li ħareġ minn qafas ta' referenza ta' ġestjoni sostenibbli li jinkludi mill-inqas il-kriterji rikjesti fl-iskali ta' legalità tal-Kamerun.

Fi kwalunkwe każ, il-legalità tal-injam impurtat mill-entitajiet tal-foresta li qegħdin fil-Kamerun hija vverifikata fil-fruntiera qabel id-dħul fit-territorju tal-Kamerun u mbagħad fid-dħul tal-unitajiet tal-ipproċessar fejn ikun irreġistrat fil-kotba speċjali "dħul fil-fabbrika CEMAC". Kooperazzjoni stretta mal-pajjiżi l-oħra tas-CEMAC tippermetti li jiġi evitat li l-Kamerun jimporta prodotti tal-foresta illegali.

L-injam fi tranżitu fit-territorju tal-Kamerun għandu jiġi intraċċat mis-sistema ta' traċċabbiltà (f'database maħluqa fis-Sistema Komputerizzata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar il-Foresti - Système informatisé de gestion de l'information forestière - SIGIF II) u għandu jsegwi passaġġ doganali stabbilit għal dan il-għan. Il-proċeduri ta' monitoraġġ tal-injam fi tranżitu se jingħataw fid-dettall aktar tard matul il-perjodu ta' implimentazzjoni kif ukoll l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi kkonfermata n-natura fi tranżitu ta' dan l-injam, skont il-proċeduri CEMAC fis-seħħ.

III. **Verifika tal-legalità tal-entità tal-foresta**

Id-definizzjoni tal-legalità kif ukoll l-għodod użati biex tiġi żgurata l-legalità tal-entitajiet tal-foresta jidhru fl-Anness II ta' dan il-Ftehim. Dan l-Anness għandu tmien skali ta' legalità elaborati biex ikopru s-sorsi diversi ta' provenjenza tal-injam li ġej mis-settur tal-foresti permanenti (SFP), mis-settur tal-foresti mhux permanenti (SFMP) jew inkella mill-unitajiet tal-ipproċessar tal-injam (UII):

— Settur tal-foresti permanenti

  — Tabella ta' legalità 1: Konvenzjoni tat-tħaddim (KT).

([1]) "*Entità tal-foresta*": persuna fiżika jew legali, komunità, Komun li huma d-detenturi ta' sors legali ta' produzzjoni, ta' xiri jew tal-ipproċessar tal-injam u l-prodotti derivati.

([2]) Attwalment, l-injam tas-CEMAC biss (li ġej minn pajjiż tal-Komunità Ekonomika u Monetarja tal-Afrika Ċentrali minbarra l-Kamerun) huwa kkonċernat mill-importazzjoni u t-tranżitu iżda l-kopertura tas-sistema tista' tiġi estiża għal kwalunkwe oriġini oħra barra l-pajjiżi CEMAC.

— Tabella ta' legalità 2: foresta tal-Komun (FK); ġestjoni diretta.

— Settur tal-foresti mhux permanenti

— Tabella ta' legalità 3: liċenzja għall-irkupru tal-injam (AII).

— Tabella ta' legalità 4: liċenzja għat-tneħħija tal-injam maqtugħ (ATI).

— Tabella ta' legalità 5: bejgħ tal-qtugħ (BQ) fil-qasam nazzjonali.

— Tabella ta' legalità 6: foresta Komunitarja (FKom); ġestjoni diretta.

— Tabella ta' legalità 7: permess speċjali (PS); l-użu tal-ebanu fis-settur nazzjonali u l-foresti tal-komun.

— Unitajiet tal-ipproċessar tal-injam

— Tabella ta' legalità 8: unitajiet tal-ipproċessar tal-injam (UII).

Għajr għat-tabella dwar il-UII li għandha ċerti karatteristiċi speċifiċi, l-iskali ta' legalità kollha huma magħmula minn ħames (5) kriterji komuni li għandhom x'jaqsmu mal-aspetti amministrattivi (kriterju 1), it-tħaddim u l-iżvilupp (kriterju 2), it-trasport (kriterju 3), il-qasam soċjali (kriterju 4) u l-ambjent (kriterju 5). Skont l-iskali, dawn il-kriterji huma mnaqqsa f'numru varjabbli ta' indikaturi, u dawn imbagħad huma mnaqqsa f'verifikaturi.

Il-verifika tal-konformità tas-sitwazzjoni ta' kull entità tal-foresta b'dawn il-verifikaturi hija bbażata fuq id-dokumenti tekniċi previsti mit-testi regolamentarji maħruġa mid-diversi amministrazzjonijiet u li, fil-maġġoranza tagħhom, jistgħu jiġu kkonsultati fid-database ċentrali tal-Ministeru tal-foresti (SIGIF II). Dan ix-xogħol ta' verifika tal-legalità tal-entità tal-foresta jsir fi ħdan struttura formali tal-Ministeru tal-foresti f'Yaoundé (ara l-Anness III-B), bi proċedura flessibbli u stretta li tippermetti l-ħruġ taċ-"ċertifikat tal-legalità" lill-entità tal-foresta ta' tħaddim/tal-ipproċessar, għal kull permess li ġie mogħti lilha u/jew kull unità tal-ipproċessar tal-injam li għandha. L-arranġamenti dettaljati għall-ħruġ taċ-"ċertifikat tal-legalità" (identifikazzjoni tad-dokumenti tal-fajl amministrattiv, funzjonament tas-sistema ta' rikonċiljazzjoni tad-data li ġejja mill-ministeri diversi involuti, proċess ta' tiġdid taċ-ċertifikat tal-legalità, eċċ.) huma stabbiliti minn dispożizzjoni regolamentarja speċifika tal-Ministeru tal-foresti ([1]).

Iċ-"ċertifikat tal-legalità" għandu jinħareġ għal sena finanzjarja stabbilita bi żmien ta' validità ta':

— Sena jew aktar għall-premessi tas-settur tal-foresti permanenti (konvenzjoni ta' ġestjoni u foresti tal-komun);

— 6 xhur l-aktar għall-permessi tas-settur tal-foresti mhux permanenti;

— Sena l-aktar għall-unitajiet tal-ipproċessar.

Iċ-ċertifikat tal-legalità jista' jiġi sospiż fi kwalunkwe mument wara litigazzjoni kif deskritt fit-taqsima V.

Is-servizzi ċentrali li jieħdu ħsieb il-verifika tal-legalità għandhom il-possibbiltà li jagħtu bidu għaż-żjarat fuq il-post biex jivverifikaw l-awtentiċità tal-verifikaturi previsti fl-itabella ta' legalità korrispondenti u li mhum dejjem jistgħu jinftiehmu kompletament biss fuq il-bażi tal-analiżi dokumentarja. Dawn il-verifiki jikkonċernaw ukoll l-elementi provduti mill-amministrazzjonijiet imsieħba (Ministeru tas-saħħa, għax-xogħol, għall-affarijiet soċjali, għall-ambjent u għall-ħarsien tan-natura, eċċ.) li joħorġu dokumenti dovuti fl-iskali ta' legalità.

Il-proċedura dettaljata tal-verifika tal-legalità tal-entità tal-foresta, u b'mod partikolari l-metodoloġija li se tintuża mis-servizzi ċentrali responsabbli għall-verifika tal-legalità, se tiġi żviluppata matul il-fażi preparatorja.

Fil-każ speċifiku tal-entitajiet tal-foresta li għandhom ċertifikat privat tal-legalità u/jew ta' ġestjoni tal-foresta sostenibbli (i) rikonoxxut u approvat mill-Ministeru tal-foresti li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-approvazzjonijiet liċ-ċertifikaturi u verifikaturi privati, (ii) b'verifika affidabbli u indipendenti u (iii) li juża qafas ta' referenza li jinkludi b'mod obbligatorju r-rekwiżiti kollha tal-iskali ta' legalità tal-Kamerun, ser jiġi rikonoxxut li huma konformi mal-legalità tal-Kamerun. Dawn l-entitajiet tal-foresta għalhekk jiksbu ċ-"ċertifikat tal-legalità" mis-servizzi ċentrali responsabbli għall-verifika tal-legalità wara ċ-ċertifikat validu mġedded kull sena, u mitlub waqt il-verifika tas-sorveljanza.

([1]) Din id-dispożizzjoni ser tiġi adottata matul il-fażi tat-tħaddim tas-sistema

Ir-rikonoxximent mill-MINFOF taċ-ċertifikati privati tal-legalità u/jew tal-ġestjoni sostenibbli jsir wara analiżi tal-oqfsa ta' referenza użati mill-uffiċċji approvati sabiex jivverifikaw li dawn tassew daħħlu l-kriterji, indikaturi u verifikaturi kollha tal-iskali ta' legalità tal-Kamerun (aspetti amministrattivi, tħaddim u żvilupp, trasport, soċjali u ambjent). Evalwazzjoni formali tal-istandards ta' ċertifikazzjoni privata tal-konċessjonijiet tal-foresta fil-Kamerun fir-rigward tal-itabella ta' legalità se titwettaq mill-MINFOF matul il-fażi preparatorja. Din l-evalwazzjoni se twassal għal rapport li jiġi ppubblikat u jkun aċċessibbli għall-pubbliku. Jekk din l-evalwazzjoni tkun pożittiva, is-sistema ta' ċertifikazzjoni privata tiġi approvata mill-Ministeru tal-foresti b'dispożizzjoni regolamentarja. Din l-approvazzjoni tiġi ppubblikata. Hija b'hekk tippermetti l-ħruġ taċ-ċertifikat tal-legalità lill-impriżi li jkunu ġew ċertifikati skont tali sistema, mingħajr ma tkun teħtieġ missjoni speċifika, u dan sabiex tiġi evitata verifika doppja tal-legalità f'dawn il-konċessjonijiet tal-foresta ċċertifikati. Madankollu, il-kumpanija tal-foresta kkonċernata minn din iċ-ċertifikazzjoni approvata jkollha tagħti lis-servizzi ċentrali responsabbli għall-verifika tal-legalità, ir-rapporti kollha tal-verifika ta' ċertifikazzjoni tas-sistema ta' ċertifikazzjoni privata biex jippermettulha ssegwi r-rispett tal-legalità f'dan il-proċess, u jippermettu b'hekk il-ħruġ taċ-ċertifikat tal-legalità għall-impriża u għall-permess ikkonċernat.

IV. **Il-monitoraġġ nazzjonali tal-attività tal-foresta**

Il-monitoraġġ nazzjonali tal-attività tal-foresta jsir taħt il-koordinazzjoni tal-Ministeru tal-foresti permezz tas-servizzi speċjalizzati u jimplika l-amministrazzjonijiet l-oħra kollha li jintervjenu fil-proċess tal-iżvilupp tat-territorju nazzjonali. L-għodda ta' monitoraġġ hija s-Sistema Komputerizzata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar il-Foresti - it-tieni ġenerazzjoni (SIGIF II), li l-memorja ċentrali tagħha tinsab għand il-Ministeru tal-foresti b'interkonnessjonijiet (kollegamenti elettroniċi li jippermettu li tittella' l-informazzjoni u li tkun disponibbli dak il-ħin stess) mas-sistemi "MESURE" tat-taxxi u "SYDONIA" tad-dwana tal-Ministeru tal-finanzi. Għalhekk jiddependi mhux biss fuq il-funzjonament tajjeb ta' dawn is-servizzi fil-firxa tat-territorju nazzjonali, iżda wkoll mill-kollaborazzjoni t-tajba mal-atturi kollha tas-settur tal-foresti.

SIGIF II huwa l-għodda komputerizzata li għandha memorja ċentrali li tinsab fid-direttorat tal-foresti fejn tinħażen id-data kollha dwar is-settur tal-foresti li ġejja mill-istazzjonijiet ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa, punti ta' kontroll, delegazzjonijiet dipartimentali, delegazzjonijiet reġjonali, entitatjiet tal-foresta, amministrazzjonijiet fiskali u doganali, eċċ. Dan jippermetti fi kwalunkwe mument li wieħed ikun jaf is-sitwazzjoni ta' kull entità tal-foresta, u jieħu d-deċiżjonijiet kollha meħtieġa għal-legalità tal-attivitajiet tagħhom. Għalhekk huwa s-sors ewlieni ta' informazzjoni li jservi għall-imblukkar tal-proċess li jwassal għall-ħruġ tal-liċenzja FLEGT f'każ li entità tal-foresta f'sitwazzjoni irregolari titlob għal dan id-dokument; minn hawnhekk tiġi t-terminoloġija ta' "sistema tal-imblukkar".

MESURE (Meilleur suivi du rendement fiscal - Monitoraġġ Aħjar tar-Rendiment Fiskali) hija applikazzjoni tat-tip klijent/-server, operattiva fid-diviżjoni tal-impriżi l-kbar (division des grandes entreprises - DGE), fil-programm tal-iżgurar tad-dħul mill-foresti (programme de sécurisation des recettes forestières - PSRF) u fiċ-ċentri tat-taxxi tal-impriżi ta' daqs medju (centres des impôts de moyennes entreprises - CIME) tad-direttorat ġenerali tat-taxxi. Il-funzjoni ewlenija tagħha hija l-monitoraġġ u l-ġestjoni tat-taxxi fuq id-dħul, id-dazji, il-miżati u l-ħlas tal-liċenzji. Fir-rigward tal-fiskalità tal-foresta, hija toffri pjattaforma ta' dħul, ipproċessar u analiżi tad-data tad-dikjarazzjonijiet. Wara l-interkonnessjoni mas-SIGIF II, hija tkun tista' tipproduċi d-data li ġejja:

— data ta' fiskalità ġenerali (taxxi kummerċjali, CNPS, taxxi tal-liġi komuni);

— tabella tal-monitoraġġ tal-ħlas tat-taxxa tal-qtugħ;

— tabella tal-monitoraġġ tal-ħlas tat-taxxa tad-dħul fil-fabbrika;

— tabella tal-irkupru tal-irkanti pubbliċi u tat-tranżazzjonijiet;

— tabella tal-monitoraġġ tal-irkupru u tat-tqassim tal-RFA;

— tabella tal-ħlas tal-permessi żgħar;

— spejjeż tal-liċenzja, tas-sottomissjoni tal-permessi, eċċ.

Din l-informazzjoni kollha tikkontribwixxi għall-kontroll ta' koerenza u tipparteċipa fis-sistema tal-imblukkar fil-każ ta' irregolarità.

SYDONIA: is-sistema komputerizzata doganali (SYDONIA), hija applikazzjoni fuq tabella dinjija; hija implimentata mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD), f'bosta membri tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO). Hija applikazzjoni tat-tip server/utent li bħalissa qiegħda tintuża mill-amministrazzjoni tad-dwana tal-Kamerun. Fil-qafas tal-interkonnessjoni mas-SIGIF II, hija tikkomunika dak il-ħin stess, l-informazzjoni li ġejja:

— data statistika dwar il-kwantitajiet esportati:

  — esportazzzjonijiet taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra nazzjonali;

  — esportazzzjonijiet taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra fi tranżitu (CEMAC);

  — esportazzzjonijiet tal-injam isserat nazzjonali;

— esportazzzjonijiet des injam isserat fi tranżitu (CEMAC);

— esportazzzjonijiet tal-parkè;

— esportazzzjonijiet tat-triplaj;

— esportazzzjonijiet tal-fuljetti;

— esportazzzjonijiet tal-prodotti speċjali;

— esportazzzjonijiet tal-prodotti lesti tal-injam;

— data statistika dwar il-valuri taxxabbli globali tal-kwantitajiet esportati;

— data statistika dwar id-dħul baġitarju ġġenerat mill-esportazzjonijiet ta' injam;

— data dwar l-entitajiet tal-foresta sospiżi mill-attività doganali u r-raġunijiet għas-sospensjoni tagħhom;

— data dwar il-likwidazzjoni tal-kwittanza u tal-volumi allokati mid-direttorat ġenerali tat-taxxi (direction générale des impôts -DGI), jew mill-MINFOF;

— data dwar il-volumi ta' zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra esportati minn ċerti entitajiet tal-foresta li jibbenefikaw minn liċenzji speċjali (esportazzjoni ta' zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra ta' speċi ta' promozzjoni tal-ewwel kategorija);

— data dwar in-numru ta' liċenzji FLEGT li jakkumpanjaw l-ispedizzjonijiet realment mgħobbija;

— data dwar il-kwantitajiet ta' injam CEMAC fi tranżitu jew impurtati.

Bħall-MESURE, l-informazzjoni kollha tal-SYDONIA tinkontribwixxi għall-kontroll ta' koerenza u tipparteċipa fis-sistema tal-imblukkar fil-każ ta' irregolarità.

V. **Il-kontroll nazzjonali tal-attività tal-foresta**

Il-kontroll nazzjonali tal-attività tal-foresta jsir kuljum tul il-katina tal-provvista kollha. L-informazzjoni kollha li tirriżulta minnu tinqabad mis-sistema ta' traċċabbiltà u tidħol fid-database ċentrali SIGIF II. Dan jitwettaq mis-servizzi kollha speċjalizzati tal-Ministeru tal-foresti bl-għajnuna tal-forzi taż-żamma tal-ordni u tal-Ministeru tal-ġustizzja. Dan isir b'mod konformi mal-"istrateġija nazzjonali tal-kontroll tal-foresta u tal-fawna" li tapplika għall-istadji diversi tal-katina tal-provvista u tiddependi fost oħrajn fuq is-sistema ta' traċċabbiltà li d-deskrizzjoni tagħha tinsab f'dan l-Anness. Matul il-fażi preparatorja, il-proċeduri ta' kontroll emendati sese jiġu elaborati biex jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti tas-sistema ta' verifika tal-legalità.

L-attivitajiet ta' kontroll tal-foresta jistgħu jwasslu għal litigazzjoni li huma ġestiti bis-softwer imsejjaħ "Monitoraġġ tal-Infrazzjonijiet u tal-Ġestjoni Komputerizzata tal-Litigazzjoni tal-Foresta" (Monitoraġġ des infractions et de la gestion informatique du contentieux forestier - SIGICOF), li huwa modulu kkollegat mas-SIGIF II. Il-konklużjonijiet tal-litigazzjoni tal-foresta jipparteċipaw fis-sistema tal-imblukkar kontra kwalunkwe entità tal-foresta li għamlet infrazzjoni, malli din tal-aħħar tiġi ddikjarata ħatja mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-konklużjonijiet imbagħad jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-infrazzjonijiet ġewwa d-database tas-SIGIF II u jibqgħu b'setgħa ta' imblukkar (jiġifieri sospensivi taċ-ċertifikat tal-legalità) għall-entità tal-foresta kkonċernata sakemm ma tkunx għada ppreżentat l-effetti legali kollha previsti mir-regolamentazzjoni fis-seħħ.

VI. **Verifika tal-konformità tal-katina tal-provvista**

Din hija s-sistema ta' traċċabbiltà tal-injam u l-prodotti derivati fil-Kamerun.

VI a. Għan

Is-sistema ta' traċċabbiltà jkollha l-abbiltà li ssegwi t-traċċa tal-injam u tal-prodotti tal-injam mill-foresta sal-post tal-esportazzjoni billi tintegra l-punti ta' ksur. B'hekk, din is-sistema ta' traċċabbiltà tippermetti li taqbad ir-riżultati tal-inventarju tat-tħaddim, il-volumi kollha maqtugħin, trasportati, mdaħħla fil-fabbrika, ipproċessati u l-prodotti CEMAC kollha impurtati jew fi tranżitu.

VI b. Kopertura

Il-verifika tal-konformità tal-katina tal-provvista tkopri l-firxa kollha tat-territorju nazzjonali, il-modi ta' produzzjoni jew ta' xiri kollha (liċenzja tal-foresta, bejgħ tal-qtugħ, foresti Komunitarji, foresti tal-komun, liċenzji tal-irkupru u irkanti pubbliċi) u l-prodotti tal-foresta kollha esportati, impurtati, fi tranżitu u kkumerċjalizzati ġewwa l-pajjiż.

VI c. Prinċipji

Is-sistema hija mfassla fuq il-prinċipji li ġejjin:

— hija database ċentrali (SIGIF II) aċċessibbli mill-Internet għall-atturi kollha kkonċernati mis-settur tal-injam;

— hija interkonnessa ma' databases ta' amministrazzjonijiet jew servizzi oħra, sabiex tikkollega u tikkonsolida l-informazzjoni [SIGIF II, SIGICOF, SYDONIA, MESURE] dak il-ħin stess;

— hija taħdem fil-mod klijent/server, b'aċċess regolamentat lis-server (grupp, drittijiet, eċċ). Id-data tittella' dak il-ħin stess mill-partijiet involuti kollha fis-sistema (operaturi tal-foresta, industrijali, esportaturi, importaturi, amministrazzjoni fiskali, amministrazzjoni doganali u amministrazzjoni tal-foresti);

— hija tippermetti li jkun hemm trasparenza fis-settur billi tpoġġi għad-dispożizzjoni online l-informazzjoni affidabbli u rilevanti għall-benefiċċji tal-atturi assoċjati mal-kwistjoni tal-foresta;

— hija tagħti bidu għall-inventarju tat-tħaddim: kull siġra rreġistrata fil-qafas tal-leġislazzjoni fis-seħħ tkun assoċjata ma' numru ta' identifikazzjoni ta' referenza (barcode);

— hija elettronika (rapida u affidabbli), u simultanjament dokumentarja (noti ta' kunsinna, Kotba tas-sit tax-xogħol, eċċ.);

— hija dikjarattiva u tagħti responsabbiltà (fil-qasam fiskali u dak tal-foresta). Ir-responsabbilizzazzjoni tal-entità tal-foresta tippermetti li hija stess tkun responsabbli għall-imblukkar jew għad-dewmien: jekk ma tibgħatx id-dikjarazzjonijiet tal-qtugħ tagħha (u oħrajn), hija tkun qiegħda tippenalizza lilha nnifisha għall-operazzjonijiet downstream (esportazzjoni);

— hija kompatibbli mas-sistemi stabbiliti fil-pajjiżi fil-qrib u ma' dawk installati mill-entitajiet tal-foresta;


— timblokka minn gruppi ta' affiljazzjoni, id-drittijiet allokati lil kull grupp u l-kodifikazzjoni tad-data bażika ġgurata fil-livell ċentrali. Is-sistema ta' traċċabbiltà għandha tippreżenta validazzjoni tad-data mdaħħla f'kull stadju. (pereżempju: il-ħruġ tal-permess mill-MINFOF ċentrali jeħtieġ id-dħul tad-data tal-inventarju tat-tħaddim);

— hija sistema bl-għan li tiffaċilita l-proċeduri ta' kontroll, b'mod partikolari bit-tnaqqis tal-punti ta' kontroll (identifikazzjoni tal-punti ta' passaġġ obbligatorji), permezz tal-kollegament elettroniku li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, eċċ.

VI d. L-atturi u r-rwoli tagħhom

Kif indikat hawn fuq, f'diversi livelli tal-katina tat-traċċabbiltà, l-atturi jistgħu jikkodifikaw, jittrażmettu jew jikkonsultaw id-data fs-SIGIF II. Il-fluss ta' trażmissjoni/konsultazzjoni tad-data bejn l-atturi tippreżenta ruħha kif indikat fid-dijagramma hawn taħt:

Dijagramma tal-fluss ta' trażmissjoni/konsultazzjoni tad-data



Spjegazzjoni: it-tifsira tal-vleġeġ

Nru	Fluss tad-data jew ta' informazzjoni fi tranżitu
1	— Kontroll tad-dokumenti tat-trasport (NK, formoli tal-ispeċifikazzjonijiet, ċertifikati tal-oriġini u dokumenti doganali) — Kodifikazzjoni tad-data tal-kontrolli fiżiċi tal-injam CEMAC — Barcodes speċifiċi

Nru	Fluss tad-data jew ta' informazzjoni fi tranżitu
2	— Dħul tad-data tal-attivitajiet tagħhom (inventarji, qtugħ, trasport, ipproċessar, importazzjoni u esportazzjoni). — Dħul tal-informazzjoni relatata mat-taxxa tal-qtugħ (taxxa tal-qtugħ - TA), it-taxxa tad-dħul fil-fabbrika (taxxa tad-dħul fil-fabbrika -TEU), il-liċenzja tal-foresta annwali (redevance forestière annuelle - RFA) u mat-taxxi tal-liġi komuni għall-kontroll tal-koerenza
3	— Aċċess għall-konsultazzjoni tal-istatistiċi ta' produzzjoni, tat-taxxi kkalkulati, tal-konklużjonijiet tal-litigazzjoni
4	— Kodifikazzjoni tad-data tal-kontroll fiżiku
5	— Konsultazzjoni tal-istatistiċi ta' produzzjoni, tat-taxxi kkalkulati, tal-konklużjonijiet tal-litigazzjoni
6	— Kodifikazzjoni tad-data pproċessata mill-MESURE.
7	— Konsultazzjoni tad-data tal-kontrolli fiżiċi rreġistrati fil-punti tal-fruntjieri
8	— Kodifikazzjoni tad-data pproċessata mill-SYDONIA
9	— Konsultazzjoni tal-istatistiċi dwar il-prodotti impurtati, fi tranżitu tal-injam CEMAC
10	— Konsultazzjoni possibbli tad-data dwar il-legalità tal-injam
11	— Konsultazzjoni tal-istatistiċi ta' produzzjoni u tal-elementi tal-analiżi xjentifiċi
12	— Traċċabbiltà tal-injam u l-prodotti derivati maħsuba għall-esportazzjoni
13	— Kodifikazzjoni tad-data tal-esportazzjoni (dokument ta' speċifikazzjoni tal-injam għall-esportazzjoni) — Kodifikazzjoni tan-numri tal-liċenzji FLEGT
14	— Konsultazzjoni tal-inventarji, tal-istatistiċi ta' produzzjoni, tal-ipproċessar, tal-istatistiċi dwar il-volum tal-prodotti trasportati, tat-taxxi kkalkulati, tal-konklużjonijiet tal-litigazzjoni, ċertifikati tal-legalità, eċċ.
15	— Kodifikazzjoni tad-data tal-kontroll fiżiku — Kodifikazzjoni tad-data dwar il-litigazzjoni (rapport tas-sekwestru, rapport tal-irkant tal-prodotti sekwestrati)

Definizzjoni tar-rwol tal-atturi:

— MINFOF ċentrali:

  — il-ġestjoni tas-sistema u r-regolamentazzjoni tal-proċeduri;

  — il-kodifikazzjoni tal-informazzjoni bażika;

  — is-sorveljanza tal-kontroll;

  — l-interkonnessjoni mal-amministrazzjonijiet l-oħra;

  — il-validazzjoni tad-data fil-livell ċentrali;

  — il-verifika indipendenti.

— L-entitajiet tal-foresta:

  — id-dħul tad-data tal-attivitajiet tagħhom (inventarji, qtugħ, trasport, ipproċessar, importazzjoni u esportazzjoni) jew trażmissjoni lis-servizzi kompetenti għad-dħul fid-database;

  — id-dħul tal-informazzjoni relatata mat-taxxa tal-qtugħ (taxxa tal-qtugħ - TA), mat-taxxa tad-dħul fil-fabbrika (taxxa tad-dħul fil-fabbrika -TEU), mal-liċenzja tal-foresta annwali (redevance forestière annuelle - RFA) u mat-taxxi tal-liġi komuni għall-kontroll tal-koerenza, jew trażmissjoni lis-servizzi kompetenti għad-dħul fid-database.

— Il-brigati konġunti tal-fruntieri:

  — id-dħul tad-data tal-injam tal-pajjiżi fil-qrib;

  — il-kontroll u l-verifika tad-dokumenti;

  — il-provvista tal-barcodes speċifiċi għall-injam fi tranżitu, jekk ikun il-każ.

— Id-delegazzjonijiet reġjonali u dipartimentali responsabbli għall-foresti:

  — id-dħul tad-data tal-formoli tal-ispeċifikazzjonijiet tal-injam għall-esportazzjoni (BSE);

  — id-dħul tad-data tal-kontroll u tal-verifika dokumentarja mwettqa fl-istazzjon ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa (PCFC);

— id-dħul tad-data dwar l-irkant tal-prodotti sekwestrati (VEB).

— Il-punti ta' kontroll:

— id-dħul tad-data tal-kontroll fiżiku;

— il-qari tal-barcodes.

— L-entità responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT:

— id-dħul tad-data msemmija fuq il-liċenzji FLEGT maħruġa;

— il-kontroll fiżiku dokumentarju;

— il-ħruġ tal-liċenzji FLEGT.

— It-taxxi:

— id-dħul tal-informazzjoni relatata mat-taxxa tal-qtugħ (taxxa tal-qtugħ - TA), mat-taxxa tad-dħul fil-fabbrika, mal-liċenzja tal-foresta annwali u mat-taxxi tal-liġi komuni għall-kontroll ta' koerenza.

— Id-dwana:

— id-dħul tal-informazzjoni relatata mal-kwantitajiet mgħobbija, impurtati, fi tranżitu;

— il-verifika fiżika u dokumentarja;

— id-dħul tal-entrati doganali.

— Il-pajjiżi l-oħra:

— il-konsultazzjoni permezz tal-interkonnessjoni tas-sistemi ta' traċċabbiltà.

— L-atturi l-oħra:

— il-qari, l-osservazzjoni, id-denunzja u s-suġġerimenti.

L-arranġamenti ta' organizzazzjoni tal-atturi istituzzjonali msejħa biex ikollhom rwol essenzjali fl-implimentazzjoni tal-SVL huma speċifikati fl-Anness III-B.

VI e. Il-ġestjoni tal-informazzjoni

It-tabella hawn taħt tagħti l-punti ewlenin tas-sistema ta' traċċabbiltà li għandha tiġi stabbilita. Il-proċeduri speċifiċi f'kull stadju tal-katina tal-provvista sese jiġu żviluppati matul il-fażi preparatorja, bl-appoġġ ta' għajnuna teknika esterna fuq perjodu limitat u wara li jkunu ġew ittestjati fuq il-post. Dawn il-proċeduri speċifiċi li jistabbilixxu l-perjodiċità tal-kontrolli/verifiki, il-metodi ta' teħid ta' kampjuni, il-proċeduri ta' kontroll fuq il-post, ir-reġistrazzjoni tas-sejbiet ta' infrazzjonijiet, it-trattament tal-injam CEMAC, eċċ. sese ikunu s-suġġett ta' manwal ta' proċeduri żviluppat u mqassam mal-atturi kollha kkonċernati. Tagħmir u mezzi speċifiċi sese jitpoġġew għad-dispożizzjoni tas-servizzi responsabbli għall-monitoraġġ tat-traċċabbiltà.

Stadji	Operazzjonijiet	Responsabbiltajiet tal-operazzjoni	Data li għandha tiġi kkodifikata	Responsabbiltajiet tal-kodifikazzjoni	Verifika (kontroll fiżiku u dokumentarju)	Rikonċiljazzjoni tad-data
1. Foresti ([1])	Inventarji tat-tħaddim	— Operaturi mill-uffiċċji ta' studju approvati lill-inventarji — MINFOF (inventarji minn qabel fl-AIIs) → L-immarkar ta' kull siġra elenkata fl-inventarju b'tikketta b'barcode	— Barcode — Operatur — Sena finanzjarja — Kodiċi tal-ispeċi — DHP (1,3 m) — Koordinati GPS — Nru Permess/UFA/Bloc/AAC	Dħul tad-data mill-operaturi u reġistrazzjoni fs-SIGIF II Karta tal-inventarju rreġistrata fl-UCECAF	Kontroll fuq il-post mill-MINFOF tal-kwalità/affidabbiltà tal-inventarju (servizzi ċentrali u deċentralizzati) fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjun (standards ta' verifika)	Test ta' koerenza b'inventarji ta' żvilupp (b'mod partikolari fuq l-ispeċi elenkati fl-inventarju)
	Qtugħ	— Operaturi → L-immarkar b'tikketti ġodda b'barcode tal-biċċa li tibqa' fl-art wara li jinqatgħu s-siġar u taz-zokk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxar maqtugħ (l-istess barcode bħal dak tas-siġra mhux maqtugħa)	— Barcode — Nru DF10 — Operatur — Sottokuntrattur — Nru AAC — Żona — Kodiċi tal-ispeċi — Tul — Tarf il-kbir — Tarf iż-żgħir — Data	Dħul tad-data mill-operaturi fuq il-Kotba tas-sit tax-xogħol DF10 u reġistrazzjoni fs-SIGIF II	Kontroll fuq il-post mill-MINFOF (servizzi deċentralizzati, BNC u OI)	Test ta' koerenza awtomatiku fs-SIGIF II bejn volumi/-numru ta' siġar maqtugħa u awtorizzati. Interfaċċja mad-database MESURE tal-MINFI (taxxa tal-qtugħ)

Stadji	Operazzjonijiet	Responsabbiltajiet tal-operazzjoni	Data li għandha tiġi kkodifikata	Responsabbiltajiet tal-kodifikazzjoni	Verifika (kontroll fiżiku u dokumentarju)	Rikonċiljazzjoni tad-data
2. Trasport taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra: foresta - esportazzjoni foresta - fabbrika foresta - żona ta' ksur żona ta' ksur - esportazzjoni żona ta' ksur - fabbrika	Tħejjija u tagħbija fiż-żona tal-injam fil-foresta (lejn il-fabbrika, l-esportazzjoni jew iż-żona ta' ksur)	— Operaturi → L-immarkar b'tikketti ġodda b'barcode fuq il-virguni mħejja (rabta mal-barcode taz-zokk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxar tal-oriġini)	— Barcode — Nru LVG — Nru DF10 (+ linja u pożizzjoni) — Nru AAC — Tluq (Nru Żona tal-injam) — Destinazzjoni — Trasportatur — Kodiċi tal-ispeċi — Tul — Tarf il-kbir — Tarf iż-żgħir — Data — Aġent (+ Nru mannara tal-impriża li tintuża biex timmarka s-siġar) — Registrazzjoni tal-vettura	Dħul mill-operaturi fuq il-noti ta' kunsinna taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra (LVG) u reġistrazzjoni fs-SIGIF II	Kontroll fuq il-post mill-MINFOF (Servizzi deċentralizzati, BNC, OI) b'verifika sistematika u fil-punti ta' kontroll tal-validità/affidabbiltà tad-dokumenti, reġistrazzjoni tal-barcodes u verifika fiżika tal-volumi mqabbla mad-dikjarazzjonijiet tal-LVG	Test ta' koerenza awtomatiku fs-SIGIF II (b'mod partikolari bejn il-volumi trasportati u l-volumi maqtugħa, destinazzjoni, eċċ.)
	Tħejjija u tagħbija fiż-żona ta' ksur jew l-istazzjon	— Operaturi	— Barcode — Nru LVG (Żona ta' ksur)/Nota tat-trasport bil-ferrovija — Nru DF10 (+ linja u pożizzjoni) — Nru AAC — Tluq (Isem taż-Żona) — Destinazzjoni — Trasportatur — Kodiċi tal-ispeċi — Tul — Tarf il-kbir — Tarf iż-żgħir — Data — Aġent (+ Nru mannara tal-impriża li tintuża biex timmarka s-siġar) — Registrazzjoni tal-vettura	Dħul mill-operaturi fuq il-noti ta' kunsinna "Żona ta' ksur" u reġistrazzjoni fs-SIGIF II	Kontroll fuq il-post mill-MINFOF (Servizzi deċentralizzati, BNC, OI u punti ta' kontroll) b'verifika sistematika tal-validità/affidabbiltà tad-dokumenti, reġistrazzjoni tal-barcodes u verifika fiżika tal-volumi mqabbla mad-dikjarazzjonijiet tal-LVG u LV "Żona ta' ksur"	Test ta' koerenza awtomatiku fs-SIGIF II bejn l-informazzjoni LVG u LV "Żona ta' ksur"

Stadji	Operazzjonijiet	Responsabbiltajiet tal-operazzjoni	Data li għandha tiġi kkodifikata	Responsabbiltajiet tal-kodifikazzjoni	Verifika (kontroll fiżiku u dokumentarju)	Rikonċiljazzjoni tad-data
3. Fabbrika	Ilqugħ fil-fabbrika	— Operaturi	— Barcode — Proċessur — Kodiċi tal-ispeċi — Dokument tal-provenjenza — Nru DF10 — Nru LVG jew LV "Żona ta' ksur" — Tul — Tarf il-kbir — Tarf iż-żgħir — Data — Aġent	Dħul mill-operaturi u reġistrazzjoni fs-SIGIF II	Kontroll sistematiku konġunt mill-MINFOF u mill-MINFI Verifika fiżika tal-virguni u tqabbil tal-informazzjoni mal-LV → Qari tal-barcodes u dħul tad-data LVG u LV "Żona ta' ksur" mill-aġenti tal-MINFOF	Test ta' koerenza awtomatiku fs-SIGIF II bejn il-volumi trasportati u l-volumi fid-dħul tal-fabbrika Rabta mad-database MESURE tal-MINFI (taxxa tad-dħul fil-fabbrika)
	Dħul fil-katina tal-ipproċessar (sega ewlenija)	— Operaturi → Immarkar bil-barcode fuq il-virguni mħejja (rabta mal-barcode tal-virgun oriġinali)	— Barcode — Nru CEU — Kodiċi tal-ispeċi — Provenjenza — Nru DF10 – linja – pożizzjoni — Nru LV — Tul — Tarf il-kbir — Tarf iż-żgħir — Data (dħul fis-sega ewlenija)	Dħul mill-operaturi fuq il-kotba tad-dħul tal-injam fil-fabbrika tal-ipproċessar u reġistrazzjoni fs-SIGIF II	Kontroll sistematiku konġunt mill-MINFOF u mill-MINFI Verifika fiżika tal-virguni u tqabbil tal-informazzjoni mas-CEU	Test ta' koerenza awtomatiku fs-SIGIF II bejn il-volumi fid-dħul tal-fabbrika u l-volumi fid-dħul tal-katina tal-ipproċessar (sega ewlenija)
	Ħruġ mill-katina tal-ipproċessar	— Operaturi → Immarkar b'barcode ġdid fuq il-prodotti pproċessati (rabta mal-virguni fid-dħul)	— Barcode — Nru CSU — Nru Kuntratt — Proċessur — Sena finanzjarja — Kodiċi tal-ispeċi — Tul — Wisa' — Ħxuna — Numru ta' artikli — Data (ħruġ)	Dħul mill-operaturi fuq il-kotba tal-ħruġ mill-fabbrika u reġistrazzjoni fs-SIGIF II	Kontroll sistematiku konġunt mill-MINFOF u mill-MINFI	Tqabbil bejn il-volumi fid-dħul u fil-ħruġ tal-katina tal-produzzjoni u test ta' koerenza mqabbla mar-rendimenti tal-medja tal-materja għal kull speċi. Rabta bejn il-prodotti pproċessati (ħruġ fabbrika) u z-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra rreġistrati fuq is-CEU għar-rikonċiljazzjoni kuljum jekk ikun possibbli

Stadji	Operazzjonijiet	Responsabbiltajiet tal-operazzjoni	Data li għandha tiġi kkodifikata	Responsabbiltajiet tal-kodifikazzjoni	Verifika (kontroll fiżiku u dokumentarju)	Rikonċiljazzjoni tad-data
4. Trasport tal-prodotti ipproċessati: fabbrika - port fabbrika - fabbrika fabbrika - żona ta' ksur żona ta' ksur - port		— Operatur	— Barcode — Nru LVD/Nota ferrovija — Nru Kuntratt — Nru Pakkett — Proċessur — Trasportatur — Tluq — Destinazzjoni — Sena finanzjarja — Kodiċi tal-ispeċi — Tul — Wisa' — Ħxuna — Numru ta' artikli — Data	Dħul mill-operaturi fuq innoti ta' kunsinna tal-injam maqtugħ (lettres de voiture injam maqtugħ - LVD) u reġistrazzjoni fs-SIGIF II	Kontroll fuq il-post mill-MINFOF (Servizzi deċentralizzati, BNC, OI u punti ta' kontroll) b'verifika sistematika tal-validità/affidabbiltà tad-dokumenti, reġistrazzjoni tal-barcodes u verifika fiżika tal-volumi mqabbla mad-dikjarazzjonijiet tal-LVG u LV "Żona ta' ksur"	Rikonċiljazzjoni awtomatika fs-SIGIF II
5. Port	Esportazzjoni taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra	Operatur	— Barcode — Pajjiż ta' destinazzjoni — Operatur — Sena finanzjarja — Nru Permess — Nru AAC — Kodiċi tal-ispeċi — Tul — Tarf il-kbir — Tarf iż-żgħir — Data — Aġent — Nru Kuntratt — Nru LVG	Kodifikazzjoni mill-operaturi tad-data li tinsab fid-dokument ta' speċifikazzjoni tal-injam għall-esportazzjoni (dokument tal-ispeċifikazzjonijiet tal-injam għall-esportazzjoni - BSE) u reġistrazzjoni fs-SIGIF II Konferma mill-unità perifera li tal-legalità.	— Reviżjoni dokumentarja tal-fajl — Verifika fiżika ta' kull lott mqabbla mal-BSE — Verifika fiżika għal kull dwana (appoġġ ta' SGS) permezz tat-teħid ta' kampjuni	— Test ta' koerenza awtomatiku fs-SIGIF II (stazzjon tal-foresta Douala Port) dwar l-identità, l-oriġini, il-passat tal-prodotti, il-partijiet involuti qabel fil-katina tal-kontroll, eċċ. — Test ta' koerenza awtomatiku fid-database tal-MINFI (MESURE) — Test ta' koerenza awtomatiku fid-database tad-dwana (SIDONIA) → Liċenzji FLEGT

Stadji	Operazzjonijiet	Responsabbiltajiet tal-operazzjoni	Data li għandha tiġi kkodifikata	Responsabbiltajiet tal-kodifikazzjoni	Verifika (kontroll fiżiku u dokumentarju)	Rikonċiljazzjoni tad-data
	Esportazzjoni tal-injam maqtugħ	Operatur	— Barcode — Pajjiż ta' destinazzjoni — Proċessur — Sena finanzjarja — Tul — Wisa' — Ħxuna — Numru ta' artikli — Kodiċi tal-ispeċi — Volum — Date — Aġent — Nru Kuntratt — Nru LVD	Dħul mill-operaturi tad-dokument tal-ispeċifikazzjonijiet tal-injam għall-esportazzjoni (BSE) u fs-SIGIF II	— Reviżjoni dokumentarja tal-fajl — Verifika fiżika ta' kull lott mqabbla mal-BSE — Verifika fiżika għal kull dwana (appoġġ ta' SGS) permezz tat-teħid ta' kampjuni	— Test ta' koerenza awtomatiku fs-SIGIF II (stazzjon tal-foresta Douala Port) dwar l-identità, l-oriġini, il-passat tal-prodotti, il-partijiet involuti qabel fil-katina tal-kontroll, eċċ. — Test ta' koerenza awtomatiku fid-database tal-MINFI (MESURE) — Test ta' koerenza awtomatiku fid-database tad-dwana (SIDONIA) → Liċenzja FLEGT
	Esportazzjoni taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra u maqtugħa fil-kontejner (ippakkjar)	Operatur u MINFOF/MINFI	— Barcode — Pajjiż ta' destinazzjoni — Proċessur — Sena finanzjarja — Tul — Wisa' (injam maqtugħ) — Ħxuna (injam maqtugħ) — Numru ta' artikli (injam maqtugħ) — Tarf il-kbir (iz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra) — Tarf iż-żgħir (iz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra) — Kodiċi tal-ispeċi — Volum — Data — Aġent — Nru Kuntratt — Nru LV	Kodifikazzjoni mill-operaturi tad-data li tinsab fid-dokument ta' speċifikazzjoni tal-injam għall-esportazzjoni (BSE) u fs-SIGIF II	Kontroll fiżiku waqt l-ippakkjar mill-MINFOF u d-dwana Iffirmar taċ-ċertifikat tal-ippakkjar	Test ta' rikonċiljazzjoni fid-database SIGIF II bejn DIT u BSE

Stadji	Operazzjonijiet	Responsabbiltajiet tal-operazzjoni	Data li għandha tiġi kkodifikata	Responsabbiltajiet tal-kodifikazzjoni	Verifika (kontroll fiżiku u dokumentarju)	Rikonċiljazzjoni tad-data
Injam fi tranżitu	Dħul tal-injam fi tranżitu	MINFOF	Dokumenti tat-trasport (LV, formoli tal-ispeċifikazzjonijiet, ċertifikat tal-oriġini u dokumenti doganali). Data kkodifikata fs-SIGIF II — Barcode speċifiku — Pajjiż ta' oriġini — Tarf il-kbir (iz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra) — Tarf iż-żgħir (iz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra) — Wisa' (injam maqtugħ) — Ħxuna (injam maqtugħ) — Numru ta' artikli (injam maqtugħ) — Kodiċi tal-ispeċi — Kumpanija — Destinazzjoni — Data tad-dħul — Punt ta' kontroll — Aġent	Stazzjon tal-fruntiera	Verifika f'kull punt ta' kontroll tad-dokumenti tat-trasport u dokumenti oħra tal-pajjiż ta' oriġini	Rikonċiljazzjoni bejn id-data tal-portijiet tal-ħruġ u l-punti ta' dħul mid-data tas-SIGIF II
	Dħul tal-injam impurtat	Operatur (importatur)	Dokumenti tat-trasport (LV, formoli tal-ispeċifikazzjonijiet, ċertifikat tal-oriġini u dokumenti doganali) Dokumenti ta' importazzjoni legali Ċertifikati miksuba ta' legalità jew sostenibbiltà (sakemm joħorġu l-liċenzja FLEGT ta' dawn il-pajjiżi) ikkodifikati fs-SIGIF II — Barcode speċifiku	Stazzjon tal-fruntiera u operatur fid-dħul tal-fabbrika	Verifika f'kull punt ta' kontroll tal-liċenzja ta' importazzjoni, tad-dokumenti tat-trasport u dokumenti oħra tal-pajjiż ta' oriġini. L-injam jidħol fiċ-ċirkwit normali ta' monitoraġġ tal-katina tal-provvista	Rikonċiljazzjoni mad-dħul mill-fabbrika skont il-pajjiż ta' provenjenza. Fuq il-bażi tad-data kkodifikata fs-SIGIF II

Stadji	Operazzjonijiet	Responsabbiltajiet tal-operazzjoni	Data li għandha tiġi kkodifikata	Responsabbiltajiet tal-kodifikazzjoni	Verifika (kontroll fiżiku u dokumentarju)	Rikonċiljazzjoni tad-data
			— Pajjiż ta' oriġini — Tarf il-kbir (iz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra) — Tarf iż-żgħir (iz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra) — Wisa' (injam maqtugħ) — Ħxuna (injam maqtugħ) — Numru ta' artikli (injam maqtugħ) — Kodiċi tal-ispeċi — Kumpanija — Destinazzjoni — Data tad-dħul — Punt ta' kontroll — Aġent			

(1) L-injam sekwestrat u mibjugħ fl-irkant fi kwalunkwe stadju jidħol fil-katina tat-traċċabbiltà f'dan il-livell u jsegwi l-istadji sussegwenti kollha ta' din il-katina

VII. **Ħruġ tal-liċenzji FLEGT**

Is-sistema ta' allokazzjoni tal-liċenzji FLEGT tivvalida r-riżultati tal-verifika tal-legalità tal-entitajiet tal-foresta, tal-konformità tal-katina tal-provvista, tal-monitoraġġ u tal-kontroll nazzjonali tal-attività tal-foresta għall-ispedizzjonijiet tal-injam li għalihom saret talba ta' liċenzja FLEGT. Il-liċenzja FLEGT għalhekk hija, bħaċ-ċertifikat tal-legalità, waħda mill-prodotti tal-SVL.

Il-verifika tas-sitwazzjoni ta' spedizzjoni ta' injam stabbilita ssir permezz tal-konsultazzjoni tad-dokumenti siguri skambjati bejn "is-servizzi ċentrali responsabbli għal-legalità" (f'Yaoundé) u "is-servizzi deċentralizzati responsabbli għal-legalità" (fil-punti ta' esportazzjoni), permezz tal-Internet, b'sistema ta' għotja ta' numri b'użu uniku u reġistrazzjoni awtomatika fid-database ċentrali, jew inkella permezz tad-dokumenti siguri maħruġa fuq karta f'każ ta' falliment tas-sistema elettronika.

Il-liċenzja FLEGT tinħareġ mill-persuni responsabbli maħtura tas-servizzi deċentralizzati responsabbli għal-legalità tal-Ministeru tal-foresti (delegazzjonijiet reġjonali jew dipartimentali, stazzjonijiet ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa) fuq il-bażi ta' rapport finali pprovdut mils-SIGIF II li jiċċertifika l-konformità regolamentarja tal-injam maħsub għall-esportazzjoni. Dan ir-rapport huwa r-riżultat tal-verifika ta' tliet sinjali fundamentali li jipparteċipaw fis-sistema tal-imblukkar:

— is-sinjal 1: li jindika r-regolarità skont iċ-ċertifikat tal-legalità;

— is-sinjal 2: li jindika r-regolarità skont il-litigazzjoni (SIGICOF);

— is-sinjal 3: li jindika r-regolarità skont il-monitoraġġ nazzjonali (katina tal-provvista, MESURE u SYDONIA).

Il-liċenzja FLEGT meta din tkun rikjesta, takkumpanja d-dokument tal-ispeċifikazzjonijiet (BSE) maħruġ mis-servizz lokali kompetenti tal-Ministeru tal-foresti, u jippermetti li jinkiseb il-"permess għat-tagħbija" maħruġ mid-dwana fl-aħħar tal-operazzjonijiet ta' tagħbija ta' kull spedizzjoni ta' injam li għandu jiġi esportat. Fi kwalunkwe każ, l-aġenti tal-Ministeru tal-foresti jiżguraw bħala l-aħħar riżors il-konformità tal-ispedizzjonijiet mal-liċenzji FLEGT rilevanti qabel it-tluq tal-ispedizzjonijiet imsemmija. Il-firem magħmula fuq il-liċenzja FLEGT huma magħrufa uffiċjalment.

Il-proċess ta' ħruġ tal-liċenzji FLEGT huwa stabbilit minn test tal-Ministeru tal-foresti. Il-firem awtorizzati jintbagħtu b'mod regolari lill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea li jinformaw lis-servizzi tad-dwana tal-Unjoni bihom. Tagħmir u mezzi speċifiċi ta' kontroll u ta' reġistrazzjoni tal-liċenzji FLEGT qabel it-tagħbija huma disponibbli għall-kontrolluri fil-port tat-tagħbija.

Il-liċenzji FLEGT kif ukoll il-proċeduri tal-ħruġ tagħhom huma deskritti fl-Anness V u se jiġu żviluppati aktar matul il-fażi preparatorja.

L-injam u l-prodotti derivati fi tranżitu taħt il-kontroll tal-awtoritajiet doganali tal-Kamerun mhumiex se jkunu sottomessi għall-ħruġ ta' liċenzja FLEGT mill-Kamerun għall-esportazzjoni tagħha lejn l-Unjoni.

VIII. **Verifika indipendenti**

Verifika indipendenti hija applikata perjodikament lill-SVL kollha sabiex tiġi garantita l-affidabbiltà tagħha, it-trasparenza tagħha mill-produzzjoni sal-esportazzjoni, u testendi anke sal-livell ta' funzjonament tal-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni.

Ir-rwol, il-kompetenzi u l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ tal-awditur indipendenti huma deskritti fl-Anness VI ta' dan il-Ftehim.

IX. **Konklużjoni**

L-SVL hija definittivament ġabra komuni bl-għan ta' sinerġija funzjonali ta' sistema ta' monitoraġġ tal-attività tal-foresta, tal-kontroll nazzjonali tul il-katina tal-provvista kollha u tal-għotja ta' servizzi fis-settur tal-foresti; dan kollu huwa sottomess għal verifika indipendenti li tiżgura l-affidabbiltà.

Fil-fatt, il-monitoraġġ nazzjonali tal-attività tal-foresta jalimenta u jiġġestixxi database ċentralizzata fid-direttorat tal-foresti b'interkonnessjonijiet mal-amministrazzjonijiet imsieħba. Il-kontroll nazzjonali tal-attività tal-foresta min-naħa l-oħra jsir tul il-katina tal-provvista kollha tal-injam u taċ-ċirkwit tal-ipproċessar tal-fajls inerenti għas-settur tal-foresti u jippermetti li jiżgura fi kwalunkwe mument u kwalunkwe post fil-firxa tat-territorju nazzjonali, ir-regolarità tas-sitwazzjonijiet u tal-atti ppreżentati minn kull utent tas-settur tal-foresti. Huwa jippermetti wkoll li jinġabru u jiġu penalizzati l-infrazzjonijiet li jsaħħu d-database permezz tal-SIGICOF.

L-implimentazzjoni tal-SVL għandha ssir f'qafas istituzzjonali stabbilit sew.

QAFAS ISTITUZZJONALI

L-SVL tintegra ruħha fil-qafas istituzzjonali eżistenti tal-Ministeru tal-foresti. L-istabbiliment istituzzjonali li jirriżulta minn dan jipproċedi għal żvilupp li jikkunsidra s-sitwazzjoni l-ġdida maħluqa mill-Ftehim, mingħajr il-ħolqien ta' strutturi ġodda. Għalhekk, il-qafas istituzzjonali jindika l-istrutturi kollha, il-mezzi umani, materjali u finanzjarji li għandhom jintużaw biex tiġi implimentata l-SVL li twassal għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità u tal-liċenzji FLEGT.

Il-qafas istituzzjonali huwa deskritt fl-Anness III-B, filwaqt li l-ħtiġijiet huma deskritti fl-Anness X.

ANNESS III-B

QAFAS ISTITUZZJONALI TAS-SISTEMA TA' VERIFIKA TAL-LEGALITÀ

I. **Strutturi ta' implimentazzjoni tas-sistema ta' verifika tal-legalità**

L-implimentazzjoni tas-sistema ta' verifika tal-legalità (SVL) fil-Kamerun issir fil-qafas tal-funzjonament tal-istrutturi proprji tal-Ministeru tal-foresti (MINFOF). Dawn l-istrutturi jintervjenu f'livelli differenti (servizzi ċentrali u servizzi deċentralizzati) u fi gradi differenti biex jagħmlu operattivi l-elementi diversi li fuqhom hija bbażata l-SVL (ara l-Anness III-A), jiġifieri:

— il-verifika tal-legalità tal-entità tal-foresta ta' tħaddim/tal-ipproċessar;

— il-monitoraġġ nazzjonali tal-attività tal-foresta;

— il-kontroll nazzjonali tal-attività tal-foresta;

— il-verifika tal-konformità tal-katina tal-provvista;

— il-ħruġ tal-liċenzji FLEGT;

— il-verifika indipendenti.

L-entitajiet differenti responsabbli għall-implimentazzjoni tal-SVL u r-rwoli tagħhom huma deskritti hawn taħt b'konċentrazzjoni b'mod partikolari fuq l-aspetti l-ġodda li jintervjenu fil-ħruġ taċ-ċertifikat tal-legalità u/jew tal-liċenzja FLEGT, li huma ż-żewġ dokumenti ġodda li jirriżultaw mill-FSV.

I a. *Servizzi ċentrali responsabbli għall-kontroll tal-legalità*

Dawn is-servizzi jinsabu fid-direttorat tal-foresti (DF). Huma kkonċernati: is-servizz tal-istandards ta' intervent fil-qasam tal-foresti (service des normes d'intervention en milieu forestier - SN) u dak tal-ġestjoni tal-informazzjoni dwar il-foresti (service de la gestion de l'information forestière - SEGIF). Huma jintervjenu taħt l-awtorità tas-sottodirettorat tal-approvazzjonijiet u tal-fiskalità tal-foresta (sous-direction des agréments et de la fiscalité forestière - SDAFF), li jaqa' taħt id-direttorat tal-foresti. Dan tal-aħħar jiddependi mis-segretarjat ġenerali (SG) tal-MINFOF, taħt l-awtorità tal-Ministeru tal-foresti u tal-fawna.

Is-servizz tal-istandards ta' intervent fl-ambjent tal-foresti (SN) jieħu ħsieb, fost kompiti oħra li jingħatawlu skont l-organigramma, l-eżaminazzjoni tal-fajls tal-applikazzjonijiet taċ-"ċertifikati tal-legalità" u jipproċedi għall-verifika tal-konformità tal-attivitajiet tal-entitajiet tal-foresti bid-dispożizzjonijiet tal-iskali ta' legalità (ara l-Anness II). Għal dan, huwa kkollegat (konsultazzjoni u talbiet dokumentarji jew elettroniċi) mas-servizzi interni kollha fil-MINFOF (DF, DPT, DFAP, BNC, eċċ) u s-servizzi kompetenti tal-amministrazzjonijiet oħra involuti fil-ħruġ tad-dokumenti rikjesti fl-iskali ta' legalità (Ministeru ta': l-ambjent, il-finanzi, id-dwana, is-saħħa, l-industriji, il-minjieri, ix-xogħol, l-affarijiet soċjali u l-agrikoltura). Kumitat interministerjali ta' monitoraġġ tal-interkonnessjoni se jiġi mwaqqaf minbarra l-Kumitat Nazzjonali għall-Monitoraġġ tal-Ftehim.

L-SN jivvalida wara l-verifiki tiegħu, l-fajls tal-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikat tal-legalità u jibgħathom lis-servizz tal-ġestjoni tal-informazzjoni tal-foresta għall-istabbiliment tal-proġetti taċ-ċertifikat tal-legalità u l-kodifikazzjoni tad-data relatata miegħu fid-database.

Is-servizz tal-ġestjoni tal-informazzjoni dwar il-foresti (SEGIF), kif jindika ismu, jieħu ħsieb il-ġestjoni tal-informazzjoni kollha dwar is-settur tal-foresti disponibbli fid-database msemmija Sistema Komputerizzata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar il-Foresti - it-tieni ġenerazzjoni (SIGIF II), li juża biex jagħti risposta għal kwalunkwe talba għal informazzjoni u/jew biex jistabbilixxi ċ-ċertifikati tal-legalità bħall-permessi u ċertifikati annwali l-oħra tal-operazzjonijiet tal-foresta. Huwa għalhekk dan is-servizz li jilqa' l-memorja ċentrali tas-SIGIF II, li huwa l-għodda li biha l-informazzjoni kollha dwar is-settur tal-foresti hija ċċentralizzata u pproċessata fl-istess ħin bħal dik li tirriżulta mill-interkonnessjonijiet mal-amministrazzjonijiet l-oħra. Huwa l-post tal-ħruġ tal-avviżi u tas-sinjali meħtieġa biex isir possibbli l-ħruġ tal-liċenzja FLEGT, jekk ikun il-każ (ara l-Anness III-A), kif ukoll tal-proġetti taċ-ċertifikat tal-legalità. Il-proġetti taċ-ċertifikat tal-legalità maħruġa mis-SEGIF huma sottomessi għall-evalwazzjoni tas-sottodirettur tal-approvazzjonijiet u tal-fiskalità tal-foresta (sous-directeur des agréments et de la fiscalité forestière - SDAFF), kap ġerarkiku dirett, li jmexxih fiċ-ċirkwit normali tal-ipproċessar tal-fajls sal-firma mill-Ministeru tal-foresti u tal-fawna, wara li jgħaddi mis-Seretarjat Ġenerali (SG).

Fil-qosor, il-ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità jeħtieġ l-intervent tas-servizzi li ġejjin wara xulxin: SN-SEGIF-SDAFF-DF-SG-MINFOF.

I b. *Servizzi deċentralizzati responsabbli għal-legalità*

L-istutturi deċentralizzati kollha tal-MINFOF jieħdu sehem fl-implimentazzjoni tal-SVL. Xi whud minnhom, magħżula skont il-pożizzjoni tagħhom fiċ-ċirkolazzjoni u jew fit-tagħbija tal-injam għandhom rwol ewlieni, b'mod partikolari: l-istazzjonijiet fil-fruntieri, l-istazzjonijiet ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa (postes de contrôle forestier et de chasse - PCFC) tal-postijiet ta' produzzjoni/xiri tal-injam, il-punti ta' kontroll, id-delegazzjonijiet nazzjonali, id-delegazzjonijiet dipartimentali, l-istazzjonijiet ta' kontoll tal-foresta u tal-kaċċa tal-punti tat-tagħbija tal-injam u dawk tal-ajruporti.

Dawn is-servizzi huma responsabbli għall-applikazzjoni tal-preskrizzjonijiet leġislattivi u regolamentarji fir-rigward tal-monitoraġġ nazzjonali tal-attività tal-foresta, tal-kontroll u tat-traċċabbiltà tal-injam, b'responsabbiltà partikolari fil-punti tat-tagħbija għall-esportazzjoni tal-injam u l-prodotti tal-injam fejn se jinħarġu l-liċenzji FLEGT.

Il-PCFC (stazzjonijiet ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa) fil-fruntieri fejn jidħol l-injam huma responsabbli:

— għall-verifika tal-legalità tal-injam impurtat (verifika tal-konformità tad-dokumenti ppreżentati mal-prodotti trasportati);

— għall-applikazzjoni tal-arranġamenti tat-tpoġġija fil-passaġġ doganali tal-injam fi tranżitu b'relazzjoni mas-servizzi tad-dwana;

— għall-kodifikazzjoni tad-data fs-SIGIF II;

— il-qari u l-verifika tal-barcodes fuq l-injam impurtat u tal-iffirmar tad-dokumenti tat-trasport;

— għat-tpoġġija tal-barcodes għall-injam fi tranżitu u l-injam impurtat.

Il-PCFC (stazzjonijiet ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa) tal-postijiet ta' produzzjoni jew tax-xiri tal-injam huma responsabbli:

— għall-kontroll tal-operazzjonijiet tat-thaddim tal-foresta (kontroll fiżiku u dokumentarju);

— għall-immarkar taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra u tal-biċċiet li jibqgħu fl-art wara li jinqatgħu s-siġar;

— għall-qari u l-verifika tal-barcodes;

— għar-reġistrazzjoni tad-data;

— għall-iffirmar tan-noti ta' kunsinna fit-tluq mis-siti tax-xogħol.

Il-punti ta' kontroll: issir distinzjoni bejn il-punti ta' kontroll fid-dħul tal-fabbriki, il-punti ta' kontroll tat-triq li xi whud minnhom huma punti ta' passaġġ obbligatorji huma responsabbli:

— għall-kontroll tad-dħul/ħruġ tal-fabbrika;

— għall-kontroll fiżiku tat-tagħbijiet;

— għall-kontroll tan-noti ta' kunsinna;

— għall-kodifikazzjoni tad-data fs-SIGIF II;

— għall-qari u l-verifika tal-barcodes;

— għar-reġistrazzjoni tad-data fil-PDA ([1]) u r-reġistri tal-ġurnata.

Il-PCFC (stazzjonijiet ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa) fil-punti ta' tagħbija tal-injam esportat (portijiet ta' Douala, Kribi, Limbé, Idenau, Campo, u l-ajruporti) huma responsabbli:

— għall-kontroll tal-elementi ta' traċċabbiltà tal-injam (kontroll fiżiku u dokumentarju);

— għar-reġistrazzjoni tad-data;

— għar-riċezzjoni u l-eżaminazzjoni tal-fajls ta' applikazzjoni tal-liċenzji FLEGT, imbagħad għat-trażmissjoni tagħhom lid-delegazzjoni dipartimentali kompetenti għall-istabbiliment tal-liċenzji msemmija bil-kundizzjoni li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet rikjesti fl-Anness III-A ta' dan il-Ftehim fil-każ li ma jkunux huma stess l-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji FLEGT;

([1]) PDA: Personal Data Assistance.

— għall-istabbiliment ta' liċenzji FLEGT wara li jkunu saru t-talbiet kollha meħtieġa għal dan il-għan fil-livell tal-memorja ċentrali tas-SIGIF II, fil-każ li jkunu huma stess awotitajiet li joħorġu liċenzji FLEGT.

Id-delegazzjonijiet dipartimentali huma responsabbli:

— għas-sorveljanza tal-attivitajiet tal-PCFC li jinsabu fit-territorju tagħhom ta' kompetenza;

— għall-kontroll fiżiku tat-tagħbijiet (sezzjoni tal-foresti);

— għall-kontroll tan-noti ta' kunsinna (sezzjoni tal-foresti);

— għall-kodifikazzjoni tad-data fs-SIGIF II;

— għall-monitoraġġ u għall-kontroll ta' koerenza tad-data tat-tħaddim;

— għall-qari u l-verifika tal-barcodes;

— għall-iffirmar tan-noti ta' kunsinna (LV) u/jew tal-formoli tal-ispeċifikazzjonijiet u għat-trażmissjoni tagħhom lid-delegazzjoni reġjonali kompetenti;

— għall-ġbir tal-kopji tal-formoli DF10 u LV mimlija kif xieraq;

— għar-reġistrazzjoni tad-data;

— għad-delegazzjonijiet dipartimentali fil-punti ta' tagħbija, għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT fuq il-bażi ta' fajl komplut u konformi mibgħut mill-istazzjonijiet ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa tal-punt ta' tagħbija għall-esportazzjoni. Għal dan, huma għandhom kollegament mad-database tas-SIGIF II li tipprovdilhom is-sinjali dwar il-legalità tal-entità tal-foresta ta' tħaddim/tal-ipproċessar u l-ispedizzjonijiet ta' injam li għandu jiġi esportat b'mod konformi mal-Anness III-A. Il-liċenzji FLEGT maħruġa jintbagħtu lura fl-istazzjonijiet ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa tal-postijiet ta' tagħbija fejn jitlestew il-formalitajiet ta' tagħbija mas-servizzi doganali.

Id-delegazzjonijiet reġjonali huma responsabbli:

— għas-sorveljanza tal-attivitajiet tad-delegazzjonijiet dipartimentali;

— għal-kontroll fiżiku tat-tagħbijiet (brigati reġjonali);

— għall-kontroll tan-noti ta' kunsinna (brigati reġjonali);

— għall-monitoraġġ u l-kontroll ta' koerenza tad-data tat-tħaddim;

— għall-kodifikazzjoni tad-data fs-SIGIF II;

— għall-qari u l-verifika tal-barcodes;

— għat-tpoġġija tal-barcodes fuq l-injam mibjugħ fl-irkanti pubbliċi;

— għall-iffirmar tal-formoli tal-ispeċifikazzjonijiet u t-trażmissjoni lill-PCFC tal-punt tat-tagħbija għall-esportazzjoni kompetenti għas-segwitu tal-formalitajiet ta' esportazzjoni b'relazzjoni mas-servizzi tad-dwana;

— għall-ġbir tal-kopji DF10 u LV;

— għar-reġistrazzjoni tad-data;

— Għall-ħruġ ta' liċenzji FLEGT abbażi ta' fajl komplut u konformi mibgħut mill-punti ta' kontroll tal-foresti u tal-kaċċa tal-punt ta' imbark għall-esportazzjoni.


Bħala konklużjoni, kważi s-servizzi deċentralizzati kollha tal-MINFOF u s-servizzi tad-direttorati tekniċi speċjalizzati fil-qasam tal-foresti fil-livell ċentrali tal-MINFOF huma l-ħoloq tal-katina ta' implimentazzjoni tal-SVL, bi ftit karatteristiċi speċifiċi fir-rigward tad-direttorat tal-foresti fejn jiġu inizjati ċ-ċertifikati tal-legalità, u ta' ċerti delegazzjonijiet reġjonali, dipartimentali jew PCFC indikati fejn jinħarġu l-liċenzji FLEGT.

Ovvjament, l-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' kontroll fiċ-ċirkwiti ta' produzzjoni/xiri u ċirkolazzjoni tal-injam isiru b'mod normali u l-ħin kollu mill-kontrolluri tal-brigata nazzjonali ta' kontroll (brigade nationale de contrôle - BNC), tad-delegazzjonijiet nazzjonali, mill-persunal tad-delegazzjonijiet dipartimentali u tal-istazzjonijiet ta' kontroll tal-foresta u tal-kaċċa fuq il-firxa kollha tat-territorju nazzjonali.

Matul it-tnedija tas-sistema ta' verifika tal-legalità, l-istrutturi responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha se jibbenefikaw mill-assistenza teknika ta' akkumpanjament, għal żmien fiss, tal-uffiċċju tal-istudji li jkun żviluppa l-għodod tekniċi u teknoloġiċi tas-sistema ta' traċċabbiltà.

Il-pjan ewlieni tas-sistema istituzzjonali huwa kif ġej:

DIJAGRAMMA SEMPLIĊI TAL-QAFAS ISTITUZZJONALI



SPJEGAZZJONI:

It-tifsira tal-vleġeġ:

1: Kollegament mas-SIGIF II bil-MESURE u SYDONIA

2: Talbiet għal informazzjoni mill-amministrazzjonijiet ikkonċernati

3: Tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni speċifika fuq talba

4: Preżentazzjoni tal-fajls ta' applikazzjoni taċ-ċertifikati tal-legalità

5: Kodifikazzjoni tad-data fs-SIGIF II jew preżentazzjoni tad-data tat-tħaddim

6: Preżentazzjoni tal-fajls ta' applikazzjoni tal-liċenzji FLEGT

7: Talbiet għal informazzjoni speċifika

8: Tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni li tinsab fid-database

9: Talbiet għal informazzjoni relatata mal-litigazzjoni

10: Tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni speċifika li tinsab fid-database

11: Tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni speċifika

12: Kollegament mad-database, kodifikazzjoni tad-data

13: Ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità

14: Ħruġ tal-liċenzji FLEGT

II. **Korp ta' monitoraġġ fuq livell nazzjonali**

Sabiex jitwettqu l-konsultazzjonijiet regolari bejn il-partijiet interessati tal-Kamerun u tiġi garantita l-involviment tagħhom fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'mod konformi mal-Artikolu 16 tal-Ftehim, għandu jiġi stabbilit "Kumitat Nazzjonali għall-Monitoraġġ". Dan għandu jiġbor il-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari;

— ir-rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet involuti,

— il-parlamentari,

— ir-rappreżentanti tal-komuni tal-foresta (detenturi ta' art proprja, mogħtija mill-Istat jew benefiċjarji tat-taxxa tal-foresta),

— ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-kumpanija ċivili,

— ir-rappreżentanti tas-settur privat tal-foresta u tal-injam,

— il-unions preżenti fil-katina.

Il-kompożizzjoni u l-arranġamenti ta' organizzazzjoni u ta' funzjonament tal-Kumitat huma stabbiliti b'mezz regolamentarju mill-Ministeru tal-foresti u dan, minn mindu jiġi ffirmat il-Ftehim.

ANNESS IV

KUNDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW IT-TPOĠĠIJA F'ĊIRKOLAZZJONI LIBERA FL-UNJONI EWROPEA TAL-INJAM U L-PRODOTTI DERIVATI ESPORTATI MILL-KAMERUN U AKKUMPANJATI MINN LIĊENZJA FLEGT

I. **Prinċipji**

Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-iskema ta' liċenzja FLEGT tal-Kamerun, huwa importanti li l-Istati Membri tal-Unjoni jivverifikaw li l-injam u l-prodotti derivati mibgħuta mill-Kamerun u li huma soġġettati għal dikjarazzjoni sabiex jitpoġġew f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni jkunu akkumpanjati minn liċenzja FLEGT valida (ara l-Artikoli 6 u 10).

L-eżistenza u r-regolarità tal-liċenzja FLEGT huma stabbiliti wara verifika dokumentarja mill-awtoritajiet kompetenti li l-Istati Membri jkunu ħatru.

L-injam u l-prodotti derivati ta' spedizzjoni jitpoġġew f'ċirkolazzjoni libera biss wara l-awtoritajiet doganali jkunu ġew infurmati dwar l-eżistenza u r-regolarità tal-liċenzja FLEGT li tikkorrispondi mal-ispedizzjoni. Qabel il-bidu tal-iskema ta' liċenzja FLEGT, l-Unjoni Ewropea tinnotifika lill-Kamerun il-lista tal-awtoritajiet kompetenti maħtura minn kull wieħed mill-Istati Membri kif il-proċedura li se tintuża minn dawn l-awtoritajiet kompetenti.

II. **skadenzi**

L-iskema ta' liċenzja FLEGT tistabbilixxi grupp ta' rekwiżiti u proċeduri sabiex jiġi vverifikat li l-injam u l-prodotti derivat mibgħuta lejn l-Unjoni huma prodotti b'mod legali. L-istabbiliment ta' din l-iskema m'għandux isir bi ħsara għall-kompetittività tal-injam u l-prodotti derivati li ġejjin mill-Kamerun. B'mod partikolari, wieħed għandu jiżgura li jiġu rispettati l-iskadenzi tat-tpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni libera tagħha fl-Unjoni, biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fir-rigward tal-injam u l-prodotti derivati li ġejjin minn pajjiż li ma stabbilixxiex skema ta' liċenzja FLEGT.

Dan it-tħassib ser jiġi kkunsidrat mill-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ (KKM) u ġie introdott b'mod espliċitu fi:

— it-"Termini ta' referenza għall-verifika indipendenti tas-sistema (VIS)" (Anness VI, taqsima II.4),

— il-"Kriterji ta' evalwazzjoni tas-sistema stabbilita fl-Unjoni għar-riċezzjoni tal-liċenzji FLEGT" (Anness VIII, taqsima VI).

III. **Proċedura**

Il-liċenzja li takkumpanja spedizzjoni għandha tiġi kkomunikata mill-importatur lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membri li fih tkun saret id-dikjarazzjoni fid-dwana għat-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera ta' din l-ispedizzjoni.

L-importatur huwa mħeġġeġ ħafna li jikkomunika l-liċenzja qabel ma tasal l-ispedizzjoni fit-territorju tal-Unjoni biex jippermetti li jsir ipproċessar minn qabel mill-awtoritajiet tal-Unjoni.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipproċedu għal eżaminazzjoni tal-liċenzja f'ħames punti (kontroll dokumentarju):

— konformità mal-mudell jew mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-liċenzja għall-Kamerun, mibgħuta minn qabel lill-awtorità kompetenti mill-Kummissjoni Ewropea;

— preżenza tal-oriġinali jew dokument ta' sostituzzjoni li jkun fih l-annotazzjoni "duplikat" maħruġ mill-awtorità tal-ħruġ;

— il-preċedenza tad-data tal-eżaminazzjoni meta mqabbla mad-data ta' skadenza li tiher fuq il-liċenzja;

— in-nuqqas ta' tħassir jew ta' kliem fuq xulxin, ħlief jekk ikunu awtentikati mill-awtorità tal-ħruġ;

— in-nuqqas ta' estensjoni tal-validità tal-liċenzja, ħlief jekk din l-estensjoni tkun ġiet maħruġa mill-awtorità tal-ħruġ.

Wara din l-eżaminazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali, b'mod konformi mal-proċeduri nazzjonali li japplikaw, bl-eżistenza, ir-regolarità u n-numru tal-liċenzja. Din l-informazzjoni hija meħtieġa għall-awtoritajiet doganali li jieħdu ħsieb il-proċedura ta' dikjarazzjoni fid-dwana għat-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera. In-numru tal-liċenzja għandu jiġi indikat fuq din id-dikjarazzjoni mill-importatur.

Waqt l-eżaminazzjoni tal-liċenzja, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni supplementari mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-Kamerun biex jikkonfermaw l-eżistenza u r-regolarità tal-liċenzja.


Barra minn hekk, jista' wkoll jiġi deċiż li jsiru xi kontrolli biex jiġi determinat jekk ir-realtà tal-ispedizzjoni hijiex konformi mal-informazzjoni li tidher fil-liċenzja (hawnhekk imsejħa "żjara fiżika").

Jekk jiġi deċiż li ssir żjara fiżika, l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jagħmlu sforz biex iwettqu l-kontrolli tagħhom fl-istess ħin u fl-istess post biex issir żjara waħda biss tal-ispedizzjoni.

Fil-każ li ssir żjara fiżika, il-volum u l-piż nett tal-ispedizzjoni għandhom jiġu meqjusa konformi mal-informazzjoni li tidher fil-liċenzja meta l-volum jew il-piż nett tal-injam jew tal-prodotti derivati fl-ispedizzjoni ma' jvarjawx b'mhux aktar minn 10 % meta mqabbla mal-volum jew mal-piż nett indikat fil-liċenzja korrispondenti.

IV. **Sommarju skematiku**

Id-dijagramma hawn taħt tippreżenta viżjoni tal-proċedura tat-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-injam u l-prodotti derivati esportati mill-Kamerun u akkumpanjati minn liċenzja FLEGT.



ANNESS V

REKWIŻITI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LIĊENZJI FLEGT

KAPITOLU 1

FORMALITAJIET GĦALL-ĦRUĠ TAL-LIĊENZJI

Artikolu 1

1. Il-liċenzja FLEGT għandha tkun id-dokument maħruġ mis-servizzi deċentralizzati tal-Ministeru tal-foresti fil-punti ta' ħruġ tal-Kamerun li jkunu ġew identifikati għal dan il-għan.

2. Il-liċenzji FLEGT għandhom jiġu ffirmati mill-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT li jkunu ġew maħtura għal dan il-għan.

3. L-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT għandhom ikunu dawk responsabbli għall-istrutturi identifikati; dawn jistgħu jkunu:

— id-delegati reġjonali;

— id-delegati dipartimentali;

— il-kapijiet tal-istazzjonijiet tal-kontroll u tal-kaċċa.

Artikolu 2

Il-liċenzja FLEGT għandha tinħareġ fuq il-bażi ta' fajl li jkun fih id-dokumenti li ġejjin:

— applikazzjoni ttimbrata li tindika:

  — il-kunjomijiet, l-ismijiet, in-nazzjonalità, il-professjoni u r-residenza tal-applikant jekk dan ikun persuna fiżika,

  — l-isem tal-kumpanija, il-kwartieri ġenerali, l-isem tad-direttur jekk tkun persuna ġuridika;

— kopja taċ-ċertifikat tal-legalità validu inerenti għall-permess li minnu ġej l-injam;

— dokument ta' speċifikazzjoni tal-injam jew tal-prodotti tal-injam li għandhom jiġu esportati.

Artikolu 3

1. Il-ħruġ tal-liċenzja FLEGT fil-punt ta' tagħbija għandu jiċċertifika l-legalità tal-injam u tal-prodotti tal-injam (skont l-itabella ta' legalità, it-traċċabbiltà, u s-sistema nazzjonali ta' kontroll tal-foresti u tal-fawna), u għandu jiftaħ il-passaġġ għall-esportazzjoni tiegħu lejn is-suq tal-Unjoni.

2. Il-proċess għandu jsir permezz ta':

— it-trażmissjoni permanenti tal-informazzjoni virtwali jew fuq dokumenti siguri, bejn l-entitajiet tal-foresta u s-sevizzi tal-foresta kompetenti (traċċabbiltà tad-dokumenti),

— l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-servizz ċentrali li huwa responsabbli għal-legalità ta' Yaoundé u s-servizzi deċentralizzati tal-Ministeru tal-foresti permezz tal-Internet b'sistema ta' numerazzjoni b'użu uniku u reġistrazzjoni awtomatika fid-database ċentrali (Sistema Komputerizzata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar il-Foresti – SIGIF II u traċċabbiltà elettronika).

KAPITOLU 2

ĦLAS TAL-LIĊENZJI

Artikolu 4

Kull liċenzja FLEGT maħruġa għandha tirriżulta fil-ħlas ta' bolla FLEGT li l-ammont u l-arranġamenti ta' użu tagħha għandhom jiġu speċifikati permezz ta' test speċjali tal-Ministeru tal-foresti.

KAPITOLU 3

REKWIŻITI RELATATI MAL-LIĊENZJI FLEGT

Artikolu 5

1. Il-liċenzja FLEGT tista' tinħareġ fuq karta jew fuq mezz elettroniku.

2. Iż-żewġ tipi ta' mezzi, karta u elettroniku, għandhom ikun fihom l-informazzjoni li tidher fl-appendiċi 1, b'mod konformi man-noti ta' spjega tal-appendiċi 2.

Artikolu 6

1. Il-liċenzja FLEGT għandha tkun valida għal spedizzjoni waħda biss mill-jum tal-ħruġ tagħha.

2. Iż-żmien ta' validità tal-liċenzja FLEGT għandu jkun ta' sitt xhur. Id-data ta' skadenza għandha tkun indikata fuq il-liċenzja.

3. Wara l-iskadenza tagħha, il-liċenzja FLEGT għandha tiġi meqjusa nulla. L-awtorità tal-ħruġ tista' tiddeċiedi li testendi l-perjodu ta' validità bi tliet xhur. Għal dan il-għan, hija għandha tipproċedu għal rettifika u għandha tivvalida d-data ta' skadenza ġdida.

4. Fil-każ ta' deterjorament tal-injam u l-prodotti derivati kkonċernati qabel it-tagħbija, il-liċenzja FLEGT għandha ssir nulla u għandha tintbagħat lura lill-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji.

Artikolu 7

Il-liċenzji fuq karta għandhom ikunu konformi mal-format deskritt fl-appendiċi 1.

Artikolu 8

1. Il-liċenzja FLEGT għandha tiġi stabbilita fuq formola adottata mill-partijiet u deskritta fl-appendiċijiet 1 u 2.

2. Il-karta li għandha tintuża hija tal-format A4 b'erba' kopji.

3. Il-kulur tal-karta li għandu jintuża għal kull kopja tal-formola huwa dan li ġej:

(a) abjad għall-"oriġinali maħsub għall-applikant";

(b) oranġjo għall-kopja Nru 2 "maħsuba għad-dwana tal-Kamerun";

ċ) isfar għall-kopja Nru 3 "maħsuba għad-dwana tal-UE";

(d) aħdar għall-kopja Nru 4 "maħsuba għall-arkivji tas-servizz tal-ħruġ".

Artikolu 9

1. Il-liċenzji għandhom jimtlew bit-tajprajter jew bil-kompjuter. Jistgħu jimtlew ukoll bl-idejn, b'kundizzjoni li l-formoli jkunu fuq karta saħħara.

2. Il-marki tal-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għandhom isiru permezz ta' timbru tal-metall, preferibbilment tal-azzar. Madankollu, it-timbru tal-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji jista' jiġi sostitwit bl-intaljar flimkien ma' ittri u ċifri miksuba permezz tal-perforazzjoni. Il-kwantitajiet allokati għandhom jiġu msemmija mill-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji b'kull mezz li ma jistax jiġi ffalsifikat li jagħmel impossibbli l-kitba ta' ċifri jew ta' annotazzjonijiet supplimentari.

3. Il-liċenzji għandhom jiġu stampati u jimtlew bil-Franċiż jew bl-Ingliż.

Artikolu 10

1. Il-liċenzja għandha tiġi stabbilita f'erba' kopji.

2. Wara li tkun mtliet, ġiet iffirmata u ttimbrata mill-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji, l-ewwel kopja (bajda), li jkun fiha l-annotazzjoni "Oriġinali", għandha tingħata lura lill-applikant biex tiġi sottomessa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-Unjoni li fih l-ispedizzjoni koperta mil-liċenzja tkun is-soġġett ta' dikjarazzjoni ta' tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera.

3. It-tieni kopja (oranġjo), li jkun fiha l-annotazzjoni "Kopja maħsuba għad-dwana tal-Kamerun", għandha tingħata lura lill-applikant biex tiġi sottomessa lis-servizzi doganali tal-Kamerun.

4. It-tielet kopja (safra) li jkollha l-annotazzjoni "Kopja maħsuba għad-dwana tal-UE", għandha tingħata lill-applikant biex tiġi sottomessa lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tal-Unjoni fejn l-ispedizzjoni koperta mil-liċenzja għandha tkun soġġettatta għal dikjarazzjoni ta' tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera.

5. Ir-raba' kopja (ħadra) "Kopja maħsuba għall-arkivji tas-servizz tal-ħruġ" għandha tinżamm mis-servizz tal-ħruġ bħala arkivju.

KAPITOLU 4

LIĊENZJA FLEGT MITLUFA, MISRUQA JEW DISTRUTTA

Artikolu 11

1. F'każ li l-"Oriġinali" jew il-"Kopji maħsuba għad-dwana" jiġu mitlufa, misruqa jew distrutti, l-applikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jista' jitlob lill-Awtorità għall-ħruġ tal-liċenzja biex toħroġlu dokument ta' sostituzzjoni fuq il-bażi tad-dokument li kien baqa' fil-pussess tiegħu.

2. F'każ li l-"Oriġinali" jew il-"Kopji maħsuba għad-dwana" jiġu mitlufa, misruqa jew distrutti, l-applikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jista' jitlob lill-Awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji biex toħroġlu dokumenti ta' sostituzzjoni għat-tnejn li huma.

3. L-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għandha toħroġ id-dokument(i) ta' sostituzzjoni fi żmien xahar wara li tirċievi t-talba mill-applikant.

4. Id-dokumenti ta' sostituzzjoni għandu jkollhom l-informazzjoni u l-indikazzjonijiet li jkunu mniżżlin fuq il-liċenzja li qegħdin jissostitwixxu inkluż in-numru tal-liċenzja.

5. Id-dokument ta' sostituzzjoni għandu jkollu l-annotazzjoni "DUPLIKAT".

6. Jekk il-liċenzja mitlufa jew misruqa tinstab, din m'għandhiex tintuża u għandha tintbagħat lura lill-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji.

PROĊEDURI FIL-KAŻ TA' DUBJU DWAR L-AWTENTIĊITÀ TA' LIĊENZJA

Artikolu 12

1. Fil-każ ta' dubju dwar ir-regolarità ta' liċenzja FLEGT jew ta' dokument ta' sostituzzjoni, l-awtorità kompetenti tal-Unjoni għandha titlob lill-awtorità tal-ħruġ, xi verifiki. Ir-risposta tal-awtorità tal-ħruġ biss tgħodd.

2. Jekk taħseb li jkun meħtieġ, l-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji tista' titlob lill-awtorità kompetenti biex tibgħatilha kopja tal-liċenzja jew tad-dokument ta' sostituzzjoni li qiegħed jiġi ddubitat.

3. Jekk taħseb li jkun meħtieġ, l-Awtorità għall-ħruġ tal-liċenzja għandha tiġbor lura l-liċenzja u toħroġ kopja korretta li jkollha r-referenzi tad-dokument annullat li għandha tbgħat lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni.

4. Jekk il-validità tal-liċenzja tkun ikkonfermata, l-Awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għandha tinforma lill-awtorità kompetenti, preferibbilment b'mezz elettroniku, u tibgħat lura l-kopji tal-liċenzja.

5. Il-kopji mibgħuta lura għandu jkollhom l-annotazzjoni validata/awtentikata permezz tat-timbru "Ivvalidata fil-…".

6. Jekk il-liċenzja ddubitata ma tkunx valida, l-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni, preferibbilment b'mezz elettroniku.

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI FIR-RIGWARD TA' LIĊENZJA FLEGT KOMPJUTERIZZATA

Artikolu 13

1. Il-liċenzja FLEGT tista' tinħareġ u tintuża permezz ta' sistemi kompjterizzati.

2. Liċenzja fuq karta għandha tiġi pprovduta lill-Istati Membri tal-Unjoni li ma jkunux ikkollegati mas-sistema kompjuterizzata.

APPENDIĊIJIET

1. Formola tal-liċenzja

2. Noti ta' spjega

NB: il-formoli għandu jkollhom l-arma u t-timbri tal-Kamerun fuqhom

Appendiċi 1

FORMAT TAL-LIĊENZJA FLEGT

1	1. **Korp tal-ħruġ** Isem Indirizz	2. **Referenza taċ-ċertifikat tal-legalità**
ORIGINALI	3. **Numru tal-awtorizzazzjoni FLEGT**	4. **Data ta' skadenza** __/__/____
	5. **Pajjiz ta' esportazzjoni**	7. **Mezz ta' trasport**
	6. **Kodiċi ISO**	
	8. **Detentur tal-awtorizzazzjoni (isem u indirizz)**	
1	9. **Deskrizzjoni kummerċjali tal-injam jew prodotti derivati**	10. **Pożizzjonijiet tal-SA**
	11. **Isem komuni jew isem xjentifiku**	12. **Pajjiż tal-ġbir** / 13. **Kodiċijiet ISO**
	14. **Volum (m^3)** / 15. **Piż nett (kg)**	16. **Numru ta' unitajiet**
	17. **Sinjali distintivi**	
	18. **Firma u timbru tal-korp tal-ħruġ** Post u data	

KOPJA MAĦSUBA GĦAD-DWANA

2

1. **Korp tal-ħruġ**

Isem

Indirizz

2. **Referenza taċ-ċertifikat tal-legalità**

3. **Numru tal-awtorizzazzjoni FLEGT**

4. **Data ta' skadenza**

5. **Pajjiż ta' esportazzjoni**

6. **Kodiċi ISO**

7. **Mezz ta' trasport**

8. **Detentur tal-awtorizzazzjoni (isem u indirizz)**

9. **Deskrizzjoni kummerċjali tal-injam jew prodotti derivati**

10. **Pożizzjonijiet tal- S A**

11. **Isem komuni jew isem xjentifiku**

12. **Pajjiż tal-ġbir**

13. **Kodiċijiet I SO**

14. **Volum (m^3)**

15. **Piż nett (kg)**

16. **Numru ta' unitaji et**

17. **Sinjali distintivi**

18. **Firma u timbru tal-korp tal-ħruġ**

Post u data

2

Appendiċi 2

NOTI TA' SPJEGA

ASPETTI ĠENERALI

— Imla b'ittri kbar.

— Meta jkunu msemmija, il-kodiċijiet ISO jagħmlu referenza għall-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri, b'mod konformi mal-istandard internazzjonali.

Kaxxa 1	Korp tal-ħruġ	Indika l-isem u l-indirizz tal-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji.
Kaxxa 2	Referenza taċ-ċertifikat tal-legalità	Spazju riżervat għall-pajjiż tal-ħruġ.
Kaxxa 3	Numru tal-liċenzja FLEGT	Indika n-numru tal-liċenzja.
Kaxxa 4	Data ta' skadenza	Żmien ta' validità tal-liċenzja.
Kaxxa 5	Pajjiż ta' esportazzjoni	Dan huwa l-pajjiż imsieħeb li minnu l-injam u l-prodotti derivati ġew esportati lejn l-Unjoni.
Kaxxa 6	Kodiċi ISO	Indika l-kodiċi b'żewġ ittri tal-pajjiż imsieħeb imsemmi fil-kaxxa 5.
Kaxxa 7	Mezz ta' trasport	Indika l-mezz ta' trasport fil-punt ta' esportazzjoni.
Kaxxa 8	Dak li se jieħu l-liċenzja	Indika l-isem u l-indirizz tal-esportatur.
Kaxxa 9	Deskrizzjoni kummerċjali	Indika d-deskrizzjoni kummerċjali tal-injam u l-prodotti derivati.
Kaxxa 10	Pożizzjoni u deskrizzjoni SA	Indika l-kodiċi tal-oġġetti b'erbgħa jew sa sitt ċifri stabbilit b'mod konformi mas-sistema armonizzata ta' deskrizzjoni u kodifikazzjoni tal-oġġetti.
Kaxxa 11	Ismijiet komuni jew xjentifiċi	Indika l-ismijiet komuni jew xjentifiċi tal-kategoriji ta' injam użati fil-prodott. Jekk jidħlu bosta kategoriji fil-kompożizzjoni ta' prodott, uża linja separata għal kull kategorija. Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti komposti jew komponenti li jkun fihom bosta kategoriji li ma jistgħux jiġu identifikati (particleboard, pereżempju).
Kaxxa 12	Pajjiż tal-ġbir	Indika l-pajjiżi fejn il-kategoriji ta' injam imsemmijin fil-kaxxa 10 ġew maħsuda. Jekk bosta kategoriji jidħlu fil-kompożizzjoni tal-prodott, indika s-sorsi kollha ta' injam użat. Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti komposti jew komponenti li fihom bosta kategoriji li ma jistgħux jiġu identifikati.
Kaxxa 13	Kodiċijiet ISO	Indika l-kodiċi ISO tal-pajjiżi msemmijin fil-kaxxa 12. Mhux obbligatorju fil-każ ta' prodotti komposti jew komponenti li fihom bosta kategoriji li ma jistgħux jiġu identifikati.
Kaxxa 14	Volum (m^3)	Indika l-volum totali f'm^3. Mhux obbligatorju, ħlief jekk l-informazzjoni msemmija fil-kaxxa 15 tħalliet barra.
Kaxxa 15	Piż nett	Indika l-piż totali f'kg, jiġifieri l-massa netta tal-prodotti tal-injam mingħajr kontenituri immedjati u lanqas ippakkjar, ħlief bearers, spacers, tikketti, eċċ. Mhux obbligatorju, ħlief jekk l-informazzjoni msemmija fil-kaxxa 14 tħalliet barra.
Kaxxa 16	Numru ta' unitajiet	Indika n-numru ta' unitajiet, fejn dan ikun l-aħjar mod li bih il-prodott manifatturat jingħadd. Mhux obbligatorju.
Kaxxa 17	Sinjali distintivi	Indika, fejn ikun il-każ, kull sinjal distintiv bħal mhuwa n-numru tal-lott jew n-numru tal-polza tagħbija. Mhux obbligatorju.
Kaxxa 18	Firma u timbru tal-awtorità tal-ħruġ	Il-kaxxa għandu jkollha l-firma tal-uffiċjal awtorizzat u t-timbru uffiċjali tal-awtorità responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji, bl-indikazzjoni tal-post u tad-data.

ANNESS VI

TERMINI TA' REFERENZA GĦALL-VERIFIKA INDIPENDENTI TAS-SISTEMA

I. **Introduzzjoni**

Fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (FSV), l-Unjoni u l-Kamerun jaqblu dwar il-ħtieġa li tiġi stabbilita verifika indipendenti biex jiżguraw ruħhom fuq il-prestazzjoni u l-effikaċja tal-proċess tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT.

II. **Kompiti ewlenin**

Il-verifika indipendenti tas-sistema (VIS) se tkun responsabbli għall-operazzjonijiet li ġejjin:

1. Tivverifika s-sistema ta' verifika tal-legalità (SVL)

— Verifika tal-konformità tal-proċess ta' allokazzjoni tat-tipi diversi ta' titoli

  — Riżorsi umani u kapaċitajiet

  — Proċedura ta' allokazzjoni tat-tipi diversi ta' titoli

  — Verifika (fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjun) tal-allokazzjoni tat-tipi diversi ta' titoli

  — Sistema ta' reġistrazzjoni tal-permessi

  — Integrazzjoni tat-titoli fis-Sistema Komputerizzata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar il-Foresti (SIGIF II)

  — Jekk ikun il-każ, verifika tar-reġistrazzjoni tal-garanzija fit-teżor pubbliku

  — Pubblikazzjoni tal-funzjonijiet

— Evalwazzjoni tas-sistema tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità

  — Riżorsi umani u kapaċitajiet

  — Proċedura ta' ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità (applikazzjoni tal-itabella ta' legalità)

  — Verifika (fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjun) taċ-ċertifikati tal-legalità maħruġa

  — Sistema ta' reġistrazzjoni taċ-ċertifikati maħruġa

  — Użu u funzjoni tas-SIGIF II

  — Proċeduri ta' verifika fuq il-post (fil-foresta, fit-triq u fl-unitajiet tal-ipproċessar)

  — Reġistrazzjoni tar-rapporti li jirriżultaw mill-verifiki fuq il-post

  — Mekkaniżmu ta' rikonoxximent taċ-ċertifikati privati rikonoxxuti skont il-prinċipji, il-kriterji u l-indikaturi li japplikaw fil-Kamerun u verifika tal-konformità taghhom mar-rekwiżiti tal-itabella ta' legalità

— Evalwazzjoni tas-sistema ta' traċċabbiltà

  — Riżorsi umani u kapaċitajiet

  — Proċeduri ta' kontroll fuq il-post (implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali tal-kontroll tal-foresti u tal-fawna)

  — Evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll (dan jinkludi verifiki possibbli fuq il-post)

  — Reġistrazzjoni fl-istadji diversi tal-katina tat-traċċabbiltà

— Evalwazzjoni tal-interazzjonijiet bejn is-sistemi diversi: Sistema Komputerizzata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar il-Foresti (SIGIF II), Monitoraġġ tal-infrazzjonijiet u tal-ġestjoni komputerizzata tal-litigazzjoni tal-foresti (SIGICOF), Sistema komputerizzata doganali (SYDONIA) u Monitoraġġ Aħjar tar-Rendiment Fiskali (MESURE)

— Evalwazzjoni tal-verifika/rikonċiljazzjoni tal-informazzjoni tul il-katina tal-provvista kollha

— Evalwazzjoni tas-sistema tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT

— Riżorsi umani u kapaċitajiet

— Proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji

— Użu u funzjoni tas-SIGIF II, SIGICOF, SYDONIA u MESURE

— Verifika (fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjun) tal-liċenzji FLEGT maħruġa

— Sistema ta' reġistrazzjoni tal-liċenzji FLEGT maħruġa

— Produzzjoni ta' statistiċi jew informazzjoni oħra kkonsolidata

2. Tidentifika d-difetti tal-SVL u tirrappurtahom lill-Kunsill Konġunt ta' Implimentazzjoni.

3. Tevalwa l-effikaċja tal-attivitajiet korrettivi li saru wara l-identifikazzjoni tad-difetti mniżżla fir-rapporti ta' verifika.

4. Tevalwa l-effikaċja tal-proċess stabbilit mill-Unjoni għat-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera tal-prodotti koperti mill-iskema FLEGT fis-suq tal-Unjoni, u b'mod partikolari:

— żmien ta' skadenza tal-verifika,

— problemi istituzzjonali bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtorità tal-ħruġ.

5. Tevalwa s-sistema ta' monitoraġġ tal-injam fi tranżitu.

6. Teżamina fuq talba konġunta taż-żewġ partijiet kwalunkwe punt ieħor li jista' jitqajjem matul l-implimentazzjoni tal-SVL.

III. **Kwalifika rikjesta**

Il-VIS ser ikollha tkun taħt ir-responsabbiltà ta' organizzazzjoni indipendenti li jkollha kompetenzi ppruvati fil-verifika u li tista' tiġġustifika għarfien sewwa tas-settur tal-foresti tal-Kamerun u/jew tal-Pjanura tal-Kongo. Barra minn hekk, għandu jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

— ma tkunx direttament involuta fil-ġestjoni (it-tħaddim, l-ipproċessar, il-kummerċ tal-injam kif ukoll il-kontroll) tal-attivitajiet tas-settur tal-foresti fil-Kamerun. Il-forniturі ta' servizz taħt kuntratt mal-gvern tal-Kamerun fil-qafas tal-kontroll tal-foresta mhumiex eliġibbli biex iwettqu l-VIS,

— ma jkollhiex interessi diretti jew indiretti fir-rigward ta' wieħed mill-atturi tas-settur tal-foresti tal-Kamerun u/jew tal-Unjoni.

— jkollha sistema ta' kwalità interna li tkun konformi mas-sistema ISO 17021 jew ekwivalenti,

— tkun tista' tiġġustifika fit-timijiet tagħha l-preżenza ta' esperti fl-oqsma tal-verifika li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tal-foresti, l-industrija tal-ipproċessar, is-sistemi ta' traċċabbiltà u l-għarfien tas-suq tal-Unjoni,

— tkun tista' tiġġustifika fit-timijiet tagħha l-preżenza ta' esperti li għandhom esperjenza biżżejjed fil-Kamerun u fil-Pjanura tal-Kongo,

— l-involviment ta' esperti tas-sottoreġjun għandha tiġi mħeġġa flimkien mal-mobilizzazzjoni ta' esperti internazzjonali.

IV. **Metodoloġija**

Il-VIS għandha ssir skont proċeduri dokumentati.

— Il-VIS għandha taġixxi bi qbil ma' struttura ta' ġestjoni dokumentata, tal-politiki u proċeduri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-gwida tal-prattiċi tajbin aċċettati internazzjonalment, u magħmula disponibbli pubblikament.

— Il-VIS għandha tħejji kalendarju ta' verifika skont il-frekwenza li ġejja, sitt xhur wara l-istabbiliment effettiv tas-sistema ta' verifika, imbagħad darba fis-sena wara l-perjodu inizjali u b'konferma li s-sistemi jaħdmu b'mod effikaċi.

— Il-VIS għandha ssir safejn ikun possibbli matul l-ewwel kwart tas-sena.

— Il-proċeduri dokumentati għandhom iservu bħala gwida għall-verifiki okkażjonali (teħid ta' kampjuni) tad-dokumenti, tar-reġistrazzjonijiet u tal-operazzjonijiet.

— L-osservazzjonijiet kollha nnotati waqt il-missjonijiet ta' verifika għandhom jiġu dokumentati.

— L-osservazzjonijiet tal-verifika għandhom iwasslu biex jiġu definiti l-problemi sistematiċi li wieħed jiltaqa' magħhom.

— Ir-rapport tal-verifika għandu jkun fih l-informazzjoni utli kollha dwar il-programm u l-osservazzjonijiet magħmula. Dokument ewlieni ta' rapport ta' verifika u ta' sommarju tar-rapport ser ikollu jiġi pprovdut fil-proċeduri dokumentati.

— Il-VIS għandha tistabbilixxi sistema biex tiġbor u tipproċessal-ilmenti fir-rigward tagħha.

V. **Sorsi ta' informazzjoni**

Il-VIS għandha ssir bl-użu tas-sorsi ta' informazzjoni kollha disponibbli u b'mod partikolari:

1. Ir-rapporti tal-missjonijiet ta' kontroll tal-foresta permanenti żgurati fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali tal-kontroll tal-foresta u tal-fawna (SNCFF).

2. L-informazzjoni li tirriżulta mis-sistema ta' verifika tal-legalità (SVL) u mill-erba' komponenti tagħha:

   — verifika tal-konformità tal-proċess ta' allokazzjoni tat-titoli;

   — verifika tas-sistema tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità;

   — verifika tas-sistema ta' traċċabbiltà;

   — verifika tas-sistema tal-ħruġ tal-liċenzji.

3. L-amministrazzjonijiet l-oħra:

   — dwana;

   — taxxi (programm tal-iżgurar tad-dħul mill-foresti - PSRF).

4. L-informazzjoni li ġejja mill-mekkaniżmi ta' kontroll estern:

   — osservazzjoni indipendenti (OI), għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-infrazzjonijiet tal-foresti, li għandha l-għan li tinforza l-kapaċitajiet ta' kontroll tal-Ministeru tal-foresti u tipprovdi sorsi indipendenti ta' informazzjoni dwar is-settur tal-foresti;

   — kumpanija ġenerali ta' sorveljanza (SGS), responsabbli għall-ispezzjoni fiżika tal-injam fi zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra bl-għan li jiġi żgurat id-dħul finanzjarju mid-dwana;

   — sistemi ta' ċertifikazzjoni volontarja privati ta' legalità u ta' traċċabbiltà, rikonoxxuti skont il-PCI li japplikaw fil-Kamerun, kif ukoll iċ-ċertifikati ta' ġestjoni sostenibbli (bħal m'hija t-tikketta "Forest Stewardship Council" - FSC) rikonoxxuti;

   — mekkaniżmi oħra ta' monitoraġġ tat-tħaddim tal-foresti fil-Kamerun li jipprovdu informazzjoni importanti dwar l-attivitajiet illegali.

5. Żjarat fuq il-post mill-parti terza.

6. Informazzjoni miġbura minn organizzazzjonijiet oħra (NGOs speċjalizzati, eċċ.).

7. Rapport tal-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni.

8. Kwalunkwe sors ieħor ta' informazzjoni meqjusa utli mill-VIS.

9. Verifiki ppubblikati tal-pajjiżi l-oħra li stabbilixxew skema ta' liċenzji FLEGT.

VI. **Rapporti**

Kull rapport tal-VIS għandu jinkludi:

(i) rapport komplut għall-partijiet li jkun fih l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-programm ta' verifika u dwar il-funzjonament tas-sistema ta' verifika tal-legalità u tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT,

(ii) sommarju tar-rapport, għall-qasam pubbliku, fuq il-bażi tar-rapport komplut u li jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet ewlenin u d-difetti tas-sistema identifikati.

Il-VIS għandu jagħti rapport preliminari lill-Kunsill Konġunt ta' Implimentazzjoni permezz tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ tal-Ftehim. Ir-rimarki relatati miegħu għandhom jiġu mibgħuta lill-VIS għall-finalizzazzjoni tar-rapport. Il-VIS għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u r-risposti għall-kjarifiki mitluba. Ir-rapport finali għandu jkun ibbażat fuq ir-rapport preliminari li miegħu għandhom ikunu miżjuda l-kjarifiki kollha pprovduti minn parti jew oħra u r-reazzjonijiet possibbli tal-VIS għal dawn il-kjarifiki. Il-VIS għandu jissottometti r-rapport finali tiegħu lill-Kunsill. Il-Kamerun, wara l-opinjoni favorevoli tal-Kunsill, għandu jippubblika dan ir-rapport. Ir-rapporti tal-VIS u l-azzjonijiet korrettivi kollha meħtieġa għandhom jiġu diskussi fi ħdan il-Kunsill. Dawn l-azzjonijiet korrettivi għandhom jiġu kkomunikati lill-VIS.

VII. **Termini ta' reklutaġġ**

Il-VIS għandu jiġi magħżul skont il-leġislazzjoni fis-seħħ fil-Kamerun. Il-gvern tal-Kamerun għandu jagħmel kuntratt mal-VIS wara konsultazzjoni mal-Unjoni, u fuq il-bażi ta' proċeduri ta' għażla dokumentati u trasparenti.

ANNESS VII

INFORMAZZJONI MAGĦMULA PUBBLIKA

1. Il-partijiet għandhom jiftiehmu biex jiżguraw li l-Ftehim u l-iskema ta' liċenzji FLEGT jkunu mifhuma tajjeb mill-atturi kollha. L-aċċess għall-informazzjoni dwar l-objettivi, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll għandu jippermetti fehma kompluta tal-proċessi kif ukoll involviment tal-atturi kollha sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim. Tali trasparenza għandha tinforza r-reputazzjoni tal-prodotti tal-foresta tal-Kamerun fis-suq tal-Unjoni u għandha ttejjeb iċ-ċirkostanzi tal-investimenti għall-impriżi esportaturi ta' injam fl-Unjoni.

2. L-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet relatati mal-iskema ta' liċenzji FLEGT għandha titniżżel f'rapport annwali ppubblikat mill-Kunsill Konġunt ta' Implimentazzjoni (il-Kunsill). Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ (KKM) ser imexxi missjonijiet konġunti regolari biex tiġi evalwata l-effikaċja tal-Ftehim kif ukoll l-impatt tiegħu. Fuq il-bażi tal-informazzjoni taż-żewġ partijiet, ir-rapport annwali tal-iskema ta' liċenzji FLEGT għandha tinkludi, b'mod partikolari, informazzjoni dwar:

   (a) il-kwantitajiet ta' injam u prodotti derivati esportati lejn l-Unjoni taħt l-iskema ta' liċenzji FLEGT, skont l-intestaturi xierqa ta' kodiċijiet SA/CEMAC u skont l-Istati Membru ta' destinazzjoni tal-Unjoni;

   (b) in-numru ta' liċenzji FLEGT maħruġa mill-Kamerun; l-avvanz fil-kisba tal-objettivi u tal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu fi żmien stabbilit fil-Ftehim u s-suġġetti kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim;

   (c) l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jiprojbixxu kwalunkwe possibbiltà ta' esportazzjoni ta' injam u l-prodotti derivati ta' oriġini illegali lejn is-swieq barra mill-Unjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom fis-suq nazzjonali;

   (d) il-kwantitajiet ta' injam u prodotti derivati impurtati lejn il-Kamerun, jew li għaddew mill-Kamerun;

   (e) l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġu evitati l-importazzjonijiet ta' injam u prodotti derivati ta' oriġini illegali biex tinżamm l-integrità tal-iskema ta' liċenzji FLEGT;

   (f) il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-iskema ta' liċenzji FLEGT fil-Kamerun u l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġu solvuti dawn il-każijiet;

   (g) il-kwantitajiet ta' injam u prodotti derivati impurtati fl-Unjoni fil-qafas tal-iskema ta' liċenzji FLEGT, skont l-intestaturi SA/CEMAC rilevanti u skont l-Istati Membru tal-Unjoni li fih saret l-importazzjoni;

   (h) il-kwantitajiet ta' injam u prodotti derivati impurtati fl-Unjoni fil-qafas tal-iskema ta' liċenzji FLEGT, skont il-pajjiż ta' oriġini (li għandu jiġi pprovdut mill-Unjoni);

   (i) l-informazzjoni dwar il-prezzijiet fis-suq internazzjonali;

   (j) in-numru ta' liċenzji FLEGT irċevuti mill-Unjoni;

   (k) in-numru ta' każijiet - u l-kwantitajiet ta' injam u prodotti derivati involuti - fejn l-Artikolu 10(1) u (2), [1] ġie applikat.

3. Id-data u rapporti l-oħra se jiġu ppubblikati sabiex l-atturi jkollhom aċċess għall-informazzjoni utli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim. Dan l-aċċess għall-informazzjoni għandu jippermetti wkoll li tiġi infurzata l-governanza fis-settur tal-foresti. Din l-informazzjoni ser tiġi ppubblikata permezz tal-websajts taż-żewġ partijiet. B'mod aktar speċifiku, din l-informazzjoni se tinkludi l-elementi li ġejjin:

   Informazzjoni legali

   — Skali ta' legalità

   — Referenzi leġislattivi u regolatorji kollha fis-seħħ u dokumenti normattivi li jidhru fl-Anness II.

   — Test tal-liġijiet u l-emendi kollha li japplikaw għas-settur tal-foresti

[1] Artikolu 10(1) u (2): Konsultazzjonijiet dwar ir-regolarità tal-liċenzji FLEGT: Fil-każ ta' dubju dwar ir-regolarità ta' liċenzja, l-awtorità kompetenti kkonċernata għandha titlob lill-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji l-informazzjoni kumplimentari.
Jekk l-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji ma twegibx fi żmien ta' 21 jum kalendarju, mid-data minn meta tasal it-talba, jew jekk l-informazzjoni kumplimentari rċevuta tikkonferma l-irregolarità, jew jekk l-annotazzjonijiet li jidhru fuq il-liċenzja FLEGT ma jikkorrispondux mal-ispedizzjoni, l-awtorità kompetenti kkonċernata m'għandhiex taċċetta l-liċenzja FLEGT u għandha tieħu deċiżjoni dwar il-konsegwenzi b'applikazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ. L-awtorità għall-ħruġ tal-liċenzji għandha tiġi infurmata b'dan.

— Kodiċi tal-foresti (liġijiet u testi regolamentarji)

— Testi ta' applikazzjoni

— Lista tal-ftehimiet u ftehimiet internazzjonali - iffirmati/ratifikati

— Test tal-Ftehim, l-Annessi tiegħu u emendi sussegwenti

— Kodiċi tax-xogħol u testi regolamentarji ewlenin li japplikaw għas-settur tal-foresti f'dan is-suġġett

— Kodiċi ġenerali tat-taxxi u liġijiet tal-finanzi

— Lista tas-sistemi privati ta' ċertifikazzjoni tal-legalità/sostenibbiltà li huma rikonoxxuti mill-Ministeru tal-foresti

Informazzjoni dwar il-produzzjoni

— Produzzjoni totali annwali taz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra

— Volumi annwali awtorizzati għat-tħaddim għal kull speċi, għal kull permess u għal kull kumpanija

— Volumi annwali pproċessati għal kull tip ta' prodott, għal kull speċi u għal kull kumpanija

— Volumi annwali ta' zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra esportati għal kull speċi (total u lejn l-Unjoni)

— Volumi annwali ta' injam u prodotti derivati impurtati fil-Kamerun u għal kull pajjiż

— Volumi annwali ta' injam mibjugħ fl-irkanti

Informazzjoni dwar l-allokazzjoni

— Lista tat-titoli validi bl-ismijiet tal-kumpaniji li jkunu ingħataw it-titoli

— Lista tal-permessi annwali ta' operazzjoni/ċertifikati annwali ta' tħaddim maħruġa

— Mappa ta' lokalizzazzjoni tat-titoli ta' tħaddim validi

— Mappa ta' lokalizzazzjoni tal-meded annwali miftuħa għat-tħaddim

— Meded uffiċjali tal-permessi ta' tħaddim validi u prezz ta' allokazzjoni (liċenzja tal-foresta annwali - redevance forestière annuelle - RFA)

— Avviż ta' sejħa għall-offerti diversi (bejgħ tal-qtugħ, liċenzja għall-irkupru tal-injam, permess tal-injam industrijali, eċċ.)

— Informazzjoni dwar id-dritt ta' prelazzjoni

— Lista tal-irtirar annwali tad-dokumenti siguri (kotba tas-sit tax-xogħol DF10 u noti ta' kunsinna)

— Riżultati tal-kummissjoni interministerjali ta' allokazzjoni tat-titoli

— Lista tal-kumpaniji awtorizzati għall-professsjoni (tħaddim, ipproċessar, inventarji, żvilupp)

— Notifika tal-bidu tal-attivitajiet għall-liċenzji tal-irkupru tal-injam (ARB)

Informazzjoni dwar l-iżvilupp

— Żmien ta' kariga, rwoli u responsabbiltajiet tad-dipartimenti ministerjali responsabbli għall-iżvilupp

— Lista tal-konċessjonijiet li qegħdin jiġu żviluppati

— Lista tal-foresti tal-komun u l-erja tagħhom

— Medda tal-konċessjonijiet tal-foresti allokati

— Medda tal-konċessjonijiet tal-foresti li qegħdin jiġu żviluppati (inklużi l-pjanijiet annwali ta' operazzjoni u l-pjanijiet ta' ħames snin ta' ġestjoni)

— Medda tal-konċessjonijiet tal-foresti bi pjan ta' żvilupp approvat

— Medda tal-konċessjonijiet tal-foresti b'ċertifikazzjoni

— Dokumenti tal-pjanijiet ta' żvilupp approvati

— Speċifikazzjonijiet

— Studji ta' impatt ambjentali

Informazzjoni dwar l-ipproċessar

— Lista tal-kumpaniji tal-ipproċessar approvati

— Lokalizzazzjoni tal-unitajiet tal-ipproċessar (indirizzi fiżiċi u/jew koordinati ġeografiċi tal-unitajiet tal-ipproċessar)

— Kapaċitajiet tal-ipproċessar għal kull unità tal-ipproċessar (% tal-kapaċità użata tassew)

— Volum li jidħol fil-fabbrika/kumpanija

— Volum li joħroġ mill-fabbrika/kumpanija

— Stokk fl-aħħar tas-sena finanzjarja

Informazzjoni dwar l-esportazzjonijiet

— Data dwar l-injam fi tranżitu

— Data dwar l-esportazzjonijiet għal kull speċi u għal kull pajjiż u għal kull kumpanija

Informazzjoni dwar is-sistema ta' verifika tal-legalità u kontroll

— Deskrizzjoni finali tas-sistema ta' verifika tal-legalità

— Proċedura ta' ħruġ taċ-ċertifikat tal-legalità u tal-liċenzji FLEGT

— Strateġija nazzjonali u arranġamenti ta' kontroll

— Rapporti tal-osservaturi indipendenti tal-allokazzjoni tat-titoli

— Rapport tal-osservaturi indipendenti tal-kontroll tal-foresti

— Rapporti tal-brigati ta' kontroll

— Lista ta' ċertifikati ta' legalità maħruġa

— Lista tal-liċenzji FLEGT maħruġa

— Talbiet ta' ċertifikati rifjutati

— Talbiet ta' liċenzji FLEGT rifjutati

Informazzjoni dwar il-verifiki

— Termini ta' referenza tal-verifiki

— Proċeduri ta' reklutaġġ tal-awditur

— Riżultati tal-verifika

— Ilmenti relatati mal-verifika u l-ipproċessar tagħhom

— Twettiq tal-miżuri korrettivi

Informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet finanzjarji

— Lista tal-litigazzjoni tal-foresti (reġistru tal-infrazzjonijiet)

— Rapport annwali dwar id-dħul mill-foresti

— Ħlasijiet annwali tal-liċenzja tal-foresta annwali (redevance forestière annuelle - RFA) għal kull titolu

— Lista tal-ħlasijiet tat-taxxi lokali u nazzjonali

— Lista tal-multi għall-infrazzjonijiet

— Lista tal-litigazzjonijiet solvuti

Informazzjoni dwar l-arranġamenti istituzzjonali

— Struttura u funzjonament tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ

— Rapport tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ

— Struttura u funzjonament tal-Kumitat Nazzjonali għall-Monitoraġġ

— Rapport tal-Kumitat Nazzjonali għall-Monitoraġġ

— Struttura u funzjonament tal-Kumitat interministerjali ta' monitoraġġ tal-interkonnessjoni

— Rapport tal-Kumitat interministerjali ta' monitoraġġ tal-interkonnessjoni

— Lista tal-awtoritajiet tal-ħruġ

— Lista tal-awtoritajiet kompetenti

— Rapporti tal-awtoritajiet kompetenti

4. Il-partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jiżguraw trasparenza fl-azzjonijiet mwettqa fil-qafas tal-FSV. Huwa f'dawn iċ-ċirkostanzi li għandhom jagħmlu aċċessibbli kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli fil-każ ta' talba speċifika li tkun ġejja minn attur ieħor tal-katina.

5. Il-mezzi u l-kanali biex tiġi ppubblikata l-informazzjoni għandhom b'mod partikolari jinkludu l-elementi li ġejjin:

— rapporti uffiċjali,

— siti tal-Internet (MINFOF, CE, GLIN [1]),

— pjattaforma b'bosta atturi għall-implimentazzjoni,

— sessjonijiet pubbliċi,

— konferenzi stampa,

— films,

— radju u televiżjoni.

[1] Global Legal Information Network.

ANNESS VIII

KRITERJI TA' EVALWAZZJONI TAS-SISTEMA TA' VERIFIKA TAL-LEGALITÀ (SVL)

Dan il-Ftehim jipprevedi l-implimentazzjoni ta' sistema ta' verifika tal-legalità (SVL) li għandha l-għan li tiggarantixxi li l-injam u l-prodotti derivati kollha speċifikati fil-Ftehim u esportati mill-Kamerun lejn l-Unjoni jkunu prodotti legalment. L-SVL għandha tkun ibbażata fuq l-elementi li ġejjin:

— definizzjoni tal-injam ta' oriġini legali li tistabbilixxi l-liġijiet li għandhom jiġu rispettati sabiex tiġi maħruġa liċenzja;

— il-kontroll tal-katina tal-provvista biex l-injam jiġi intraċċat mill-foresta sal-punt ta' esportazzjoni;

— il-verifika tal-konformità bl-elementi kollha tad-definizzjoni tal-legalità u tal-kontroll tal-katina tal-provvista;

— il-proċeduri għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità u l-ħruġ tal-liċenzji FLEGT, u fl-aħħar nett

— il-verifika indipendenti sabiex tiggarantixxi li s-sistema taħdem kif previst.

L-SVL se tiġi sottomessa għal evalwazzjoni teknika indipendenti qabel ma l-iskema ta' liċenzji ssir operattiva bis-sħiħ; it-termini ta' referenza se ikunu approvati b'mod konġunt mill-partijiet permezz tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ tal-Ftehim (KKM). Dawn il-kriterji ta' evalwazzjoni għandhom jiddeterminaw ir-riżultati li l-SVL għandha tipproduċi u se iservu bħala bażi għat-termini ta' referenza tal-evalwazzjoni. L-evalwazzjoni se jkollha l-għan b'mod aktar partikolari:

— li tirrevedi d-deskrizzjoni tas-sistema billi tagħti attenzjoni partikolari lir-reviżjonijiet possibbli magħmula wara l-iffirmar tal-FSV-FLEGT, u

— li tistudja l-funzjonament tas-sistema fil-prattika.

I. **Definizzjoni tal-legalità**

L-injam ta' oriġini legali għandu jiġi definit fuq il-bażi tal-liġijiet fis-seħħ fil-Kamerun. Id-definizzjoni użata għandha tkun mingħajr ambigwità, tista' tiġi verifikata b'mod objettiv u tista' tiġi applikata għall-pjan operattiv; barra minn hekk, hija għandha mill-inqas tinkludi l-liġijiet li jirregolaw l-oqsma li ġejjin.

Drittijiet tal-ħsad: allokazzjoni tad-drittijiet legali biex jinħasad l-injam fiż-żoni legalment iddikjarati għal dan il-fini.

Operazzjonijiet tal-foresta: rispett tar-rekwiżiti legali fir-rigward tal-ġestjoni tal-foresta, b'mod partikolari l-konformità mal-leġislazzjonijiet korrispondenti dwar l-ambjent u x-xogħol.

Dazji u taxxi: rispett tar-rekwiżiti legali fir-rigward tat-taxxi, tal-liċenzji u tad-dazji direttament marbuta mal-ħsad tal-injam u mad-drittijiet tal-ħsad.

Utenti oħra: rispett, jekk ikun il-każ, tad-drittijiet tal-art jew drittijiet ta' użu fuq l-artijiet u r-riżorsi ta' partijiet oħra, suxxettibbli li jiġu affettwati mid-drittijiet tal-ħsad tal-injam.

Kummerċ u dwana: rispett tar-rekwiżiti legali fir-rigward tal-proċeduri kummerċjali u doganali.

Nistgħu nidentifikaw b'mod ċar l-għodda legali sottostanti għal kull element tad-definizzjoni?

Il-kriterji u l-indikaturi li jippermettu li titkejjel il-konformità ma' kull element tad-definizzjoni huma speċifikati?

Il-kriterji/indikaturi huma ċari, objettivi u applikabbli għall-pjan operattiv?

L-indikaturi u l-kriterji jippermetti li jiġu identifikati b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet differenti u l-verifika tevalwa l-prestazzjonijiet tal-partijiet kollha kkonċernati?

Id-definizzjoni tal-legalità tkopri l-oqsma ewlenin tal-leġislazzjoni eżistenti ppreżentati hawn fuq? Jekk le: għaliex ċerti oqsma tal-leġislazzjoni tħallew barra?

Fl-elaborazzjoni tad-definizzjoni, il-partijiet interessati kkunsidraw l-oqsma ewlenin kollha tal-leġislazzjoni applikabbli?

Is-sistema ta' kontroll tal-legalità tinkludi d-dispożizzjonijiet legali ewlenin identifikati matul id-diskussjonijiet li saru qabel bejn il-partijiet involuti diversi interessati?

Id-definizzjoni tal-legalità u l-matriċi/tabella ta' kontroll tal-legalità ġiet emendata mill-konklużjoni tal-Ftehim? Ġew definiti indikaturi u kriterji biex jiġu verifikati dawn l-emendi?

II. **Kontroll tal-katina tal-provvista**

Is-sistemi bl-għan li jikkontrollaw il-katina tal-provvista għandhom jiggarantixxu l-affidabbiltà u t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-injam fil-katina tal-provvista kollha, mill-ħsad jew punt ta' importazzjoni sal-punt ta' esportazzjoni. Mhux ser ikun dejjem meħtieġ li tinżamm it-traċċabbiltà fiżika ta' zokk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxar, ta' tagħbija ta' zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra jew ta' prodott tal-injam mill-punt ta' esportazzjoni sal-foresta ta' oriġini, iżda dejjem ser ikun meħtieġ li tiġi żgurata t-traċċabbiltà bejn il-foresta u l-ewwel punt fejn isir it-taħlit (pereżempju: terminal tal-injam jew unità tal-ipproċessar).

II a. *Drittijiet tat-tħaddim*

Iż-żoni fejn id-drittijiet fuq ir-riżorsi tal-foresta ġew allokati u d-detenturi ta' dawn id-drittijiet għandhom jiġu identifikati b'mod ċar.

Is-sistema ta' kontroll tiżgura li biss l-injam li ġej minn żona tal-foresta li għandha drittijiet tat-tħaddim validi u aċċettabbli jidħol fil-katina tal-provvista?

Is-sistema ta' kontroll tiżgura li l-impriżi li jwettqu l-operazzjonijiet ta' ħsad irċevew tassew id-drittijiet tat-tħaddim xierqa għaż-żoni tal-foresta kkonċernati?

Il-proċeduri ta' allokazzjoni tad-drittijiet tat-tħaddim u l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-tħaddim allokati u d-detenturi tagħhom ġew ippubblikati?

II b. *Sistemi ta' kontroll tal-katina tal-provvista*

Jeżistu mekkaniżmi effikaċi ta' traċċabbiltà tal-injam fil-katina tal-provvista kollha, mill-ħsad sal-punt ta' esportazzjoni.

L-approċċ użat għall-identifikazzjoni tal-injam jista' jvarja, mill-użu ta' tiketti għall-oġġetti individwali sal-konsultazzjoni tad-dokumentazzjoni li takkumpanja tagħbija jew lott. Il-metodu magħżul għandu jikkunsidra t-tip u l-valur tal-injam, kif ukoll ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn injam illegali jew mhux verifikat.

Il-ktajjen tal-provvista possibbli kollha ġew identifikati u deskritti fis-sistema ta' kontroll?

L-istadji tal-katina tal-provvista kollha ġew identifikati u deskritti fis-sistema ta' kontroll?

Il-metodi huma definiti u dokumentati biex, minn naħa, tiġi identifikata l-oriġini tal-prodott u, min-naħa l-oħra, jiġi evitat it-taħlit ma' injam minn sorsi mhux magħrufa fl-istadji ta' wara l-katina tal-provvista:

— injam fil-foresta,

— trasport,

— ħażna provviżorja,

— wasla fl-unità tal-ewwel ipproċessar,

— unitajiet tal-ipproċessar,

— ħażna provviżorja,

— trasport,

— wasla fil-punt ta' esportazzjoni?

Liema organizzazzjonijiet huma responsabbli għall-kontroll tal-flussi ta' injam? Għandhom riżorsi umani u riżorsi xierqa oħra biex iwettqu l-attivitajiet ta' kontroll?

Jeżisti protokoll ta' verifika tar-riżultati tal-proċeduri ta' kontroll żviluppati u applikati?

Il-proċeduri ta' applikazzjoni huma definiti b'mod ċar u kkomunikati lill-partijiet interessati kollha?

II c. *Kwantitajiet*

Jeżistu mekkaniżmi b'saħħithom u effikaċi biex jitkejlu u jiġu reġistrati l-kwantitajiet ta' injam u prodotti tal-injam f'kull stadju tal-katina tal-provvista, b'mod partikolari l-istimi affidabbli u preċiżi, qabel il-bidu tal-ħsad, tal-volum ta' injam mhux maqtugħ għal kull bażi tal-qtugħ.

Is-sistema ta' kontroll tipproduċi data kwantitattiva dwar id-dħul u l-ħruġ fl-istadji ta' wara l-katina tal-provvista:

— injam mhux maqtugħ,

— iz-zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra fil-foresta,

— injam trasportat u maħżun,

— wasla fl-unità tal-ewwel ipproċessar,

— kontroll ġewwa l-unitajiet tal-ipproċessar,

— wasla fil-punt ta' esportazzjoni?

Liema organizzazzjonijiet huma responsabbli biex idaħħlu d-data kwantitattiva fis-sistema ta' kontroll? Kif inhuma kollegati dawn l-organizzazzjonijiet? Il-persunal ta' dawn l-organizzazzjonijiet huwa mħarreġ b'mod standard fil-ġestjoni tad-data?

X'inhi l-kwalità tad-data kkontrollata?

Jekk organizzazzjonijiet diversi huma responsabbli, kif ġie żgurat li l-prestazzjoni tal-kontroll u tal-ġestjoni tad-data jitwettqu bl-istess mod?

II d. *Ġbir tad-data*

Id-data kollha għandha tiġi reġistrata b'mod li tkun tista' tiġi vverifikata mingħajr dewmien mal-istadji ta' qabel u ta' wara tal-katina. Verifika affidabbli għandha titwettaq għall-katina tal-provvista kollha.

Id-data kwantitattiva hija rreġistrata kollha b'mod li tkun tista' tiġi vverifikata mingħajr dewmien mal-istadji ta' qabel u ta' wara tal-katina?

Jeżistu metodi biex tiġi evalwata l-koerenza bejn id-dħul ta' injam mhux maħdum u l-ħruġ ta' prodotti pproċessati fl-istabbilimenti fejn jisserraw l-injam il-kbir u installazzjonijiet oħra?

Huwa possibbli li titwettaq verifika affidabbli għal kull oġġett individwali jew għal kull lott ta' prodotti tal-injam fil-katina tal-provvista kollha?

Liema sistemi u tekniki ta' informazzjoni jintużaw biex tinħażen u tiġi verifikata d-data, kif ukoll biex tiġi reġistrata? Jeżistu sistemi effikaċi biex tiġi żgurata d-data?

Kif jiġi evitat l-aċċess mhux awtorizzat għas-sistemi (żgurar tas-sistema)?

Kif tiġi garantita l-affidabbiltà tas-sistemi ta' salvagwardja?

Liema organizzazzjoni hija responsabbli għall-verifika tad-data? Għandha riżorsi umani u riżorsi oħra adattati biex twettaq l-attivitajiet ta' ġestjoni tad-data?

Liema informazzjoni dwar il-kontroll tal-katina tal-provvista hija ppubblikata?

Kif jistgħu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni l-partijiet interessati?

II e. *Taħlit ta' injam legali verifikat ma' injam approvat b'mod ieħor*

Jekk it-taħlit ta' zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra jew injam li ġej minn sorsi legali verifikati ma' zkuk prinċipali tas-siġar mhux imqaxxra jew injam li ġej minn sorsi oħra jiġi permess, numru biżżejjed ta' kontrolli għandhom jitwettqu biex jiġi eskluż l-injam li ġej minn sors mhux magħruf jew li huwa maħsud mingħajr drittijiet ta' thaddim legali.

Is-sistema ta' kontroll tawtorizza t-taħlit ta' injam verifikat ma' injam ieħor approvat (pereżempju: ma' injam impurtat jew injam li ġej minn żona tal-foresta fejn id-drittijiet tal-ħsad tal-injam ġew allokati, iżda għadha mhijiex koperta mill-proċess ta' verifika integrali)?

Liema miżuri ta' kontroll jiġu applikati f'dawn il-każijiet? Pereżempju, il-kontrolli jiggarantixxu li l-volumi dikjarati tal-ħruġ verifikat ma jaqbżux l-ammont tal-volumi li daħlu verifikati f'kull stadju?

Liema huma l-kundizzjonijiet ta' introduzzjoni ta' injam sekwestrat li jinbiegħ fl-irkanti pubbliċi fil-katina tal-provvista u hija prevista verifika affidabbli?

II f. *Prodotti tal-injam impurtati*

Għandhom jitwettqu kontrolli xierqa biex jiġi żgurat li l-injam u l-prodotti derivati impurtati ġew impurtati b'mod legali.

Kif hija ppruvata l-legalità tal-importazzjonijiet tal-injam u l-prodotti derivati?

Liema elementi jippermettu li jiġi ppruvat li l-prodotti impurtati ġejjin minn siġar maħsuda b'mod legali f'pajjiż terz?

L-SVL tidentifika l-injam u l-prodotti tal-injam impurtati fil-katina tal-provvista kollha?

Meta jintuża injam impurtat, huwa possibbli li jiġi identifikat, fuq il-liċenzja FLEGT, il-pajjiż ta' oriġini kif ukoll dak tal-komponenti fil-prodotti komposti?

L-użu tal-barcodes fuq l-injam impurtat jiggarantixxi li l-prodotti tal-foresta maħduma u pproċessati b'mod legali biss jiġu esportati bil-liċenzja FLEGT? (Pereżempju, x'jiġri mill-injam impurtat wara l-ewwel stadju tal-ipproċessar, kif titpoġġa l-marka, kif tinbidel din il-marka wara l-istadji ta' wara fl-ipproċessar)?

III. **Verifika**

Il-verifika tikkonsisti fit-twettiq ta' kontrolli biex tiġi ggarantita l-legalità tal-injam. Hija għandha tkun stretta u effikaċi biżżejjed biex tippermetti li jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas tar-rekwiżiti, fil-foresta jew fil-katina tal-provvista, u jittieħdu miżuri fil-ħin biex dan jiġi indirizzat.

III a. *Organizzazzjoni*

Il-verifika għandha titwettaq minn gvern, organizzazzjoni terza jew assoċjazzjoni tat-tnejn, li jkollhom riżorsi xierqa, sistemi ta' ġestjoni u persunal ikkwalifikat u mħarreġ, kif ukoll mekkaniżmi b'saħħithom u effikaċi għall-kontroll tal-kunflitti ta' interess.

Il-gvern ħatar korp wieħed jew bosta korpi biex ikunu responsabbli għall-kompiti tal-verifika? Iż-żmien ta' kariga (u r-responsabbiltajiet relatati) huwa ċar u pubbliku?

Ir-responsabbiltajiet huma allokati b'mod ċar u l-kompetenzi rikjesti marbuta ma' dawn ir-responsabbiltajiet huma preċiżi, kif jiġu implimentati?

Is-servizzi responsabbli għall-verifika tal-legalità kif jiżguraw l-ogħla livell ta' kollaborazzjoni u ta' ġestjoni tad-data razzjonalizzata bejn l-amministrazzjonijiet involuti fil-kontroll tas-settur tal-foresti (MINEP – MINFI – eċċ.)?

Il-korp responsabbli għall-verifika għandu riżorsi xierqa biex iwettaq il-verifika tad-definizzjoni tal-legalità u tas-sistemi għall-kontroll tal-katina tal-provvista tal-injam?

Il-korp responsabbli għall-verifika għandu sistema ta' ġestjoni dokumentata sewwa:

— li tiggarantixxi li l-persunal tiegħu għandu l-kompetenzi/l-esperjenza meħtieġa,

— li tirrikorri għall-kontroll/għas-sorveljanza interna,

— li tinkludi mekkaniżmu għall-kontroll tal-kunflitti ta' interess,

— li tiggarantixxi t-trasparenza tas-sistema,

— li tiddefinixxi u tuża metodoloġija tal-verifika,

— li tuża mekkaniżmu ta' ġestjoni tal-ilment b'aċċess għall-pubbliku?

III b. *Verifika skont id-definizzjoni tal-legalità*

Għandha teżisti definizzjoni ċara ta' dak li għandu jiġi verifikat. Il-metodoloġija tal-verifika għandha tiġi dokumentata u għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-proċess ikun sistematiku, trasparenti, ibbażat fuq provi, mwettaq f'intervalli regolari u li jkopri dak kollu li huwa inkluż fid-definizzjoni.

Il-metodoloġija tal-verifika tkopri l-elementi kollha tad-definizzjoni tal-legalità u tinkludi testijiet ta' konformità bl-indikaturi kollha speċifikati?

Il-verifika teħtieġ:

— kontrolli tad-dokumenti, tar-reġistri tat-tħaddim u tal-operazzjonijiet fuq il-post (anke għall-għarrieda),

— il-ġbir ta' informazzjoni mill-partijiet interessati esterni,

— ir-reġistrazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika li tippermetti lil awdituri interni u lill-kontrollur indipendenti li jipproċedu għal kontrolli?

Ir-responsabbiltajiet u r-rwoli istituzzjonali huma definiti b'mod ċar u applikati?

Ir-riżultati tal-verifika skont id-definizzjoni tal-legalità huma ppubblikati? Kif jistgħu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni l-partijiet interessati?

III c. *Verifika tas-sistemi ta' kontroll tal-katina tal-provvista*

Għandu jeżisti ambitu ta' applikazzjoni ċar li jispeċifika dak li għandu jiġi verifikat u li jirrigwardja l-katina tal-provvista kollha, mill-ħsad sal-esportazzjoni. Il-metodoloġija tal-verifika għandha tiġi dokumentata; hija għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-proċess huwa sistematiku, trasparenti, ibbażat fuq provi, mwettaq f'intervalli regolari u li jkopri dak kollu li huwa inkluż fl-ambitu ta' applikazzjoni u għandha tipprevedi kontro-verifiki ta' data, regolari u mingħajr dewmien, f'kull stadju tal-katina.

Il-metodoloġija tal-verifika tkopri totalment il-verifiki fuq il-kontrolli tal-katina tal-provvista?

Huwa speċifikat sew fil-metodoloġija tal-verifika?

X'jipprova li l-verifika tal-kontrolli tal-katina tal-provvista twettqet tassew?

Ir-responsabbiltajiet u r-rwoli istituzzjonali huma ddefiniti u applikati b'mod ċar?

Ir-riżultati tal-verifika dwar il-kontroll tal-katina tal-provvista huma ppubblikati? Kif jistgħu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni l-partijiet interessati?

III d. *Nuqqas ta' konformità*

Għandu jeżisti mekkaniżmu operattiv u effikaċi biex jiġu invokati u implimentati miżuri korrettivi xierqa meta jiġu skoperti xi infrazzjonijiet.

Is-sistema ta' verifika tiddefinixxi r-rekwiżit imsemmi hawn fuq?

Ġew stabbiliti mekkaniżmi biex jindirizzaw in-nuqqas ta' konformità? Huma applikati fil-prattika?

L-infrazzjonijiet u l-miżuri korrettivi meħuda huma soġġetti għal reġistrazzjonijiet xierqa? L-effikaċja tal-miżuri korrettivi hija evalwata?

Liema informazzjoni dwar l-infrazzjonijiet skoperti hija ppubblikata?

IV. **Liċenjar**

Il-Kamerun ta lill-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji r-responsabbiltà sħiħa għall-ħruġ tal-liċenjzi FLEGT. Il-liċenzji FLEGT huma allokati fuq il-bażi tal-ispedizzjonijiet jew tal-entitajiet tal-foresta.

IV a. *Organizzazzjoni*

Liema korp huwa inkarigat bil-ħruġ tal-liċenzji FLEGT?

Ir-rwol tal-awtorità li hija responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji u tal-persunal tagħha fir-rigward tal-allokazzjoni tal-liċenzji FLEGT huwa ddefinit b'mod ċar u ppubblikat?

Ir-rekwiżiti ta' kompetenza huma definiti u ġew stabbiliti kontrolli interni għall-persunal tal-awtorità li hija responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji?

L-awtorità li hija responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji għandha riżorsi xierqa biex twettaq il-kompitu tagħha?

IV b. *Ħruġ tal-liċenzji FLEGT*

L-awtorità responsabbli għal-liċenzji issegwi proċeduri dokumentati biex tohroġ il-liċenzji?

Dawn il-proċeduri huma ppubblikati, inklużi d-dazji possibbli li għandhom jitħallsu?

X'jipprova li l-proċeduri huma applikati tajjeb fil-prattika?

Il-liċenzji maħruġa u l-liċenzji rifjutati huma soġġetti għal reġistrazzjonijiet xierqa?

Ir-reġistrazzjonijiet jindikaw b'mod ċar l-elementi legali li fuq il-bażi tagħhom jinħarġu l-liċenzji?

IV c. *Liċenżji ibbażati fuq l-ispedizzjonijiet*

L-allokazzjoni tal-aliċenzja hija bbażata fuq spedizzjoni waħda?

Il-legalità ta' spedizzjoni ta' esportazzjoni hija ppruvata permezz ta' sistemi ta' verifika u ta' traċċabbiltà tal-gvern?

Il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ tal-liċenzji huma definiti b'mod ċar u kkomunikati lill-esportatur?

L-esportaturi għandhom fehma kompluta tal-kriterji ta' ħruġ tal-liċenzji FLEGT?

Liema informazzjoni dwar il-liċenzji allokati hija ppubblikata?

V. **Direttivi dwar il-verifika indipendenti tas-sistema**

Il-verifika indipendenti tas-sistema (VIS) għandha tkun funzjoni indipendenti tal-korpi ta' regolamentazzjoni tas-settur tal-foresti tal-Kamerun. Hija għandu jkollha l-għan li żżomm l-affidabbiltà tal-iskema ta' liċenzji FLEGT billi tiżgura li l-aspetti kollha tal-SVL jaħdmu kif previst.

V a. *Dispożizzjonijiet istituzzjonali*

Ħatra tal-awtorità: il-Kamerun awtorizza uffiċjalment il-funzjoni tal-VIS u għandu jippermettilu li jaħdem b'mod effikaċi u trasparenti.

Indipendenza mill-elementi l-oħra tal-SVL: għandha tiġi stabbilita distinzjoni ċara bejn l-organizzazzjonijiet u l-persuni li jieħdu sehem fil-ġestjoni jew fir-regolamentazzjoni tar-riżorsi tal-foresta u dawk li jintervjenu fil-verifika indipendenti.

— Il-gvern għandu rekwiżiti dokumentati fir-rigward tal-indipendenza għall-awditur indipendenti?

— Huwa previst li l-organizzazzjonijiet jew il-persuni li għandhom interess kummerċjali jew rwol istituzzjonali fis-settur tal-foresti taż-żewġ partijiet ma jitħallewx jeżerċitaw il-funzjoni ta' awditur indipendenti?

Ħatra tal-awditur indipendenti: l-awditur indipendenti ġie maħtur permezz ta' mekkaniżmu trasparenti u l-azzjonijiet tiegħu għandhom jiġu sottomessi għal regoli ċari u pubbliċi.

— Il-gvern ippubblika t-termini ta' referenza tal-awditur indipendenti?

— Il-gvern iddokumenta l-proċeduri ta' ħatra tal-awditur indipendenti u ppubblikahom?

Stabbiliment ta' mekkaniżmu ta' ġestjoni tal-ilmenti: għandu jeżisti mekkaniżmu ta' ġestjoni tal-ilmenti u tal-kunflitti li jirriżultaw mill-verifika indipendenti. Dan il-mekkaniżmu għandu jippermetti li jiġi pproċessat kwalunkwe ilment dwar il-funzjonament tal-iskema ta' liċenzji.

— Jeżisti mekkaniżmu tal-ipproċessar tal-ilmenti dokumentat, għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati kollha?

— Huwa ċar kif l-ilmenti jiġu rċevuti, dokumentati, mibgħuta għal livell superjuri (jekk ikun il-każ) u liema azzjonijiet isiru?

V b. *L-awditur indipendenti*

Rekwiżiti organizzattivi u tekniċi: l-awditur indipendenti għandu jeżerċita funzjoni indipendenti mill-elementi l-oħra tas-sistema tal-garanzija tal-legalità u għandu jaħdem b'mod konformi ma' struttura ta' ġestjoni dokumentata, azzjonijiet u proċeduri li jissodisfaw il-prattiċi tajbin approvati fuq livell internazzjonali.

— L-awditur indipendenti jaħdem b'mod konformi ma' sistema ta' ġestjoni dokumentata li tissodisfa r-rekwiżiti tal-gwidi ISO 17021 jew ta' standards simili?

Metodoloġija tal-verifika: il-metodoloġija tal-verifika indipendenti għandha tkun ibbażata fuq il-provvista ta' elementi ta' prova u għandhom jitwettqu verifiki f'intervalli preċiżi.

— Il-metodoloġija tal-verifika indipendenti tispeċifika li r-riżultati kollha huma bbażati fuq elementi ta' prova objettivi fir-rigward tal-funzjonament tal-SVL?

— Il-metodoloġija tispeċifika l-intervalli massimi li fihom kull element tal-SVL ser jiġi verifikat?

Ambitu ta' applikazzjoni tal-verifika: l-awditur indipendenti għandu jaħdem skont termini ta' referenza li jispeċifikaw b'mod ċar dak li għandu jiġi verifikat u li jkopru r-rekwiżiti kollha stabbiliti għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT.

— Il-metodoloġija tal-verifika indipendenti tkopri l-elementi kollha tal-SVL u tindika t-testijiet ewlenin ta' effikaċja?

Rekwiżiti fir-rigward tar-rapporti: il-VIS għandu jippreżenta rapport preliminari lill-Kunsill Konġunt ta' Implimentazzjoni (il-Kunsill) permezz tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ (KKM) tal-Ftehim. Ir-rapporti tal-awditur indipendenti u l-azzjonijiet korrettivi kollha għandhom jiġu diskussi fil-KKM.

— It-termini ta' referenza tal-awditur indipendenti jispeċifikaw r-rekwiżiti fir-rigward tar-rapporti u l-frekwenza ta' dawn ir-rapporti?

— It-termini ta' referenza tal-awditur u l-proċeduri tal-KKM jispeċifikaw il-proċess tal-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-verifiki?

VI. **Kriterji ta' evalwazzjoni tas-sistema stabbilita fl-Unjoni għar-riċezzjoni tal-liċenzji FLEGT**

Ir-Regolament FLEGT u l-miżuri ta' applikazzjoni tiegħu għandhom jipprevedu proċeduri għall-istabbiliment tas-sistema ta' liċenzji FLEGT, inklużi l-proċeduri li jippermettu li jiġi verifikat li l-prodotti tal-injam tal-Kamerun maħsuba għat-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera fit-territorju tal-Unjoni huma koperti tassew minn liċenzja FLEGT. Dawn il-proċeduri jirrikjedu wkoll mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jaħtru awtorità kompetenti li jkollha din ir-responsabbiltà.

Peress li dawn huma miżuri ġodda introdotti speċifikament biex tiġi implimentata s-sistema FLEGT, l-evalwazzjoni għandha teżamina l-istat ta' tħejjija tal-Union fir-rigward tal-verifika tal-liċenzji FLEGT.

Ġew identifikati sewwa l-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea? Din l-informazzjoni ġiet ippubblikata?

Ġew stabbiliti l-proċeduri għall-ipproċessar tal-liċenzji FLEGT f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea? Dawn il-proċeduri ġew ippubblikati?

Ġew stabbiliti leġislazzjoni u regolamentazzjoni xierqa meta dan kien meqjus neċessarju mill-Istati Membri?

Ġew stabbiliti metodi ta' komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali?

Ġew stabbiliti proċeduri biex jippermettu lill-Unjoni, jew kwalunkwe persuna jew korp maħtur mill-Unjoni, ikollha aċċess għad-dokumenti u data rilevanti, u biex tevita kwalunkwe problema li tista' tfixkel il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' liċenzji FLEGT?

Ġew stabbiliti proċeduri biex jippermettu lill-awditur indipendenti jkollu aċċess għad-dokumenti u data rilevanti kollha?

Ġew negozjati metodi ta' rapputar bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea? Il-proċeduri ta' pubblikazzjoni ta' dawn ir-rapporti ġew stabbiliti u adottati?

Hemm proċeduri li jipprevedu l-każ ta' oġġetti b'liċenzja FLEGT iżda li ma ġewx aċċettati? Ġew previsti proċeduri biex isir rapport fuq kwalunkwe kontradizzjoni fil-liċenzji u biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' reat?

Ġiet ippubblikata l-informazzjoni dwar il-multi fil-każijiet diversi ta' infrazzjonijiet?

ANNESS IX

SKEDA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM

Attivitajiet	Sotto-attivitajiet	Sena 1 [1]	Sena 2	Sena 3	Sena 4	Sena 5	Sena 6	Sena 7	Sena 8
		Faži preparatorja			Faži operattiva 1				
1. Ħolqien ta' kuxjenza u informazzjoni għall-atturi u tal-pubbliku	1.1 Elaborazzjoni ta' pjan ta' komunikazzjoni	x							
	1.2 Evalwazzjoni u aġġustament mill-ġdid tal-pjan ta' komunikazzjoni		x	x	x				
	1.3 Implimentazzjoni tal-pjan ta' komunikazzjoni	x	x	x	x	x	x	x	x
	1.4 Stabbiliment ta' pjattaforma ta' skambji bejn il-pajjiżi tal-COMIFAC	x	x	x					
	1.5 Twettiq tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni għall-informazzjoni tal-opinjoni internazzjonali	x	x	x					
	1.6 Twettiq tal-azzjonijiet ta' promozzjoni	x	x	x	x	x	x	x	x
	1.7 Ħolqien ta' kuxjenza fost l-atturi dwar l-elementi tal-FSV	x	x	x	x	x	x	x	x
2. Promozzjoni tal-prodotti "FLEGT-Kamerun" fis-suq tal-Unjoni	2.1 Elaborazzjoni ta' pjan ta' promozzjoni/studju ta' fattibbiltà għal tikketta "FLEGT- Kamerun"		x	x					
	2.2 Tikkettar tal-prodotti "FLEGT-Kamerun"				x				
	2.3 Ħarsien u ġestjoni tat-tikketta				x	x	x	x	x
	2.4 Promozzjoni tal-prodotti "FLEGT-Kamerun" fis-swieq immirati	x	x	x	x	x	x	x	x
	2.5 Ħolqien ta' kuxjenza fost l-opinjoni pubblika Ewropea	x	x	x	x	x	x	x	x
	2.6 Promozzjoni tal-SVL fis-swieq l-oħra internazzjonali (USA, Ċina, eċċ.)			x	x	x	x	x	x
3. Arranġamenti istituzzjonali	3.1 Organizzazzjoni tal-istruttura ċentrali		x	x					
	3.2 Organizzazzjoni tal-istrutturi periferali (Douala, Kribi…)		x	x					
	3.3 Stabbiliment u funzjonament tal-Kunsill u tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ (KKM) tal-Ftehim	x	x	x	x	x	x	x	x
	3.4 Stabbiliment u funzjonament tal-Kumitat Nazzjonali għall-Monitoraġġ tal-Ftehim	x	x	x	x	x	x	x	x

Attivitajiet	Sotto-attivitajiet	Sena 1 ([1])	Sena 2	Sena 3	Sena 4	Sena 5	Sena 6	Sena 7	Sena 8
		Faži preparatorja			Faži operattiva 1				
4. Infurzar tal-kapaċitajiet	4.1 Elaborazzjoni ta' pjan ta' formazzjoni (identifikazzjoni tal-atturi kkonċernati u tfassil ta' matriċi li tippermetti d-determinazzjoni tal-objettivi tal-formazzjoni u l-azzjonijiet li għandhom jitwettqu bi stima tal-ispejjeż	x							
	4.2 Implimentazzjoni tal-pjan ta' formazzjoni	x	x	x					
	4.3 Definizzjoni tal-ħtiġijiet ta' tagħmir u mezzi loġistiċi	x	x						
	4.4 Xiri tat-tagħmir u l-mezzi loġistiċi		x	x					
	4.5 Attivazzjoni tat-tagħmir, tal-loġistika u manutenzjoni		x	x					
5. Riforma tal-qafas legali	5. 1Reviżjoni tal-Liġi tal-foresta u tal-leġislazzjoni sussidjarja	x	x						
	5.2 Titjib tal-qafas legali relatat mas-suq intern tal-injam	x	x	x					
	5.3 Titjib tal-qafas legali relatat mal-foresti (Foresti Komunitarji, tal-Komun u ta' Individwi)	x	x	x					
	5.4 Titjib tal-qafas legali relatat mal-aspetti soċjali u ambjentali	x	x	x					
	5.5 Integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istrumenti legali internazzjonali ratifikati kif xieraq mill-Kamerun	x	x	x					
	5.6 Aġġustament mill-ġdid possibbli tal-itabella ta' legalità			x					
	5.7 Titjib tal-qafas legali relatat mal-industrijalizzazzjoni tas-settur tal-foresti u tal-ipproċessar kumplimentari	x	x	x					
6. Titjib tas-sistema nazzjonal ta' kontroll	6.1 Żvilupp ta' sistema ta' ppjanar tal-azzjonijiet ta' kontroll	x	x	x	x	x	x	x	x
	6.2 Elaborazzjoni tal-proċeduri għall-operazzjonijiet ta' kontroll, b'mod konsistenti mal-proċeduri ta' verifika tal-legalità	x	x	x					
	6.3 Żvilupp tal-miżuri għat-titjib tal-governanza	x	x	x					
	6.4 Funzjonament tas-sistema nazzjonali ta' kontroll li tikkontribwixxi għas-SIGIF II			x	x	x	x	x	x

Attivitajiet	Sotto-attivitajiet	Sena 1 ([1])	Sena 2	Sena 3	Sena 4	Sena 5	Sena 6	Sena 7	Sena 8
		Faži preparatorja			Faži operattiva 1				
7. Stabbiliment tas- sistema ta' traċċabbiltà	7.1 Żvilupp tas-sistema ta' traċċabbiltà	x	x						
	7.2 Stabbiliment tal-interkonnessjoni tad-databases tal-ministeri diversi involuti u tal-mekkaniżmi ta' skambju tad-data mal-pajjiżi tas-CEMAC	x	x						
	7.3 Aġġornament tal-istandards tal-inventarji	x	x						
	7.4 Test tas-ssistema fuq tabella pilota (operazzjonalizzazzjoni)		x	x					
	7.5 Xiri ta' materjal u tagħmir (identifikaturi, apparat li jaqra l-identifikaturi, kompjuters) għall-estensjoni tas-sistema fuq l-itabella nazzjonali		x	x					
	7.6 Konsolidazzjoni u estensjoni tas-sistema fuq tabella nazzjonali: stabbiliment u tagħmir tal-istazzjonijiet ta' kontroll tul il-ktajjen tal-provvista, inklużi l-istazzjonijiet tal-fruntieri (infrastrutturi, kompjuters, kollegamenti mal-Internet, eċċ.)			x	x				
	7.7 Infurzar tal-kapaċitajiet tal-atturi (MINFOF u amministrazzjonijiet oħra involuti, settur privat u soċjetà ċivili) f'inventarji ġeo-referenzjati, użu tad-databases, eċċ.		x	x	x				
	7.8 Taħriġ tal-persunal kkonċernat (unità ta' legalità u tal-istazzjonijiet ta' kontroll), settur privat u soċjetà ċivili		x	x	x				
	7.9 Funzjonament tas-sistema ta' traċċabbiltà				x	x	x	x	x
	7.10 Ġbir u pproċessar tad-data				x	x	x	x	x
	7.11 Manutenzjoni tat-tagħmir				x	x	x	x	x
8. Stabbiliment tas-sistema ta' verifika tal-legalità tal-entità tal-foresta	8.1 Tkomplija tal-elaborazzjoni u tat-testijiet fuq il-post tal-iskali ta' legalità	x	x	x					
	8.2 Żvilupp tal-proċeduri dettaljati għas-sistema ta' verifika tal-legalità tal-entità tal-foresta	x	x	x					
	8.3 Tfassil u simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' verifika tal-legalità tal-entità tal-foresta			x	x				
	8.4 Rikonoxximent u pubblikazzjoni tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni privati approvati	x	x	x					
	8.5 Test tas-sistema tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità			x					
	8.6 Evalwazzjoni tal-funzjonament tal-verifika tal-legalità tal-entità tal-foresta bil-provvista tal-miżuri korrettivi possibbli			x	x	x			
	8.7 Ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità			x	x	x	x	x	x

Attivitajiet	Sotto-attivitajiet	Sena 1 ([1])	Sena 2	Sena 3	Sena 4	Sena 5	Sena 6	Sena 7	Sena 8
		Faži preparatorja			Faži operattiva 1				
9. Stabbiliment tas-sistema tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT	9.1 Żvilupp tal-proċeduri dettaljati għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT	x	x						
	9.2 Simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT fis-settur privat	x	x	x					
	9.3 Stabbiliment tal-kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni	x	x	x					
	9.4 Studju tal-fattibbiltà tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT elettroniċi			x	x				
	9.5 Test tas-sistema tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT			x	x				
	9.6 Ħruġ tal-liċenzji FLEGT				x	x	x	x	x
10. Verifiki indipendenti tas-sistema	10.1 Reklutaġġ tal-awditur indipendenti u żvilupp tal-metodoloġija dettaljata			x					
	10.2 L-ewwel verifika indipendenti (sitt xhur wara l-bidu)				x				
	10.3 It-tieni verifika indipendenti (tnax-il xahar wara l-bidu)				x				
	10.4 It-tielet verifika indipendenti (sentejn wara l-bidu)					x			
	10.5 Ir-raba' verifika indipendenti						x		
	10.6 Il-ħames verifika indipendenti							x	
	10.7 Is-sitt verifika indipendenti								x
11. Monitoraġġ tas-suq intern tal-injam (marché intérieur du bois - MIB)	11.1 Organizzazzjoni tas-suq intern tal-injam (MIB)	x	x	x					
	11.2 Stabbiliment ta' sistema għall-ġbir tal-istatistiċi	x	x	x	x	x	x	x	x
12. Industrijalizzazzjoni u kummerċjalizzazzjoni	12.1 Twettiq ta' inventarju tas-settur tal-injam fil-Kamerun u tal-konsum ta' prodotti bbażati fuq l-injam fis-suq tal-Kamerun	x							
	12.2 Konsultazzjoni tal-professjonisti (informali jew le)	x							
	12.3 Analiżi tad-dinamiċi u tal-ħtiġijiet	x	x						
	12.4 Elaborazzjoni ta' pjan ta' valorizzazzjoni, ta' żvilupp industrijali u tal-ipproċessar kumplimentari tar-riżorsa tal-injam		x	x					
	12.5 Elaborazzjoni tal-istandards tal-ipproċessar			x	x				
	12.6 Elaborazzjoni tal-miżuri ta' inċentiv għall-użu ta' injam (standards ta' kwalità, promozzjoni ta' prodotti ġodda)			x	x				
	12.7 Karatterizzazzjoni u promozzjoni tal-ispeċi mhux magħrufa ħafna			x	x	x	x	x	x
	12.8 Theġġiġ għat-trasferiment ta' teknoloġija			x	x	x	x	x	x

Attivitajiet	Sotto-attivitajiet	Sena 1 (1)	Sena 2	Sena 3	Sena 4	Sena 5	Sena 6	Sena 7	Sena 8
		Faži preparatorja			Faži operattiva 1				
13. Monitoraġġ tal-impatti tal-Ftehim	13.1 Definizzjoni u monitoraġġ tal-indikaturi soċjali		x	x	x	x	x	x	x
	13.2 Stabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ tal-volumi ta' injam sekwestrat		x						
	13.3 Stabbiliment tas-sistema ta' monitoraġġ tal-impatt soċjo-ekonomiku u ambjentali			x					
	13.4 Evalwazzjoni tal-impatt soċjo-ekonomiku f'nofs l-implimentazzjoni tal-Ftehim			x	x	x			
	13.5 Monitoraġġ tal-evoluzzjoni tad-dħul mis-settur tal-foresti			x	x	x	x	x	x
	13.6 Infurzar tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ permanenti tal-veġetazzjoni (monitoraġġ tal-artijiet permanenti, xbihat mis-satellita eċċ.)				x	x	x	x	x
	13.7 Studji tal-impatt dwar: it-tħaddim illegali, l-aċċess għas-suq, l-evoluzzjoni tad-dħul, l-esportazzjonijiet ta' injam, il-kwantitajiet ta' injam sekwestrat				x	x	x	x	
	13.8 Monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-infrazzjonijiet u tal-każijiet fil-qorti			x	x	x	x	x	x
14. Tfittxija tal-finanzi supplimentari	14.1 Żvilupp ta' strateġija ta' mobilizzazzjoni tal-fondi	x	x						
	14.2 Żvilupp tal-programmi u tfittxija tad-donaturi		x	x	x	x	x		

(1) Is-Sena 1 tibda tiddekorri mal-iffirmar tal-Ftehim.

ANNESS X

MIŻURI TA' AKKUMPANJAMENT U MEKKANIŻMI TA' FINANZJAMENT

I. **Mekkaniżmi ta' finanzjament**

Parti kbira tal-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FSV diġà ġiet ikkunsidrata fil-biċċa l-kbira fil-qafas tar-riformi settorjali mmexxija mill-gvern tal-Kamerun, u identifikata fost l-attivitajiet ta' prijorità li għandhom jitmexxew mill-programm settorjali foresta ambjent (programme sectoriel forêt environnement - PSFE). Għalhekk, il-finanzjament tagħhom huwa żgurat mill-għodod identifikati fil-qafas ta' dan il-programm, b'mod partikolari:

(a) għall-fondi proprji tal-Kamerun:

— il-baġit tal-Istat;

— il-Fond Speċjali ta' Żvilupp tal-Foresti (Fonds Spécial de Développement Forestier - FSDF).

(b) għall-kontribuzzjonijiet tal-imsieħba:

— il-Fond Komuni;

— l-appoġġ Baġitarju.

Madankollu, għal ċerti azzjonijiet aktar speċifiċi għall-FSV, xi riżorsi finanzjarji kumplimentari ser ikunu meħtieġa, u għalhekk huwa neċessarju li wieħed jirrikorri għal riżorsi oħra:

— fil-livell tal-imsieħba għall-iżvilupp: l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u mekkaniżmi oħra li għandhom jiġu identifikati;

— fil-livell intern: l-istabbiliment ta' liċenzja.

Il-mobilizzazzjoni ta' dawn il-fondi supplementari għandha ssir b'mod konsistenti mal-PSFE.

II. **Miżuri ta' akkumpanjament**

L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet aktar speċifiċi għall-FSV ser teħtieġ miżuri ta' akkumpanjament fl-oqsma li ġejjin:

(a) l-infurzar ta' kapaċitajiet;

(b) il-komunikazzjoni;

(c) il-promozzjoni tal-prodotti FLEGT fis-suq tal-Unjoni;

(d) il-monitoraġġ tas-suq intern tal-injam;

(e) l-industrijalizzazzjoni;

(f) il-monitoraġġ tal-impatti tal-Ftehim;

(g) il-monitoraġġ parteċipattiv tal-implimentazzjoni tas-sistema ta' verifika tal-legalità (SVL);

(h) l-immodernizzar tas-sistema ta' traċċabbiltà;

(i) l-infurzar tas-sistema nazzjonali ta' kontroll;

(j) is-sistema ta' verifika tal-legalità;

(k) is-sistema tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT;

(l) l-istabbiliment tal-verifika indipendenti;

(m) ir-riformi tal-qafas ġuridiku;

(n) it-tfittxija ta' finanzjamenti supplementari.

Għal dan il-għan, il-partijiet għandhom jiżguraw li jiġi previst appoġġ tekniku u finanzjarju suffiċjenti biex jippermetti lill-gvern tal-Kamerun jimplimenta l-azzjonijiet imsemmija.

II a. *L-infurzar ta' kapaċitajiet*

Ġustifikazzjoni

— Aġġornament tekniku permezz tat-taħriġ tal-atturi kollha kkonċernati (amministrazzjonijiet, settur privat, soċjetà ċivili, eċċ.)

— Infurzar tat-tagħmir

— Infurzar tal-loġistika

Azzjonijiet previsti

— Elaborazzjoni ta' pjan ta' taħriġ (identifikazzjoni tal-atturi kkonċernati u tfassil ta' matriċi li tippermetti li jiġu determinati l-objettivi tat-taħriġ u l-azzjonijiet li għandhom isiru bi stima tal-ispejjeż)

— Implimentazzjoni tal-pjan ta' taħriġ

— Definizzjoni tal-ħtiġijiet ta' tagħmir u mezzi loġistiċi

— Xiri tat-tagħmir u l-mezzi loġistiċi

— Żgurar tal-funzjonament tat-tagħmir u tal-loġistika

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika

— Appoġġ finanzjarju għat-taħriġ

— Appoġġ finanzjarju għax-xiri tat-tagħmir u tal-mezzi loġistiċi

II b. *Il-komunikazzjoni*

Ġustifikazzjoni

Il-komunikazzjoni hija komponent importanti ħafna fil-proċess li jwassal għall-implimentazzjoni tal-FSV/FLEGT; hija se tippermetti:

— li tħeġġeġ l-adeżjoni u tiggarantixxi l-koerenza tal-kontribuzzjonijiet tad-diversi atturi;

— li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sinerġiji bejn il-pajjiżi tal-Kummissjoni tal-Foresti tal-Afrika Ċentrali (COMIFAC);

— li tippromwovi r-reputazzjoni tal-injam tal-Kamerun fis-suq internazzjonali;

— li tiżgura ruħha dwar l-appoġġ tal-opinjoni pubblika fir-rigward tal-azzjonijiet imwettqa mill-gvern tal-Kamerun favur il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-foresti u l-iżvilupp tal-komunitajiet li jiddependu fuqhom;

— li tippromwovi l-benefiċċji ta' FSV mal-atturi involuti u mal-pubbliku.

Azzjonijiet previsti

— Elaborazzjoni u implimentazzjoni ta' pjan ta' komunikazzjoni għall-azzjonijiet ta' ħolqien ta' kuxjenza tal-pubbliku intern u estern tal-MINFOF

— Stabbiliment ta' pjattaforma ta' skambji bejn il-pajjiżi tas-COMIFAC

— Twettiq tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni għall-informazzjoni tal-opinjoni internazzjonali (ara l-Anness VII)

— Ħolqien ta' kuxjenza fost l-atturi dwar l-elementi tal-FSV li se jikkonċernaw lilhom, u assistenza għal dawn tal-aħħar fl-adattament għal dawn l-elementi ġodda.

— Ħolqien ta' kuxjenza fost l-opinjoni pubblika Ewropea dwar l-isforzi pprovduti mill-gvern tal-Kamerun għall-governanza tajba fis-settur tal-foresti

Natura tal-akkumpanjament meħtieġa

— Mezzi finanzjarji

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

II c. *Il-promozzjoni tal-prodotti FLEGT fis-suq tal-Unjoni*

Ġustifikazzjoni:

— Infurzar tal-fiduċja permezz tal-affidabbiltà tal-SVL

— Promozzjoni tal-aċċess tal-injam tal-Kamerun fis-swieq tal-Unjoni

— Tfittxija ta' valur miżjud sinifikattiv għall-injam u prodotti tal-injam tal-Kamerun

Azzjonijiet previsti

— Studju tal-fattibbiltà u, jekk ikun il-każ, stabbiliment ta' tikketta "FLEGT-Kamerun"

— Ħarsien u ġestjoni tat-tikketta

— Promozzjoni tat-tikketta

— Ħolqien ta' kuxjenza fost fid-diversi swieq tal-Unjoni dwar l-iżgurar tal-legalità li tagħti l-liċenzja FLEGT

Natura tal-akkumpanjament

— Appoġġ finanzjarju

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

— Twettiq tal-azzjonijiet ta' promozzjoni fis-suq tal-Unjoni

II d. *Il-monitoraġġ tas-suq intern tal-injam*

Ġustifikazzjoni

— Kontroll tal-fluss tal-injam ġewwa t-territorju nazzjonali

— Possibbiltà ta' stima tal-kontribuzzjoni tas-suq intern tal-injam (MIB) fl-ekonomija nazzjonali

Azzjonijiet previsti

— Organizzazzjoni tal-MIB

— Titjib tal-qafas legali relatat mal-MIB

— Stabbiliment ta' sistema ta' ġbir tal-istatistiċi

— Stabbiliment ta' sistema ta' traċċabbiltà adattata

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

II e. *L-industrijalizzazzjoni*

Ġustifikazzjoni

— Modernizzar tal-istruttura industrijali

— Diversifikazzjoni tal-produzzjoni (it-tieni u t-tielet ipproċessar)

— Żvilupp tas-suq nazzjonali u reġjonali u stimulazzjoni tal-konsum lokali ta' injam legali

— Titjib tal-proċessi tal-ipproċessar u ta' irkupru tas-sottoprodotti

— Żieda tal-valur miżjud tal-injam mibjugħ għall-esportazzjoni

— Ħolqien ta' impjiegi, taħriġ tal-professjonisti, u parteċipazzjoni fil-ġlieda kontra l-faqar

Azzjonijiet previsti

— Inventarju tas-settur tal-injam fil-Kamerun u tal-konsum ta' prodotti bbażati fuq l-injam fis-suq tal-Kamerun. B'mod partikolari, analiżi tal-injam u tas-settur tal-bini: stat tal-għarfien u tas-swieq, stat tal-użu tal-injam fil-ħabitat, b'mod partikolari fiż-żoni urbani, ħtiġijiet ta' taħriġ, promozzjoni, żvilupp ta' ħabitat bijoklimatiku tal-injam fil-Kamerun

— Konsultazzjoni tal-professjonisti (informali jew le)

— Analiżi tad-dinamiċi u tal-ħtiġijiet

— Elaborazzjoni ta' pjan ta' valorizzazzjoni, ta' żvilupp industrijali u tal-ipproċessar kumplimentari tar-riżorsa ta' injam, b'mod konsistenti mal-PSFE

— Elaborazzjoni tal-istandards tal-ipproċessar

— Elaborazzjoni tal-miżuri ta' inċentiv tal-użu tal-injam (standards ta' kwalità), promozzjoni ta' prodotti ġodda, b'mod konsistenti mal-PSFE

— Promozzjoni tal-ispeċi mhux magħrufa ħafna, b'mod konsistenti mal-PSFE

— Titjib tal-qafas legali relatat mal-industrijalizzazzjoni tas-settur tal-foresti

— Inkoraġġiment għat-trasferiment tat-teknoloġija: titjib tal-effikaċja u tar-rendimenti: analiżi tas-sitwazzjoni, proposti għal kull sotto-settur

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

II f. *Il-monitoraġġ tal-impatti tal-FSV*

Ġustifikazzjoni

— Stima tal-impatt tal-FSV fuq l-ambjent soċjali

— Stima tal-impatt ekonomiku tal-FSV

— Stima tal-effetti tal-FSV fuq l-evoluzzjoni tal-veġetazzjoni.

Azzjonijiet previsti

— Definizzjoni u monitoraġġ tal-indikaturi soċjali

— Stabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ tal-volumi ta' injam sekwestrati

— Stabbiliment tas-sistema ta' monitoraġġ tal-impatt soċjo-ekonomiku u ambjentali

— Evalwazzjoni tal-impatt soċjo-ekonomiku f'nofs l-implimentazzjoni tal-FSV

— Monitoraġġ tal-evoluzzjoni tad-dħul mis-settur tal-foresti

— Infurzar tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ permanenti tal-veġetazzjoni (monitoraġġ tal-artijiet permanenti, xbihat mis-satellita eċċ.)

— Studji tal-impatt dwar: it-tħaddim illegali, l-aċċess għas-suq, l-evoluzzjoni tad-dħul, l-esportazzjonijiet tal-injam, il-kwantitajiet ta' injam sekwestrat

— Monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-infrazzjonijiet u tal-każijiet fil-qorti

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

II g. *Il-monitoraġġ parteċipattiv tal-implimentazzjoni tal-SVL*

Ġustifikazzjoni

— Żgurar ta' tmexxija effikaċi tal-proċess FSV ġewwa t-territorju tal-Kamerun

— Garanzija tal-involviment tal-partijiet interessati kollha

Azzjonijiet previsti

— Appoġġ għall-funzjonament tal-Kumitat Nazzjonali ta' bosta atturi ta' monitoraġġ li jiġbor il-partijiet interessati kollha

— Appoġġ għall-funzjonament tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ (KKM) tal-Ftehim

— Stabbiliment ta' mekkaniżmi ta' tixrid tal-informazzjoni

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

— Appoġġ finanzjarju għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili

II h. *L-immodernizzar tas-sistema ta' traċċabbiltà*

Ġustifikazzjoni

— Qbid tal-flussi tal-injam kollha

— Speċifikazzjoni tal-oriġini ta' kull prodott

— Disponibbiltà dak il-ħin stess tal-informazzjoni kollha relatata mal-produzzjoni, il-fiskalità, l-esportazzjonijiet u l-litigazzjoni

Azzjonijiet previsti

— Finalizzazzjoni tad-deskrizzjoni tas-sistema ta' traċċabbiltà

— Estensjoni tas-Sistema Komputerizzata għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni dwar il-Foresti - it-tieni ġenerazzjoni (SIGIF)

— Stabbiliment tat-tagħmir meħtieġ u l-infrastrutturi

— Żgurar tal-funzjonament tas-sistema ta' traċċabbiltà

— Żgurar tal-ġbir u l-ipproċessar tad-data

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

— Appoġġ finanzjarju għax-xiri tat-tagħmir

II i. *L-infurzar tas-sistema nazzjonali ta' kontroll*

Ġustifikazzjoni

— Titjib tal-effikaċja tal-implimentazzjoni tas-sistema nazzjonali ta' kontroll

Azzjonijiet previsti

— Żvilupp ta' sistema ta' pjanifikar tal-azzjonijiet ta' kontroll

— Elaborazzjoni tal-proċeduri għall-operazzjonijiet ta' kontroll

— Żvilupp tal-miżuri għat-titjib tal-governanza

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

— Tiġdid tal-mekkaniżmu ta' osservazzjoni indipendenti

II j. *Is-sistema ta' verifika tal-legalità*

Ġustifikazzjoni

— Stabbiliment tas-sistema ta' verifika tal-legalità

Azzjonijiet previsti

— Tkomplija tal-elaborazzjoni u tat-testijiet fuq il-post tal-iskali ta' legalità

— Żvilupp tal-proċeduri dettaljati għas-sistema ta' verifika tal-legalità (SVL)

— Formazzjoni u simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-SVL

— Rikonoxximent u pubblikazzjoni tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni privati approvati

— Test tas-sistema tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-legalità

— Evalwazzjoni tal-funzjonament tal-SVL bil-provvista tal-miżuri korrettivi possibbli

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

— Appoġġ finanzjarju għax-xiri tat-tagħmir

II k. *Is-sistema tal-ħruġ tal-liċenzja FLEGT*

Ġustifikazzjoni

— Stabbiliment tas-sistema tal-ħruġ tal-liċenzja FLEGT

Azzjonijiet previsti

— Żvilupp tal-proċeduri dettaljati għall-ħruġ tal- FLEGT

— Simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT fis-settur privat

— Stabbiliment tal-kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni

— Studju tal-fattibbiltà tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT elettroniċi

— Test tas-sistema tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet

— Appoġġ finanzjarju għax-xiri tat-tagħmir

II l. *L-istabbiliment tal-verifika indipendenti*

Ġustifikazzjoni

— Garanzija tal-effikaċja u l-affidabbiltà tal-iskema tal-ħruġ tal-liċenzjiFLEGT allokati fil-qafas tal-FSV.

Azzjonijiet previsti

— Twettiq regolari tal-verifiki indipendenti

— Monitoraġġ tal-azzjonijiet korrettivi introdotti għat-titjib tas-sistema

Natura tal-akkumpanjament

— Appoġġ finanzjarju għat-twettiq tal-verifiki

II m. *Ir-riformi tal-qafas ġuridiku*

Ġustifikazzjoni

— Titjib tal-koerenza tal-qafas legali applikabbli għas-settur tal-foresti

— Tlestija tal-aspetti eżistenti u mhux biżżejjed strutturati jew regolamentati

Azzjonijiet previsti

— Reviżjoni tal-Liġi tal-foresta u tal-leġislazzjoni sussidjarja

— Titjib tal-qafas legali relatat mas-suq intern tal-injam

— Titjib tal-qafas legali relatat mal-foresti Komunitarji, il-foresti tal-komun u l-foresti tal-individwi

— Titjib tal-qafas legali relatat mal-aspetti soċjali u ambjentali

— Integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istrumenti legali internazzjonali ratifikati kif xieraq mill-Kamerun

— Aġġustament mill-ġdid possibbli tal-itabella ta' legalità

— Titjib tal-qafas legali relatat mal-industrijalizzazzjoni tas-settur tal-foresti u tal-ipproċessar kumplimentari

Natura tal-akkumpanjament

— Infurzar tal-kapaċitajiet

II n. *It-tfittxija ta' finanzjamenti supplementari*

Ġustifikazzjoni

— Mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għat-twettiq tal-azzjonijiet speċifiċi tal-FSV meqjusa ta' prijorità u li għalihom il-mezzi għadhom mhux disponibbli

Azzjonijiet previsti

— Bidu tal-operazzjonijiet ta' tfittxija ta' donaturi

Natura tal-akkumpanjament

— Assistenza teknika

ANNESS XI

KUMITAT KONĠUNT TA' MONITORAĠĠ

B'applikazzjoni tal-Artikolu 19, il-partijiet għandhom jistabbilixxu struttura ta' deċiżjoni msejħa "Kunsill Konġunt ta' Implimentazzjoni", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Kunsill' kif ukoll kumitat konġunt għall-iżgurar u l-iffaċilitar tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Ftehim imsejjaħ "Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ" (KKM). Il-KKM għandu jiffaċilita d-djalogu u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet. B'mod partikolari, il-KKM:

(a) għandu jwettaq b'mod regolari missjonjiet komuni għall-verifika tal-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-Ftehim kif ukoll tal-impatt tiegħu, fuq il-bażi tal-informazzjoni rċevuta;

(b) għandu jipproponi d-data li fiha l-iskema ta' liċenzja FLEGT għandha tibda tiffunzjona b'mod operattiv;

(c) għandu jeżamina r-rapporti tal-awditur indipendenti u kwalunkwe ilment li jikkonċerna l-funzjonament tal-iskema ta' liċenzja FLEGT fit-territorju ta' parti waħda jew l-oħra kif ukoll id-diżgwidi ta' terzi fir-rigward tal-funzjonament tal-awditur indipendenti u għandu jipproponi l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet imqajma permezz tar-rapporti tal-verifika indipendenti tas-sistema (VIS);

(d) għandu jiżgura l-monitoraġġ, jekk ikun il-każ, tal-azzjonijiet imwettqa mill-partijiet biex isolvu l-problemi identifikati mill-awditur indipendenti;

(e) għandu jieħu ħsieb l-evalwazzjoni tal-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-Ftehim, b'mod konformi mal-prattiċi tajbin u ma' kriterji li għandhom jiġu deċiżi mill-partijiet u għandu jipproponi soluzzjonijiet utli għal kwalunkwe problema identifikata minn din l-evalwazzjoni;

(f) għandu jiżgura li l-evalwazzjonijiet regolari tal-implimentazzjoni tal-Ftehim jitwettqu, kif ukoll il-kontrolli ċirkostanzjali, jekk ikun il-każ;

(g) għandu jfassal rakkomandazzjonijiet, għall-infurzar tal-kisba tal-objettivi tal-Ftehim, fost oħrajn l-infurzar tal-kapaċitajiet u l-parteċipazzjoni tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili;

(h) għandu jħejji, fuq il-bażi tal-informazzjoni li ġejja mill-partijiet, rapport annwali li għandu jissottometti lill-Kunsill,

(i) għandu jieħu ħsieb il-monitoraġġ u t-tħejjija ta' rapporti dwar is-sitwazzjoni tas-swieq f'intervalli regolari; għandu jipproponi studji jekk meħtieġ u għandu jirrakkomanda l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu skont ir-rapporti dwar l-analiżi tas-swieq;

(j) għandu jeżamina l-proposti ta' emendi magħmula minn parti waħda jew l-oħra dwar dan il-Ftehim jew l-Annessi tiegħu skont il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 29 u għandu jifformula rakkomandazzjoni ta' emenda għall-Kunsill għal evalwazzjoni;

(k) għandu jieħu r-responsabbiltà, fuq proposta ta' parti waħda jew l-oħra, għal kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(l) fuq struzzjoni tal-Kunsill, għandu jipprova jsib soluzzjoni aċċettabbli, f'każ ta' tilwim bejn il-partijiet, dwar l-applikazzjoni u/jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, kif deskritt fl-Artikolu 24.